

## ENRD Ultra-Light

### Introduzzjoni għall-ENRD Ultra-Light

#### Merħba fl-ENRD Ultra-Light!


In-Network Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (ENRD) jgħaqqad flimkien lill-partijiet interessati fl-iżvilupp rurali tal-Unjoni Ewropea (UE) kollha. Skopri kif l-ENRD ikkontribwixxa għall-implimentazzjoni effettiva tal-Programmi tal-Iżvilupp Rurali tal-Istati Membri permezz tal-ħolqien u l-qsim tal-għarfien, kif ukoll permezz tal-iffaċilitar tal-iskambju ta' informazzjoni u tal-kooperazzjoni fl-Ewropa rurali. Biex tibda, agħfas fuq dawn il-buttni biex tniżżel l-introduzzjoni qasira tagħna għall-ENRD f'format PDF [PDF [en](#) [fr](#) [de](#) [it](#) [es](#) [pl](#) [el](#) [nl](#) [pt](#) [hu](#) [fi](#) [ro](#) [cs](#) [bg](#) [da](#) [et](#) [lt](#) [lv](#) [mt](#) [sk](#) [sl](#) [sv](#) [hr](#) ]. Tista' ssib informazzjoni aktar dettaljata dwar l-għanijiet, il-partijiet interessati u l-benefiċjarji tal-ENRD, l-istruttura tiegħu, il-Punt ta' Kuntatt tal-ENRD, il-bażi legali għall-ENRD u sett ta' dokumenti rilevanti [onlajn](#).

Dan il-manwal jipprovdi introduzzjoni dettaljata għall-ħidma tal-ENRD, u jiggwidak biex issib informazzjoni addizzjonali fuq is-sit elettroniku tal-ENRD. Il-manwal huwa maħsub biex jagħtik ħarsa ġenerali komprensiva tal-ħidma tal-ENRD fl-iżvilupp rurali u biex jiffaċilita l-involvement tiegħek fl-ENRD. Inkludejna ħoloq għal paġni elettroniċi b'informazzjoni addizzjonali għal kull suġġett biex inti tkun tista' tesplora dak kollu li jinteressa f'aktar dettall online. Is-sit elettroniku tal-ENRD huwa disponibbli bil-lingwi li ġejjin: l-Ingliż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, it-Taljan, l-Ispanjol u l-Pollakk. Partijiet minnu huma disponibbli wkoll bil-Grieg, bil-Portugiż, bir-Rumen, bl-Olandiż, bl-Ungeriż, bil-Finlandiż, biċ-Ċek u bil-Bulgaru. Jekk jogħġbok innota li hemm ftit links għal siti elettroniċi esterni, li jistgħu jkunu bl-Ingliż jew lingwi oħra.

Dan id-dokument huwa maħsub għal partijiet interessati li s-sit elettroniku tal-ENRD mhuwiex disponibbli fl-ewwel lingwa tagħhom. Importanti, huwa ma jirreplikax il-kontenut tas-sit elettroniku sħiħ - l-għan huwa li jipprovdi sommarji tas-sezzjonijiet kollha tas-sit elettroniku u jagħtik diversi "punti ta' dħul" fir-riżorsi online. Għalhekk **id-dokument huwa strutturat bl-istess mod bħas-sit elettroniku tal-ENRD, sabiex jirrifletti l-kontenut tiegħu mill-31 ta' Diċembru 2013.**

- ! Il-parti l-kbira ta' dan id-dokument tipprovdi l-ħarsa ġenerali tal-politika taż-ŻR u l-attivitajiet relatati tal-ENRD fil-**perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013**.
- ! Jekk inti interessat prinċipalment fil-**perjodu ta' programmazzjoni li jmiss (2014-2020)**, mur mill-ewwel f'[din is-sezzjoni](#).

Matul id-dokument nużaw ċerti funzjonijiet biex niffaċilitaw in-navigazzjoni :

- [PDF [en](#)] Hemm dokument PDF disponibbli biex jitniżżel fil-lingwa indikata
-  Hemm informazzjoni addizzjonali disponibbli online għall-pajjiż indikat.
- [Aħdar](#) jindika link intern fi dhan id-dokument.
- [Oranġjo](#) jindika link għas-sit elettroniku tal-ENRD.
- [Blu](#) iindika link għal sit elettroniku estern.

Nittamaw li ssib dan id-dokument utli.

## Werrej

### 1. Il-Politika fl-Azzjoni

#### 1.1. Ħarsa Ġenerali tal-Politika ta' Żvilupp Rurali

##### 1.1.1. Strateġiji nazzjonali

##### 1.1.2. Programmi Nazzjonali u Reġjonali

##### 1.1.3. Assi u Miżuri

##### 1.1.4. Implimentazzjoni tal-Programmi

#### 1.2. Il-Politika ta' Żvilupp Rurali f'Ċifri

##### 1.2.1. Skedi ta' Informazzjoni Tematiċi

##### 1.2.2. Skedi ta' Informazzjoni dwar il-PŻR

##### 1.2.3. Skedi ta' informazzjoni dwar il-miżuri

##### 1.2.4. Tabelli tal-indikaturi ta' monitoraġġ tal-PŻR

#### 1.3. Database tal-Proġetti tal-PŻR

#### 1.4. Titjib tal-Implimentazzjoni

##### 1.4.1. Tipoloġiji u Mmirar

##### 1.4.2. L-Agrikoltura u l-Ekonomija Rurali

##### 1.4.3. Kunsenja ta' prodotti pubbliċi

##### 1.4.4. Mekkaniżmi ta' kunsenja

##### 1.4.5. LEADER

#### 1.5. Il-PAK lejn l-2020

##### 1.5.1. L-iżvilupp rurali fil-perjodu 2014-2020

- Ħarsa Ġenerali tal-Politika 2014-2020
  - Prijoritajiet tal-Iżvilupp Rurali
    - Trasferiment tal-Għarfien
    - Kompetittività
    - Katina alimentari
    - Ekosistemi
    - Effiċjenza fir-riżorsi
    - Inklużjoni soċjali
- Leġislazzjoni u Linji gwida
- Ippjanar tal-PŻR
- Implimentazzjoni tal-PŻR
- Intuwiti mill-perjodu 2007-2013
  - Programmazzjoni u Implimentazzjoni
  - Trasferiment tal-Għarfien u l-Innovazzjoni
  - Intraprenditorija Rurali
  - Strumenti Finanzjarji
  - Katina alimentari
  - L-Ambjent u t-Tibdil fil-klima
  - Inklużjoni Soċjali
  - CLLD, LEADER u TNC
  - Netwerking għall-Iżvilupp Rurali
  - Monitoraġġ u Evalwazzjoni
- Monitoraġġ u Evalwazzjoni
- Netwerking għall-Iżvilupp Rurali
- Żvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità
- Pajjiżi Kandidati u Pajjiżi Kandidati Potenzjali

## [1.6. Komunikazzjoni tal-Iżvilupp Rurali](#)

### [2. Pajjiż](#)

### [3. Temi](#)

[3.1. Agrikoltura](#)

[3.2. Ambjent](#)

[3.3. Prodotti pubbliċi](#)

[3.4. Intraprenditorija](#)

[3.5. Iż-Żgħażaġħ u l-bdiewa żgħażaġh](#)

[3.6. Forestrija](#)

[3.7. ICT](#)

[3.8. Rabtiet rurali-urbani](#)

[3.9. Aspetti soċjali](#)

[3.10. Trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni](#)

### [4. LEADER](#)

[4.1. Sett ta' Għodod ta' LEADER](#)

[4.2. Database tal-LAGs](#)

[4.3. Analiżi ta' LEADER](#)

[4.4. Librerija dwar LEADER](#)

[4.5. Avvenimenti ta' LEADER](#)

[4.6. TNC](#)

### [5. Netwerks u Netwerking](#)

[5.1. Informazzjoni dwar l-NRNs](#)

[5.2. Raggruppamenti ta' NRNs](#)

[5.3. Organizzazzjonijiet tal-UE](#)

[5.4. FARNET](#)

[5.5. Netwerk Ewropew ta' Evalwazzjoni](#)

[5.6. Sett ta' għodod għall-awtovalutazzjoni tal-NRNs](#)

[5.7. Valur miżjud tan-netwerking](#)

[5.8. Sett ta' Għodod tal-NRNs](#)

### [6. Pubblikazzjonijiet u l-Midja](#)

[6.1. Reviżjoni Rurali tal-UE](#)

[6.2. Rivista tal-ENRD](#)

[6.3. Fuljetti ta' Proġetti tal-FAEŻR](#)

[6.4. Pubblikazzjonijiet tematiċi](#)

[6.5. Gallerija tal-Midja](#)

### [7. Avvenimenti u Laqgħat](#)

### [8. Kuntatti](#)

## 1. Politika fl-Azzjoni


Iż-żoni rurali fis-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, li jikkostitwixxu 90% tat-territorju tagħhom u huma d-dar ta' aktar minn nofs il-popolazzjoni, jikkostitwixxu qasam ta' politika ta' importanza vitali. *Politika fl-Azzjoni* tistiednek tesplora xi tfisser fil-prattika l-politika ta' żvilupp rurali, billi tħares lejn il-livelli ta' politika Ewropej, nazzjonali u reġjonali, li kollha huma appoġġati mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). Pereżempju tista' ssib informazzjoni dwar il-Programmi tal-Iżvilupp Rurali (PŻR), statistika li tittraċċa l-progress tagħhom, firxa kbira ta' proġetti tal-PŻR, u titgħallem dwar il-ħidma analitika tal-ENRD dwar kif tista' tiġi mtejba l-implimentazzjoni tal-politika billi tfittex fis-sezzjonijiet li ġejjin:

- [Ħarsa Ġenerali tal-Politika ta' Żvilupp Rurali](#)
- [Il-Politika ta' Żvilupp Rurali f'Ċifri](#)
- [Database tal-Proġetti tal-PŻR](#)
- [Titjib tal-Implimentazzjoni](#)
- [Il-PAK lejn I-2020](#)
- [Komunikazzjoni tal-Iżvilupp Rurali](#)

### 1.1. Ħarsa ġenerali lejn il-politika ta' żvilupp rurali

B'aktar minn nofs il-popolazzjoni tal-UE tgħix barra mill-iblet u biż-żoni rurali jammontaw għal 90% tat-territorju tas-27 Stat Membru - l-iżvilupp rurali huwa qasam politiku ta' importanza vitali. Il-biedja u l-forestrija jibqgħu kruċjali għall-immaniġġar tar-riżorsi naturali fiż-żoni rurali tal-UE kif ukoll pjattaforma għad-diversifikazzjoni ekonomika fil-komunitajiet rurali.

L-għanijiet prinċipali tal-**Politika Agrikola Komuni (PAK) tal-UE** baqgħu konsistenti matul is-snin, iżda r-riformi suċċessivi wasslu għal bidliet fl-istrumenti użati. Oriġinarjament, elementi tal-politika ta' żvilupp rurali kienu inkorporati fil-PAK. FI-2000 saret operattiva politika ta' żvilupp rurali separata u speċifika tal-UE meta l-PAK kienet riorganizzata f'żewġ pilastru. L-ewwel pilastru tal-PAK ikopri l-pagamenti diretti u miżuri għas-suq u t-tieni pilastru tal-PAK ikopri l-Programmi tal-Iżvilupp Rurali (PŻR) multiannwali. Iż-żewġ pilastru huma kumplimentari biex jilhqqu l-għanijiet ġenerali tal-PAK.



Informazzjoni relatata:

- [Il-ħarsa ġenerali tal-politika ta' Żvilupp Rurali 2007-2013](#)
- Il-Politika ta' Żvilupp Rurali tal-UE 2007-2013 [ [PDF](#) [en](#) ]

Kienu introdotti reviżjonijiet għall-iżvilupp rurali tal-UE bħala riżultat ta' proċess ta' reviżjoni tal-politika tal-PAK, magħruf bħala l-**'Kontroll tas-Saħħa' tal-politika agrikola u rurali tal-UE**. Dan wassal għall-introduzzjoni ta' sensiela ta' bidliet ta' politika, maqbula bejn il-mexxejja tal-UE fl-2008. Il-Kontroll tas-Saħħa pprova l-opportunità sabiex ikun assigurat li l-politiki jiġu aġġustati sabiex jilqgħu aħjar għad-diversi sfidi u opportunitajiet ġodda li jaffettwaw lill-Ewropa rurali, bħat-tibdil fil-klima u d-domanda dejjem tiżdied għall-enerġija rinnovabbli. Agħfas [hawn](#) biex taqra aktar dwar il-Kontroll tas-Saħħa tal-PAK.

Informazzjoni relatata:

- Biex tara l-ktejjeb tal-kummissjoni dwar il-"Politika ta' Żvilupp Rurali tal-UE: Niffaċċjaw l-isfidi" agħfas hawn [[PDF en](#)].
- Skeda Informattiva "Ħarsa ġenerali tal-Kontroll tas-Saħħa tal-PAK u l-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku - Modifika tal-PŻR" [[PDF en](#)]

Il-qafas ta' politika tal-UE għall-iżvilupp rurali huwa artikolat f'erba' livelli, jiġifieri: (i) linji gwida strateġiċi Ewropej; (ii) Strateġiji nazzjonali; (iii) Programmi Nazzjonali jew Reġjonali; u (iv) Assi u miżura tal-intervent. Din l-istruttura tipprovdi qafas ta' referenza komuni għall-ippjanar u l-programmazzjoni tal-Istati Membri individwali, iggwidat mil-Linji gwida Strateġiċi tal-UE. L-għan huwa li, fi hndan il-linji gwida komuni tal-UE, l-Istati Membri u fejn ikun xieraq ir-reġjuni, jartikulaw prijoritajiet strateġiċi għall-iżvilupp rurali, jiżviluppaw programmi u, jagħżlu miżuri li jwieġbu għall-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi tal-iżvilupp rurali taż-żona tagħhom.

Aċċessa informazzjoni aktar dettaljata dwar il-livelli differenti billi tuża l-links ta' hawn taħt:

- [Linji Gwida Strateġiċi tal-UE għall-Iżvilupp Rurali](#) jistabbilixxu l-prijoritajiet tal-UE għall-perjodu 2007-2013 taħt it-tliet għanijiet prinċipali.
- [Pjanijiet ta' Strateġija Nazzjonali għall-Iżvilupp Rurali](#) jirriflettu l-prijoritajiet tal-UE skont is-sitwazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat.
- [Programmi Nazzjonali jew Reġjonali għall-Iżvilupp Rurali](#) jirriflettu l-prijoritajiet operattivi.
- [Implimentazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni tal-programmi](#), monitoraġġ u evalwazzjoni, ibbażati fuq il-qafas tal-UE.

Fis-sit elettroniku tal-ENRD tista' ssib informazzjoni addizzjonali taħt il-[Mistoqsijiet Frekwenti](#) dwar ir-regolamentazzjoni tal-iżvilupp rurali.

Il-Politika ta' Żvilupp Rurali hija approċċ strateġiku li jiddefinixxi l-prijoritajiet tal-UE għall-iżvilupp rurali. Fi Frar 2006 il-Kunsill adotta l-[Linji Gwida Strateġiċi tal-UE għall-iżvilupp rurali](#). Il-linji gwida strateġiċi jispjegaw fil-qosor il-fokus tal-politika ta' żvilupp rurali fi tliet oqsma prinċipali, jiġifieri: l-ekonomija agro-alimentari, l-ambjent u l-ekonomija rurali aktar ġenerali u l-popolazzjoni. Il-linji gwida jipprovdu l-bażi li fuqha l-Istati Membri jippreparaw il-pjanijiet ta' strateġija nazzjonali tagħhom għall-iżvilupp rurali għall-perjodu 2007-2013. Tista' ssib aktar dwar il-[pjanijiet ta' strateġija nazzjonali](#) hawn taħt. Min-naħa tagħhom l-istrateġiji nazzjonali jinfurmaw il-programmi tal-iżvilupp rurali, li huma żviluppanti madwar erba' assi tematiċi ta' intervent. Ara aktar dwar il-pjanijiet nazzjonali u reġjonali [hawn](#).

### 1.1.1. Strateġiji nazzjonali

Kull Stat Membru żviluppa l-**Pjan ta' Strateġija Nazzjonali** (PSN) proprju tiegħu għall-iżvilupp rurali, ibbażat fuq il-Linji Gwida Strateġiċi tal-UE, li jieħu kont sħiħ taċ-ċirkustanzi u l-ħtiġijiet speċifiċi fil-



pajjiż tagħhom. Biex issir taf aktar dwar l-Istrateġija ta' Stati Membri individwali [zur il-mappa interattiva tagħna](#) u agħżel il-pajjiż li jinteressak.

Il-Pjanijiet ta' Strateġija Nazzjonali huma maħsuba sabiex jipprovdu għodda ta' referenza għall-programmazzjoni. L-istrateġija jiġu implimentati bi Programmi tal-Iżvilupp Rurali għall-pajjiż sħiħ jew, f'xi Stati Membri, għal kull reġjun amministrattiv.

L-istrateġija nazzjonali jgħinu sabiex:

- Jiġu identifikati l-oqsma fejn l-użu tal-appoġġ tal-UE għall-iżvilupp rurali jżid l-akbar valur.
- Jagħmlu r-rabta mal-prijoritajiet prinċipali tal-UE, inklużi dawk stabbiliti taħt l-aġenda ta' Lisbona (strateġija għat-tkabbir u l-impjieg) u l-aġenda ta' Göteborg (għanijiet dwar is-sostenibbiltà).
- Jassiguraw il-konsistenza ma' politiki oħra tal-UE, b'mod partikolari dawk għall-koeżjoni ekonomika u l-ambjent.
- Jassistu fl-implimentazzjoni tal-PAK il-ġdida orjentata lejn is-suq u r-ristrutturar neċessarju li jinvolvi fl-Istati Membri l-qodma u l-ġodda.

Il-Pjanijiet ta' Strateġija Nazzjonali jinkludu:

- Evalwazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika, soċjali u ambjentali u l-potenzjal għall-iżvilupp.
- L-istrateġija magħżula għal azzjoni konġunta mill-UE u l-Istat Membru kkonċernat, li turi l-konsistenza tal-għażliet magħmula mal-linji gwida strateġiċi tal-UE.
- Il-prijoritajiet tematiċi u territorjali għall-iżvilupp rurali taħt kull assi, inklużi l-għanijiet prinċipali kwantifikati u l-indikaturi xierqa għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.
- Lista tal-programmi taż-żvilupp rurali li jkun qegħdin jimplimentaw il-pjan ta' strateġija nazzjonali u allokkazzjoni indikattiva mill-FAEŻR għal kull programm.
- Il-mezzi sabiex tiġi assigurata l-koordinazzjoni mal-istrumenti l-oħra tal-politika agrikola komuni u jekk ikun xieraq, il-baġit sabiex jintlaħqu l-Objettivi ta' Konverġenza.
- Deskrizzjoni tal-arranġamenti u l-baġit għall-istabbiliment tan-netwerk rurali nazzjonali fl-Istat Membru.

### 1.1.2. Programmi Nazzjonali u Reġjonali

Kull Stat Membru jimplimenta l-politika ta' żvilupp rurali għall-perjodu 2007-2013 permezz tal-Programm(i) tal-Iżvilupp Rurali (PŻR) tiegħu. Stat Membru jista' jkollu jew programm wieħed għat-territorju sħiħ tiegħu jew sett ta' programmi reġjonali. Il-PŻR huma konsistenti mal-[Linji Gwida Strateġiċi komuni tal-UE](#) u mal-[Pjan ta' Strateġija Nazzjonali](#) ta' kull Stat Membru. Biex issir taf aktar dwar il-Programmi tal-Iżvilupp Rurali ta' Stati Membri individwali [zur il-mappa interattiva tagħna](#) u agħżel il-pajjiż li jinteressak.

Irrispettivament minn jekk Stat Membru jkollux programm wieħed jew sett ta' programmi reġjonali, kull Programm ta' Żvilupp Reġjonali jinkludi:

- Analiżi tas-sitwazzjoni fiż-żoni rurali f'termini tas-saħħiet u d-dgħufijiet u l-istrateġija magħżula sabiex jintlaħqu.
- Ġustifikazzjoni tal-prijoritajiet magħżula, fir-rigward tal-linji gwida strateġiċi tal-UE u l-pjan ta' strateġija nazzjonali, kif ukoll l-impatt mistenni.
- Informazzjoni dwar l-assi u l-miżuri proposti għal kull assi u d-deskrizzjoni tagħhom, inklużi l-għanijiet speċifiċi verifikabbli u l-indikaturi li jagħmluha possibbli li jitkejju l-progress, l-effiċjenza u l-effikaċja tal-programm.

- Pjan tal-finanzjament, li jinkludi dettalji tal-kontribuzzjoni totali mill-FAEŻR u l-finanzjament pubbliku nazzjonali/reġjonali korrispondenti ppjanati għal kull sena u għall-perjodu ta' programmazzjoni sħiħ għal kull assi + analiżi indikattiva tal-ammonti inizjali skont il-miżura.
- Informazzjoni dwar il-kumplimentarjetà mal-miżuri ffinanzjati mill-istrumenti l-oħra tal-politika agrikola komuni, permezz tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll permezz tal-istrument ta' appoġġ Komunitarju għas-sajd.
- Dettalji tal-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Programmi, inkluża l-ħatra tal-awtoritajiet kollha rilevanti u deskrizzjoni fil-qosor tal-istrutturi ta' ġestjoni u kontroll.
- Deskrizzjoni tas-sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, kif ukoll il-kompożizzjoni tal-Kumitat ta' Monitoraġġ.
- Dettalji tal-pjanijiet sabiex ikun assigurat li l-programm jiġi pubbliċizzat.

Il-qafas tal-politika ta' żvilupp rurali joffri 'menu' ta' 41 miżura. L-Istati Membri jagħżlu minn dan il-menu dawk il-miżuri li l-aħjar li jaqdu l-ħtiġijiet taż-żoni rurali tagħhom. Dawn imbagħad jiġu inklużi fil-programmi nazzjonali jew reġjonali tagħhom. Il-kontribuzzjoni tal-UE għall-finanzjament tal-miżuri tiddependi fuq il-miżura nnifisha u l-għażliet speċifiċi magħmula fil-livell ta' programm. Għal aktar dettalji dwar il-miżuri tal-PŻR, ara r-[Regolament tal-Kunsill \(KE\) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005](#) (appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)).

Għal aktar dettalji dwar miżuri individwali skont l-Assi, agħfas fuq il-links li ġejjin:

- [Assi 1 - Titjib tal-kompetittività tas-settur agrikolu u tal-forestrija](#)
- [Assi 2 - Titjib tal-ambjent u l-pajsaġġ](#)
- [Assi 3 - Il-kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali u d-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali](#)
- [Assi 4 - LEADER](#)

Għad-dettalji dwar ir-regoli ta' implimentazzjoni, [agħfas hawn](#) (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006).

### 1.1.3. Assi u Miżuri

Sabiex tkun assigurata strateġija bilanċjata, huwa meħtieġ finanzjament minimu għal kull assi tematiku. Il-perċentwali ta' finanzjament minimu propost ta' 10 %, 25 % u 10 % rispettivament għall-assi 1, 2 u 3 huma salvagwardja sabiex ikun assigurat li kull programm jirrifletti tal-anqas it-tliet għanijiet prinċipali tal-politika, iżda l-perċentwali huma stabbiliti b'mod suffiċjentement baxx sabiex iħallu lill-Istati Membri jew lir-reġjuni marġini għoli ta' flessibiltà (55 % tal-finanzjament mill-UE) sabiex jenfasizzaw l-assi tal-politika li jixtiequ minħabba s-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet tagħhom. Għall-assi LEADER huwa riservat minimu ta' 5 % (2.5 % għall-Istati Membri ġodda) tal-finanzjament mill-UE għal kull programm. In-nefqa ta' LEADER tgħodd għat-tliet assi tal-politika.

Il-politika tipprovdi sett ta' għodod (miżuri) li jistgħu jagħżlu minnhom l-Istati Membri kollha u li għalihom jistgħu jirċievu appoġġ finanzjarju mill-UE sabiex jimplimentaw Programmi ta' Żvilupp Rurali integrati. Kull assi jiġi implimentat permezz ta' dan il-menu ta' miżuri.

Assi 1: biex itejjeb il-kompetittività tas-settur agrikolu u tal-forestrija billi jinkludi firxa ta' miżuri mmirati lejn il-kapital uman u fiżiku fl-agrikoltura, is-setturi tal-ikel u l-forestrija (promozzjoni tat-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni) u l-produzzjoni tal-kwalità. Biex tara l-miżuri kollha tal-Assi 1 [agħfas hawn](#).

Assi 2: biex itejjeb l-ambjent u l-pajsaġġ, billi jipprovdi miżuri għall-protezzjoni u t-titjib tar-riżorsi naturali, kif ukoll il-preservazzjoni ta' sistemi tal-biedja u l-forestrija u pajsaġġi kulturali ta' valur għoli fiż-żoni rurali tal-Ewropa. Biex tara l-miżuri kollha tal-Assi 2 [agħfas hawn](#).

Assi 3: biex itejjeb il-kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali u d-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali, billi joffri appoġġ sabiex jiġu żviluppati l-infrastruttura lokali u l-kapital uman fiż-żoni rurali, biex itejjeb il-kundizzjonijiet għat-ktabbir u l-ħolqien tal-impjegi fis-setturi kollha u d-diversifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi. Biex tara l-miżuri kollha tal-Assi 3 [agħfas hawn](#).

Assi 4: fuq il-bażi tal-esperjenza ta' **LEADER**, jintroduċi possibbiltajiet għal governanza innovattiva premezz ta' approċċi għall-iżvilupp rurali, ibbażati lokalment, minn isfel għal fuq. Biex tara l-miżuri kollha tal-Assi 4 [agħfas hawn](#).

#### 1.1.4. Implimentazzjoni tal-programmi

Hija r-responsabilità prinċipalment tal-Awtoritajiet Maniġerjali (AM) tal-Istati Membri li jimplimentaw il-Programmi tal-Iżvilupp Rurali (PŻR). Xi Stati Membri għandhom PŻR wieħed, filwaqt li oħrajn għandhom numru ta' PŻR reġjonali. Il-PŻR kollha huma bbażati fuq il-qafas ta' erba' assi u menu ta' miżuri. Biex taqra aktar dwar l-assi u l-miżuri, ara [din is-sezzjoni](#).

Fil-każijiet kollha, l-aċċess tal-benefiċjarji għall-fondi allokat għall-miżuri individwali huwa stabbilit mill-kriterji tal-eliġibbiltà. Pereżempju, il-pożizzjoni u/jew id-daqs tar-razzett, l-użu tal-art, eċċ. Għal bosta miżuri, huma definiti wkoll il-kriterji tal-għażla. L-użu tal-kriterji ta' eliġibbiltà u tal-għażla huma element importanti li jippermetti l-immirar tal-fondi tal-FAEŻR sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-PŻR. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-benefiċjarji potenzjali japplikaw għal finanzjament relatat ma' miżura speċifika waħda jew aktar. Dawn l-applikazzjonijiet imbagħad jiġu valutati u, jekk ikunu aċċettati, il-benefiċjarji jgawdu mill-appoġġ tal-FAEŻR, skont it-termini ta' ftehim mal-awtoritajiet rilevanti. Il-mekkaniżmi eżatti ta' kunsenja li jiġu applikati jvarjaw minn Stat Membru għall-ieħor u minn miżura għall-oħra.

Il-ħidma analitika tal-ENRD tiffoka fuq il-fehim aħjar tal-implimentazzjoni tal-PŻR sabiex ikun jista' jsir titjib abbażi ta' dan.

- Għal aktar informazzjoni dwar suġġetti individwali fittex fis-[sezzjoni tematika](#).
- Għal aktar informazzjoni dwar kwistjonijiet u suġġetti tal-implimentazzjoni orizzontali fittex fis-sezzjoni tat-[titjib tal-implimentazzjoni](#).

**Il-Qafas Komuni għall-Monitoraġġ u l-Evalwazzjoni (CMEF)** jipprovdi qafas uniku għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-interventi kollha tal-iżvilupp rurali għall-perjodu ta' programmazzjoni tal-2007 sal-2013. Is-CMEF jistabbilixxi bażi sabiex titjeb il-prestazzjoni tal-programmi, billi jassigura l-kontabilità tal-programmi u jippermetti valutazzjoni tal-kisba tal-għanijiet stabbiliti. Is-CMEF huwa definit f'sensiela ta' dokumenti mfassla mill-Kummissjoni u maqbula mill-Istati Membri. [Hawn](#), tista' ssib aktar informazzjoni dwar is-CMEF.

F'kull Stat Membru, l-Awtorità Maniġerjali u l-Kumitat ta' Monitoraġġ jimmonitorjaw kull PŻR permezz ta' indikaturi finanzjarji, tal-outputs u tar-riżultati. Sat-30 ta' Ġunju, kull Awtorità Maniġerjali tibgħat lill-Kummissjoni Rapport Annwali tal-Progress dwar l-implimentazzjoni tal-programmi. Ir-Rapporti Annwali tal-Progress jinkludu:



- Tabella li turi l-implimentazzjoni finanzjarja tal-Programm, li tipprovdi dikjarazzjoni tal-fondi mħallsa lill-benefiċjarji matul is-sena kalendarja għal kull miżura.
- Tabelli ta' monitoraġġ li jinkludu informazzjoni kwantitattiva bbażata fuq indikaturi tal-outputs u tar-riżultati.

Il-Kummissjoni tirreġistra d-dejta kollha tal-monitoraġġ fi ħdan Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Iżvilupp Rurali (RDIS).

L-ENRD jikkontribwixxi għall-validazzjoni tal-indikaturi tal-monitoraġġ u jipproduċi skedi ta' informazzjoni li jipprovdu ritratt ta' kif tkun miexja 'l quddiem l-implimentazzjoni f'kull Stat Membru u l-PŻR u għall-biċċa l-kbira tal-miżuri individwali. Għal aktar informazzjoni dwar kif imxiet 'il quddiem l-implimentazzjoni tal-PŻR [aġġfas hawn](#).

Informazzjoni addizzjonali:

- [Indikaturi finanzjarji u fiżiċi fuq livell tal-UE27 u tal-Istati Membri](#)
- [Indikaturi tal-outputs għal kull miżura fuq livell tal-UE27](#)

Għal aktar informazzjoni dwar l-evalwazzjoni tal-PŻR u s-CMEF b'mod ġenerali, ara s-sit elettroniku tan-[Netwerk Ewropew ta' Evalwazzjoni](#).

## 1.2. Il-Politika ta' Żvilupp Rurali f'Ċifri

Fid-dawl tal-[Linji Gwida Strateġiċi tal-UE](#) għall-perjodu 2007-2013, is-27 Stat Membru tal-UE żviluppaw l-istrateġija nazzjonali tagħhom għall-iżvilupp rurali, ibbażata fuq l-analiżi tal-ħtiġijiet proprji tagħhom. Il-Programmi tal-Iżvilupp Rurali nazzjonali/reġjonali 2007-2013 iwasslu l-għanijiet tal-istrateġija nazzjonali permezz tal-implimentazzjoni ta' miżuri kofinanzjati mill-FAEŻR. L-Awtorità Maniġerjali ta' kull PŻR, flimkien mal-Kumitat ta' Monitoraġġ, isegwu l-progress u l-kisbiet tal-programm permezz ta' indikaturi finanzjarji, tal-outputs u tar-riżultati marbuta mal-miżuri, kif definiti mill-[Qafas Komuni għall-Monitoraġġ u l-Evalwazzjoni](#). Dawn l-indikaturi jintużaw bħala għodod sabiex jiġi valutat safejn inkisbu l-għanijiet (miri) mistennija fuq livell tal-miżura waħdanija u tal-programm sħiħ.

Kull sena l-ENRD ipproduċa skedi ta' informazzjoni fil-qosor dwar il-progress tal-PŻR fuq livell tal-UE bbażati fuq id-dejta dwar il-monitoraġġ tal-PŻR magħmula disponibbli mill-Kummissjoni. Ir-ritratti huma għodod ta' referenza ta' malajr li juru s-sitwazzjoni attwali tal-politika ta' żvilupp rurali tal-UE, jissottolinjaw ir-rabtiet bejn ir-riżorsi u r-riżultati u jipprovdu lill-utenti interessati ħarsa informata dwar il-programmi. Hija pprovdata informazzjoni għas-27 Stat Membru kollha tal-UE, li tkopri 88 programm nazzjonali u reġjonali.

Tista' wkoll tniżżel il-fuljett 'Il-Politika ta' Żvilupp Rurali f'Ċifri'. [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [de](#) [it](#) [es](#) [pl](#) ]

Informazzjoni aktar dettaljata dwar id-dejta tal-indikaturi finanzjarji u tal-outputs għadha tista' tinstab fit-[tabelli tal-indikaturi ta' monitoraġġ tal-PŻR](#) iddedikati.

### 1.2.1. Skedi ta' informazzjoni tematiċi

Din is-sensiela ta' skedi ta' informazzjoni tipprovdi stampa ċara tal-intervent tal-politika ta' żvilupp rurali skont it-tema, li tossottolinja r-rabtiet bejn il-prijoritajiet tal-politika, il-miżuri ta' implimentazzjoni u l-eżiti attwali tagħhom fil-post. L-iskedi ta' informazzjoni tematiċi jispjegaw fil-

qosor il-qafas kunċettwali wara l-intervent tal-politika (il-prijoritajiet stabbiliti fuq livell tal-UE u t-traduzzjoni tagħhom f'azzjonijiet) u jiddeskrivu l-għodod (miżuri) li permezz tagħhom jiġu implimentati dawn il-prijoritajiet. Huma jipprovdu wkoll indikazzjoni tal-benefiċjarji potenzjali, il-gruppi u ż-żoni fil-mira, jagħtu informazzjoni dwar l-allokazzjoni u n-nefqa baġitarja globali fuq livell tal-UE 27; jindikaw ir-riżultati miksuba. Fl-aħħar nett huma jinkludu eżempji speċifiċi ta' dawn l-interventi permezz tad-deskrizzjoni tal-proġetti li tiġi mid-database tal-proġetti tal-PŻR [tal-ENRD](#).

- Skeda ta' informazzjoni tematika Nru 1 - Promozzjoni tat-trasferiment tal-għarfien u l-investment fil-kapital uman [[PDF en](#)]
- Skeda ta' informazzjoni tematika Nru 2 - Investimenti fil-kapital fiżiku u l-modernizzazzjoni [[PDF en](#)]
- Skeda ta' informazzjoni tematika Nru 3 - Promozzjoni tal-produzzjoni agrikola skont tikketti / standards tal-kwalità rikonoxxuti [[PDF en](#)]
- Skeda ta' informazzjoni tematika Nru 4 - Appoġġ għall-irziezet fl-Istati Membri ġodda biex jidħlu fis-suq [[PDF en](#)]
- Skeda ta' informazzjoni tematika Nru 5 - Preservazzjoni tar-riżorsi naturali u l-pajsaġġi agrikoli tal-UE [[PDF en](#)]
- Skeda ta' informazzjoni tematika Nru 6 - Appoġġ għall-forestrija [[PDF en](#)]
- Skeda ta' informazzjoni tematika Nru 7 - Inkoraġġiment tad-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali [[PDF en](#)]
- Skeda ta' informazzjoni tematika Nru 8 - Titjib tal-kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali [[PDF en](#)]

Informazzjoni dettaljata dwar id-dejta tal-indikaturi finanzjarji u tal-outputs tista' tinstab fit-[tabelli tal-indikaturi ta' monitoraġġ tal-PŻR](#) iddedikati.
























### 1.2.2. Skedi ta' informazzjoni dwar il-PŻR

L-iskedi ta' informazzjoni dwar il-progress tal-PŻR jippreżentaw "ritratti" tal-progress miksub f'kull wieħed mill-programmi ta' żvilupp rurali implimentati madwar l-UE billi jipprovdu informazzjoni aġġornata dwar: l-implimentazzjoni finanzjarja tal-programmi (nefqa pubblika totali); il-progress ġenerali tal-PŻR f'termini tal-outputs (informazzjoni fil-qosor dwar l-aktar miżuri importanti) u; it-tqabbil mal-miri għall-perjodu 2007-2013. L-informazzjoni tiġi pprovduta fuq livell nazzjonali u reġjonali. Huwa disponibbli wkoll sommarju għall-UE27. Tista' ssib id-dokumenti kollha [hawn](#).

### 1.2.3. Skedi ta' informazzjoni dwar il-miżuri

Din is-sezzjoni tipprovdi informazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali tal-miżuri tal-PŻR madwar l-UE 27. L-iskedi ta' informazzjoni jippreżentaw informazzjoni dwar il-progress miksub fuq livell tal-miżuri abbażi tal-outputs fiżiċi miksuba (l-aħħar dejta aġġornata disponibbli) u tqabbil mal-miri stabbiliti għall-perjodu ta' programmazzjoni sħiħ 2007-2013:

| Assi                   | Miżura  | Skedi ta' informazzjoni dwar il-miżuri |
|------------------------|---|--|
| <a href="#">Assi 1</a> | 111 - Taħriġ vokazzjonali u azzjonijiet ta' informazzjoni | [ <a href="#">PDF en</a> ]             |
|                        | 112 - Stabbiliment ta' bdiewa zgħażaġh                    | [ <a href="#">PDF en</a> ]             |
|                        | 113 - Irtirar kmieni                                      | [ <a href="#">PDF en</a> ]             |

|               |  |  |
|---------------|--|--|
|               | 114 - Użu ta' servizzi ta' konsulenza  | [PDF  ]   |
|               | 115 - Stabbiliment ta' servizzi ta' ġestjoni, sokkors u konsulenza   | Dejta mhux disponibbli   |
|               | 121 - Immodernizzar tal-azjendi agrikoli   | [PDF  ]   |
|               | 122 - Titjib tal-valur ekonomiku tal-foresti   | [PDF  ]   |
|               | 123 - Żieda fil-valur għall-prodotti agrikoli u tal-forestrija   | [PDF  ]   |
|               | 124 - Kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda fis-settur agrikolu u alimentari u fis-settur tal-forestrija | [PDF  ]   |
|               | 125 - Infrastruttura relatata mal-iżvilupp u l-adattament tal-agrikoltura u l-forestrija   | [PDF  ]   |
|               | 126 - Stabbiliment mill-ġdid tal-potenzjal ta' produzzjoni agrikola  | Dejta mhux disponibbli   |
|               | 131 - Ilħuq ta' standards ibbażati fuq il-leġislazzjoni tal-UE   | Dejta mhux disponibbli   |
|               | 132 - Parteċipazzjoni tal-bdiewa fi skemi tal-kwalità tal-ikel   | [PDF  ]   |
|               | 133 - Attivitajiet ta' informazzjoni u promozzjoni   | Dejta mhux disponibbli   |
|               | 141 - Biedja ta' semi-sussistenza  | Dejta mhux disponibbli   |
|               | 142 - Gruppi ta' produttori  | Dejta mhux disponibbli   |
|               | 143 - Provediment ta' servizzi ta' konsulenza u estensjoni dwar l-irziezet   | Dejta mhux disponibbli   |
|               | 144 - Azjendi li jkunu qed jagħmlu ristrutturazzjoni minħabba riforma tal-organizzazzjoni komuni tas-suq                                   | Dejta mhux disponibbli   |
|               |  |  |
| <b>Assi 2</b> | 211 - Pagamenti għall-iżvantaġġi naturali lil bdiewa f'żoni muntanjużi   | [PDF  ] |
|               | 212 - Pagamenti lil bdiewa f'żoni bi żvantaġġi għajr żoni muntanjużi   | [PDF  ] |
|               | 213 - Pagamenti relatati ma' Natura 2000 u pagamenti marbuta mad-Direttiva 2000/60/KE  | [PDF  ] |
|               | 214 - Pagamenti agro-ambjentali  | [PDF  ] |
|               | 215 - Pagamenti għall-benesseri tal-annimali   | [PDF  ] |
|               | 216 - Investimenti mhux produttivi   | [PDF  ] |
|               | 221 - L-ewwel afforestazzjoni ta' art agrikola   | [PDF  ] |
|               | 222 - L-ewwel stabbiliment ta' sistemi ta' agroforestrija fuq art agrikola   | Dejta mhux disponibbli   |
|               | 223 - L-ewwel afforestazzjoni ta' art mhux agrikola  | [PDF  ] |
|               | 224 - Pagamenti relatati ma' Natura 2000   | [PDF  ] |
|               | 225 - Pagamenti għall-foresti u l-ambjent  | [PDF  ] |
|               | 226 - Stabbiliment mill-ġdid tal-potenzjal tal-forestrija u l-introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni                                | [PDF  ] |
|               | 227 - Investimenti mhux produttivi   | [PDF  ] |
|               |  |  |
| <b>Assi 3</b> | 311 - Diversifikazzjoni f'attivitajiet mhux agrikoli   | [PDF  ] |
|               | 312 - Appoġġ għall-ħolqien u l-iżvilupp ta' negozji  | [PDF  ] |
|               | 313 - Inkoraġġiment tal-attivitajiet turistiċi   | [PDF  ] |
|               | 321 - Servizzi bażiċi għall-ekonomija u l-popolazzjoni rurali  | [PDF  ] |

|               |  |                           |
|---------------|--|---------------------------|
|               | 322 - Tiġdid u żvilupp tal-villaġġi  | [PDF <a href="#">en</a> ] |
|               | 323 - Konservazzjoni u titjib tal-wirt kulturali   | [PDF <a href="#">en</a> ] |
|               | 331 - Taħriġ u informazzjoni   | Dejta mhux disponibbli    |
|               | 341 - Ksib tal-ħiliet u miżura ta' animazzjoni bil-għan li tiġi ppreparata u implimentata strateġija għall-iżvilupp lokali | Dejta mhux disponibbli    |
|               |  |                           |
| <b>Assi 4</b> | Assi 4 - Numru ta' Gruppi ta' Azzjoni Lokali   | [PDF <a href="#">en</a> ] |
|               | Assi 4 - Numru ta' proġetti u l-benefiċjarji   | [PDF <a href="#">en</a> ] |
|               | 421 - Implimentazzjoni ta' proġetti ta' kooperazzjoni  | [PDF <a href="#">en</a> ] |
|               | 431 - Tmexxija tal-LAGs, ksib tal-ħiliet, animazzjoni  | [PDF <a href="#">en</a> ] |

#### 1.2.4. Tabelli tal-indikaturi ta' monitoraġġ tal-PŻR

F'kull Stat Membru, l-Awtorità Maniġerjali u l-Kumitat ta' Monitoraġġ jimmonitorjaw kull Programm ta' Żvilupp Rurali (PŻR) permezz ta' indikaturi finanzjarji, tal-outputs u tar-riżultati. Sat-30 ta' Ġunju, kull Awtorità Maniġerjali tibgħat lill-Kummissjoni, Rapport Annwali tal-Progress dwar l-implimentazzjoni tal-Programm għas-sena kalendarja preċedenti. Il-Kummissjoni tirreġistra d-dejta kollha tal-monitoraġġ fi ħdan Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Iżvilupp Rurali (RDIS). L-ENRD jikkontribwixxi għall-validazzjoni tal-indikaturi ta' monitoraġġ u jipproduċi elaborazzjonijiet fil-qosor li juru l-istat tal-implimentazzjoni tal-PŻR fuq livell tal-UE27. Huma disponibbli graffs [online](#).

Fuq il-bażi tad-dejta kkomunikata mill-Awtoritajiet Maniġerjali fir-Rapporti Annwali tal-Progress, ġew prodotti tabelli fil-qosor akkumpanjati minn ċarts biex juru l-progress fl-implimentazzjoni tal-Programmi tal-Iżvilupp Rurali (PŻR) tal-UE permezz ta' **indikaturi finanzjarji u fiżiċi** (b'mod speċifiku, indikaturi tal-outputs). Niżżel is-sommarji għall-UE27: nefqiet pubbliċi għall-PŻR [[PDF en](#)] u Outputs [[PDF en](#)].

Id-dejta finanzjarja - inkluża n-Nefqa Pubblika Totali u l-kontribuzzjoni mill-FAEŻR - ġiet aggregata skont l-Istat Membru u fuq livell tal-UE27 biex turi l-progress fin-nefqiet tal-PŻR għal kull assi u miżura matul is-snin. Huwa pprovdut ukoll tqabbil mal-baġit totali allokat għall-perjodu ta' programmazzjoni sħiħ 2007-2013 (baġit totali li jsegwi l-Kontroll tas-Saħħa tal-PAK). Id-dejta finanzjarja hija ġġenerata u pprovduta direttament mid-DĠ AGRI.

Hija pprovduta wkoll aggregazzjoni fuq livell tal-Istati Membri u Ewropew għall-indikaturi tal-outputs (għal kull assi u miżura). Tqabbil mal-miri tal-outputs għall-perjodu 2007-2013 juri l-istat ta' implimentazzjoni tal-programmi. Għal aktar dettalji dwar l-indikaturi tal-outputs għal kull miżura - inkluża analiżi għal kull Stat Membru - jekk jogħġbok irreferi għall-[paġna elettronika](#) ddedikata. Għal lista sħiħa tal-indikaturi tal-Outputs u l-iskedi informattivi relatati, jekk jogħġbok ara l-Anness 3.H tas-[CMEF](#).

### 1.3. Database tal-proġetti tal-PŻR

Din [id-database](#) turi kif il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) intuża fil-prattika, minn 'impreduturi' rurali madwar l-UE. Hija tipprovdi informazzjoni dettaljata dwar il-proġetti tal-iżvilupp rurali, mit-tipi ta' proġetti ffinanzjati sa kif kien aċċessat il-finanzjament. U hemm proġetti minn kull pajjiż tal-UE u li jkopru l-assi kollha tal-PŻR. Biex issib informazzjoni dwar it-tip ta' proġett li



jinteressak, sempliċement fittex fit-tabella tad-database. Hemm aktar minn 570 proġett disponibbli, li jistgħu jiġu mfittxa skont il-miżura tal-PŻR, il-kelma prinċipali, il-pajjiż u l-PŻR, it-TNC u kriterji oħra.

#### 1.4. Titjib tal-Implimentazzjoni

It-titjib tal-implimentazzjoni tal-politika ta' żvilupp rurali tal-UE huwa l-qofol tal-missjoni tal-ENRD. Wieħed mill-modi prinċipali li dan isir huwa bit-twertiq ta' ħidma analitika maħsuba sabiex:

- iżżid il-fehim ta' kif il-politika taħdem fil-prattika;
- tivvaluta dak li qiegħed jaħdem tajjeb u dak li jista' jitlej, u;
- tipprovdi intuwi ta' sabiex jinfurmaw it-teħid tad-deċiżjonijiet fl-Istati Membri u fuq livell tal-Unjoni Ewropea.

Il-ħidma analitika tal-ENRD titwettaq billi jintużaw numru ta' vejkoli differenti. Dawn jinkludu:

- Gruppi ta' Ħidma Tematiċi
- Gruppi Fokus tal-Kumitat ta' koordinazzjoni tal-ENRD u s-Sottokumitat ta' LEADER
- Inizjattivi tematiċi konġunti tal-NRNs
- Dokumenti ta' ħidma żviluppanti speċifikament għal avvenimenti tematiċi tal-ENRD
- Ħidma analitika regolari dwar l-implimentazzjoni tal-PŻR

Is-suġġetti analizzati jistgħu jiġu maqsuma b'mod ġenerali fi tliet gruppi

1. Suġġetti orizzontali relatati ma' kwistjonijiet ġenerali tal-implimentazzjoni. Dawn huma diskussi hawn taħt.
  - [It-tipoloġiji rurali u l-immirar](#)
  - [Rabtiet bejn l-agrikoltura u l-ekonomija rurali aktar wiesgħa](#)
  - [Prodotti u servizzi pubbliċi fl-agrikoltura](#)
  - [Mekkaniżmi ta' kunsenja tal-Politika ta' Żvilupp Rurali tal-UE](#)
2. Suġġetti tematiċi. Aktar informazzjoni hija disponibbli f'din is-[sezzjoni](#).
3. Il-PŻR u l-miżuri tagħhom. Hija pprovduta informazzjoni [hawn](#).

Is-sejbiet tal-ħidma analitika u l-attivitajiet tematiċi tal-ENRD isiru disponibbli permezz ta' forums speċifiċi, jintużaw fil-pubblikazzjonijiet tal-ENRD u mekkaniżmi oħra ta' disseminazzjoni. Biex tara aktar dwar il-pubblikazzjonijiet tal-ENRD agħfas [hawn](#).

##### 1.4.1. Tipoloġiji u mmirar

Iż-żoni rurali tal-Ewropa huma varjati f'termini ta' bosta fatturi fiżiċi, soċjo-ekonomiċi, ambjentali u istituzzjonali. Din id-diversità hija waħda mill-akbar riżorsi tal-Ewropa iżda madankollu toħloq sfidi għal bosta Stati Membri dwar kif jiddefinixxu b'mod preċiż iż-żoni rurali. Din id-definizzjoni hija kruċjali għat-tfassil tal-politika ta' żvilupp rurali tal-UE u biex tkun assigurata l-kumplimentarjetà tagħha ma' fondi oħra tal-UE mmirati sabiex jiżviluppaw iż-żoni rurali, speċjalment dawk bi kriterji distinti.

Il-Grupp ta' Ħidma Tematiku 1 ġie stabbilit fl-2009 sabiex jindirizza dawn il-kwistjonijiet u l-għan speċifiku tiegħu kien li jtejjeb l-effiċjenza tal-Programmi ta' Żvilupp Rurali (PŻR) fl-indirizzar tal-ispeċifitajiet territorjali u l-ħtiġijiet taż-żoni rurali. Presedut mill-Kummissjoni (Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Żvilupp Rurali — DG AGRI) huwa wettaq analiżi dettaljata ta' 23 PŻR nazzjonali u 12-il PŻR reġjonali għall-perjodu 2007-2013.

## Sejbiet

Id-definizzjoni ta' żoni rurali tal-OECD\*\*, offruta mill-Kummissjoni Ewropea għall-użu mill-Istati Membri, kienet adottata biss minn minoranza ta' PŻR nazzjonali u reġjonali u s-sejbiet tal-grupp ta' ħidma jissuġġerixxu li din tista' ma tissodisfax il-ħtiġijiet ta' bosta Stati Membri. Pjuttost, l-Istati Membri jew ir-reġjuni jużaw varjetà wiesgħa ta' definizzjonijiet territorjali biex jimmiraw ir-riżorsi tagħhom tal-PŻR. Skont il-fokus tagħhom, dawn id-definizzjonijiet jistgħu jinġabru flimkien b'mod ġenerali, bħala settorjali (eż. biedja u forestrija) jew territorjali (eż. żoni eliġibbli għal miżuri tal-assi 3). Hemm għarfien b'saħħtu fost l-Istati Membri dwar il-ħtieġa ta' demarkazzjoni ċara bejn il-fondi tal-UE, u anki dwar il-potenzjal ta' kumplementarjetà bejn il-FAEŻR u fondi oħra, sabiex ikun assigurat li jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' żvilupp taż-żoni rurali tal-UE.

*(\*\*) Skont l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), iż-żoni predominantement rurali huma definiti bħala daww iż-żoni li fihom aktar minn 50% tal-popolazzjoni tgħix f'komunitajiet rurali. Il-komunitajiet rurali huma l-komunitajiet b'densità ta' popolazzjoni ta' anqas minn 150 abitant / km<sup>2</sup>.*

## Elementi għal tipoloġija riveduta taż-żoni rurali

Minħabba d-diversità taż-żoni rurali fi ħdan l-UE, huwa importanti li kull Stat Membru u reġjun japplika mhux biss definizzjoni xierqa taż-żoni rurali, iżda jkollu wkoll l-opportunità li japplika tipoloġija taż-żoni rurali li tkun rilevanti għall-kuntest. F'dan il-kuntest, kienu proposti tliet "elementi", li jistgħu jintużaw biex tiġi definita tipoloġija taż-żoni rurali:

- grad ta' żvantaġġ fiżiku;
- sensitività ambjentali, u
- żvantaġġ soċjo-ekonomiku.

Il-piż mogħti lil kull element jista' jintuża sabiex jinħolqu tipoloġiji individwali li jkunu adatti fid-dawl tal-ispeċifitajiet tal-Istat Membru jew tar-reġjun. Kull element huwa taħlita ta' fatturi individwali (ara t-tabella), u kull fattur jista' jitkejjel b'sett speċifiku ta' indikaturi.

| ELEMENTI GĦAL TIPOLOĠIJA RIVEDUTA TAŻ-ŻONI RURALI |   |
|---|---|
| Elementi  | Fatturi                                 |
| <b>Definizzjoni Rurali</b>                        | 1 Densità tal-Popolazzjoni              |
|   | 2 Żoni Urbani                           |
|   | 3 Użu tal-Art                           |
| <b>Blokk 1-Żvantaġġ fiżiku</b>                    | 4 Żvantaġġ Fiżiku                       |
| <b>Blokk 2-Sensittività ambjentali</b>            | 5 Sensittività Ambjentali               |
| <b>Blokk 3-Żvantaġġ soċjo-ekonomiku</b>           | 6 Demografija                           |
|   | 7 Problemi soċjo-ekonomiċi              |
|   | 8 Struttura ekonomika                   |
|   | 9 Aċċess għas-servizzi/ekonomiji urbani |

B'dan il-mod, jistgħu jiġu żviluppati tipoloġiji speċifiċi rilevanti għall-politika ta' żvilupp rurali li jimmiraw l-għanijiet. Il-potenzjal li jiġu indirizzati l-isfidi ġodda' tal-politika ta' żvilupp rurali huwa

wkoll aspekk importanti għall-konsiderazzjoni f'tipoloġija. Madankollu, l-indikaturi relatati ma' dawn il-kwistjonijiet ma jipprestawx irwieħhom sabiex jiġu kklassifikati b'mod komuni.

#### Rapporti prinċipali

- Rapport tal-Ewwel Pass tat-TWG1 [PDF [en](#)]
- Rapport tat-Tieni Pass tat-TWG1 [PDF [en](#)]
- Rapport Finali tat-TWG1 [PDF [en](#)], Anness 1 [PDF [en](#)], Anness 2 [PDF [en](#)], Anness 3 [PDF [en](#)], Anness 4 [PDF [en](#)]
- Fuljett tat-TWG1 [PDF [en](#) [de](#) [es](#) [fr](#) [it](#) [pl](#)]
- Ir-rapport finali fil-qosor huwa mistenni li jagħmel is-sejbiet prinċipali tar-Rapport Finali aktar aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali. Huwa jinkludi sezzjonijiet dwar kull wieħed mill-komponenti prinċipali tal-ħidma tat-TWG1 (eż. l-użu tad-definizzjoni tal-OECD, il-kumplimentarjetà u d-demarkazzjoni, l-elementi possibbli għal tipoloġija rurali futura): [PDF [de](#) [en](#) [es](#) [fr](#) [it](#) [pl](#)]

Tista' ssib aktar informazzjoni bħal artikli u studji ta' każijiet fuq din il-[paġna elettronika](#).

#### *1.4.2. L-agrikoltura u l-ekonomija rurali*

Il-Grupp ta' Ħidma Tematiku nru 2 ġie stabbilit f'Marzu tal-2009, biex janalizza r-rabtiet bejn l-agrikoltura u l-ekonomija rurali aktar wiesgħa. L-għan prinċipali tiegħu kien li jidentifika u jiddeskrivi s-sinerġiji u/jew il-kunflitti potenzjali bejn l-agrikoltura u l-ekonomija rurali f'żoni rurali differenti tal-UE. Il-grupp ta' ħidma, presedut mill-Kummissjoni Ewropea (id-Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali - DG AGRI) u li jinkludi esperti nazzjonali, mexxa l-ħidma analitika, li ffukat fuq:

- analiżi tal-inputs/l-outputs fi 18-il reġjun żgħir (NUTS 31) li jirrappreżentaw tipi differenti ta' żoni rurali fl-UE;
- l-eżami ta' sitt Programmi tal-Iżvilupp Rurali (PŻR) għall-perjodu tal-2007 sal-2013 u ta' dokumenti ta' programmazzjoni oħra relatati mar-reġjuni magħżula.

#### Sejbiet

Ir-riżultati tal-analiżi tal-inputs/outputs fit-18-il reġjun uriet li r-rabiet bejn l-agrikoltura u l-bqija tal-ekonomija lokali/reġjonali huma ġeneralment aktar b'saħħithom u aktar pożittivi milli jista' jiġi konkluż mill-istatistika, fejn l-agrikoltura ħafna drabi jkollha sehem baxx mill-Prodott Domestiku Gross (PDG) jew mill-impjiegi.

L-agrikoltura hija identifikata bħala "fattur ewlieni" fl-ekonomija lokali f'14 mit-18-il reġjun studjati, b'rabtiet partikolarment għoljin mal-ipproċessar tal-ikel, il-lukandi u l-forniment tal-ikel u l-kummerċ. Fatturi importanti li jinfluwenzaw ir-rabtiet bejn l-agrikoltura u setturi oħra jinkludu:

- il-vantaġġi naturali (il-kwalità tal-art, il-klima, l-attrazzjonijiet turistiċi lokali);
- l-eżistenza tal-infrastruttura;
- is-saħħa globali tal-ekonomija nazzjonali;
- il-livell ta' edukazzjoni, taħriġ u potenzjal intraprenditorjali tal-popolazzjoni lokali;
- l-aċċess għall-appoġġ dwar il-finanzjament, b'mod partikolari fir-rigward tal-kumplessità tal-proċeduri tal-applikazzjoni, l-iskala tal-finanzjament u l-ħeffa li biha jittieħdu d-deċiżjonijiet.

#### Implikazzjonijiet ta' Politika

L-analiżi tal-PŻR u ta' dokumenti oħra ta' programmazzjoni f'terz mit-18-il reġjun oriġinarjament magħżula ppermettiet il-ħruġ ta' xi implikazzjonijiet ta' politika importanti.

- Filwaqt li xi dokumenti ta' programmazzjoni tal-iżvilupp rurali jagħmlu referenza għall-importanza li jissaħħu r-rabtiet bejn l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, żgur li mhumiex konsistenti fl-approċċ tagħhom. Barra minn hekk, ħafna drabi mhumiex konsistenti f'termini ta' kif il-miri ddikjarati jidħlu fil-prijoritajiet/għanijiet u l-miżuri.
- Instab biss grad limitat ta' kumplimentarjetà bejn il-PŻR u programmi ffinanzjati oħra (f'livell tal-UE, nazzjonali u reġjonali) li jagħmilha diffiċli biex l-użu tar-riżorsi finanzjarji disponibbli jiġu integrati b'mod sħiħ fiż-żoni rurali. Il-politiki ta' żvilupp rurali għandhom jiffukaw fuq l-iżvilupp u l-iffaċilitar ta' risposti aktar integrati għall-isfidi kumplessi li qegħdin jiffaċċjaw ħafna miż-żoni, b'mod partikolari biex jisfruttaw aħjar ir-relazzjonijiet bejn is-setturi ekonomiċi upstream u downstream.
- Sabiex tittejjeb l-implimentazzjoni tal-PŻR, jistgħu jsiru modifiki fil-kriterji tal-għażla tal-miżuri sabiex jirrikonoxxu b'mod espliċitu r-rabtiet bejn l-agrikoltura u setturi oħra. Pereżempju, l-ispeċifikazzjoni ta' punteġġi għoljin fil-każ ta' proġetti ta' diversifikazzjoni ekonomika li jwiegħdu li jstabbilixxu rabtiet mal-attività agrikola lokali - fejn jistgħu jiġu ġġenerati effetti multiplikaturi ċari (eż. impjegi ġodda, titjib fid-dħul, eċċ.) - jew immirar aħjar tal-għanijiet ambjentali huma żewġ alternattivi f'dan ir-rigward. It-tfassil tal-proġetti jista' jittejjeb permezz ta' provvedimenti aktar effettivi ta' appoġġ tekniku lil investituri potenzjali sabiex iżidu kemm il-vijabilità tal-proġett kif ukoll ir-rabtiet tiegħu mal-agrikoltura lokali u l-obbligu li jissottomettu pjan ta' kummerċjalizzazzjoni, fejn possibbli.

#### Rapporti prinċipali

- TWG2 - Għażla tar-reġjuni u riżultati tal-analiżi inizjali tal-I/O [PDF [en](#)]
- TWG2 - Sommarju tas-sejbiet tal-analiżi inizjali tal-I/O u reġjonali [PDF [en](#)]
- TWG2 - Riżultati tal-analiżi finali tal-I/O u riċerka kwalitattiva addizzjonali f'reġjuni magħżula [PDF [en](#)]
- TWG2 - Analiżi tal-qafas ta' ġestjoni tal-programmi u proġetti f'reġjuni magħżula [PDF [en](#)]
  - Anness 1 – Stħarriġ bi kwestjonarju f'6 reġjuni [PDF [en](#)]
  - Anness 2 – Eżempji ta' proġetti [PDF [en](#)]
- TWG2- Rapport finali [PDF [en](#)]
- Fuljett tat-TWG2 [PDF [en](#) [de](#) [es](#) [fr](#) [it](#) [pl](#)]
- Id-dokument "Intuwitu ta' politika mir-riċerka riċenti" jipprovdi ħarsa ġenerali tas-sejbiet prinċipali tar-rapport finali, ibbażata wkoll fuq reviżjoni tal-aktar rapporti ta' riċerka rilevanti li diġà ġew ippubblikati fir-rigward ta' dan is-suġġett [PDF [en](#)].

Tista' ssib aktar informazzjoni bħal artikli u studji ta' każijiet f'din il-[paġna elettronika](#).

#### *1.4.3. Kunsenja ta' prodotti pubbliċi*

Il-prodotti u s-servizzi pubbliċi huma aċċessibbli għal kulħadd u jistgħu jitgawdex flimkien. Dawn il-prodotti u s-servizzi, b'definizzjoni, ġeneralment ma jitwasslux permezz ta' mekkaniżmi tas-suq. Eżempji ta' prodotti pubbliċi li jiġu pprovduti permezz tal-agrikoltura huma: il-bijodiversità tal-art agrikola, il-pajsaġġi, u riżorsi naturali bħall-ilma u l-ħamrija. Barra minn hekk, l-agrikoltura għandha influwenza fuq prodotti pubbliċi ekonomiċi jew soċjali bħall-iżvilupp ta' komunitajiet rurali vibranti u prosperi.



Illum, minħabba l-bidliet teknoloġiċi u tekniċi kbar li għaddiet minnhom l-agrikoltura, (li kienu jinvolvu l-intensifikazzjoni tal-użu tal-art u l-abbandunar ta' artijiet agrikoli marġinali) il-provvediment ta' prodotti pubbliċi ma jistax jittieħed aktar bħala żgur. Hija meħtieġa azzjoni ta' politika sabiex tikkontrobatti dawn l-iżviluppi u sabiex jiġu evitati pereżempju t-tnaqqis kontinwu ta' bosta speċi u ħabitats, l-iskarsezza tal-ilma, in-nirien fil-foresti, l-erożjoni tal-ħamrija, kif ukoll l-eżodu ta' persuni minn ċentri rurali għal ċentri urbani.

F'dan ir-rigward, il-politiki agrikoli u ta' żvilupp rurali għandhom potenzjal importanti sabiex jikkontribwixxu għall-provvediment ta' prodotti pubbliċi li huwa dejjem aktar rikonoxxut mill-pubbliku b'mod ġenerali.

Il-Grupp ta' Ħidma Tematiku 3 (TWG3) dwar il-'Prodotti Pubbliċi u l-Intervent Pubbliku' ġie stabbilit fil-bidu tal-2009, biex jindirizza l-kwistjoni tal-'prodotti pubbliċi' u biex jeżamina kif il-politika ta' żvilupp rurali tal-UE tikkontribwixxi għaliha. It-TWG3, li huwa magħmul minn esperti nazzjonali, rappreżentanti tal-NGOs, u presedut mill-Kummissjoni (id-Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali – DG AGRI) kien appoġġat b'ħidma analitika pprovduta minn esperti xjentifiċi.

F'Diċembru 2010 sar [seminar](#) konklużiv. L-għan tas-seminar kien li jippreżenta r-riżultati tal-ħidma lil grupp akbar ta' partijiet interessati, u li jikkjarifika l-kunċett ta' Prodotti Pubbliċi lil udjenza aktar wiesgħa. Wera wkoll li l-qafas kunċettwali tal-prodotti pubbliċi jipprovdi bażi komuni fid-diskussjonijiet dwar il-PAK u l-Iżvilupp Rurali.

### Sejbiet

- L-iżvilupp rurali, bħala parti mill-Politika Agrikola Komuni, joffri firxa ta' miżuri effettivi sabiex tiġi inkoraġġita l-applikazzjoni ta' sistemi tal-biedja u prattiċi ta' ġestjoni ambjentalment tajbin, kif ukoll investimenti favorevoli għall-provvediment ta' prodotti pubbliċi.
- Numru minn dawn il-miżuri, b'mod partikolari l-miżuri agro-ambjentali, joħolqu effetti konsegwenzjali pożittivi fuq l-attivitajiet rurali, billi jstimulaw l-impjiegi, it-turiżmu u l-produzzjoni ta' prodotti b'valur miżjud.
- L-iżvilupp tal-ħiliet u l-għarfien tal-ġesturi tal-art, bħat-taħriġ dwar tekniki ta' ġestjoni tal-ambjent jew parir dwar l-użu sostenibbli tar-riżorsi, kien partikolarment effettiv biex joħloq bidla fl-imġiba.
- Hija meħtieġa attenzjoni fit-tfassil tal-miżuri li jridu jiġu magħżula u implimentati skont il-ħtiġijiet lokali. Sabiex tkun assicurata implimentazzjoni effettiva, effiċjenti u trasparenti ta' dawk il-miżuri, huwa importanti li jkun hemm fis-seħħ sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni li taħdem.
- L-aktar miżura ta' politika prominenti, li tikkontribwixxi għall-provvediment ta' prodotti pubbliċi ambjentali fil-qasam tal-agrikoltura, hija l-miżura agro-ambjentali, li tinkoraġġixxi s-servizzi ambjentali u l-użu ta' prattiċi tal-biedja ambjentalment tajbin. Is-suċċess tal-miżura jinsab fil-flessibbiltà tagħha u l-potenzjal tagħha li titfassal skont il-ħtiġijiet lokali.

### Rapporti prinċipali

- TWG3 Rapport tal-Istatus – Novembru 2010 [PDF [PDF](#) [en](#)]
- TWG3 Qafas Kunċettwali [PDF [en](#)]
- TWG3 Rapport Finali [PDF [en](#)]
- TWG3 fuljett [PDF [en](#) [de](#) [es](#) [fr](#) [it](#) [pl](#)]

- Rapport ta' sinteżi, li filwaqt li xorta huwa 'tekniku' fil-kontenut, jindirizza pubbliku mmirat bil-għan li jippreżenta s-sejbiet tat-TWG3 b'mod aktar konċiż u faċli biex jintuża [[PDF](#) [EN](#)].

Tista' ssib aktar informazzjoni b'hal artikli u studji ta' każijiet f'din il-[paġna elettronika](#).

#### 1.4.4. Mekkaniżmi ta' kunsenja

Il-politika ta' żvilupp rurali tal-Unjoni Ewropea hija implimentata b'mod konġunt mill-Kummissjoni u l-Istati Membri. Il-Kummissjoni hija responsabbli sabiex tapprova l-Programmi tal-Iżvilupp Rurali (PŻR), kif ukoll sabiex tassigura għestjoni finanzjarja tajba tal-fondi Komunitarji. L-Istati Membri jiddefinixxu l-proċeduri legali u amministrattivi nazzjonali sabiex jassiguraw l-użu korrett tal-baġit tal-UE għad-dispożizzjoni tagħhom.

L-implimentazzjoni tal-politika minn għurata għall-oħra hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali. L-implimentazzjoni tal-PŻR tista' tiġi delegata ulterjorment f'livelli reġjonali jew sottoreġjonali. Il-għestjoni u l-kunsenja tal-politika ta' żvilupp rurali għalhekk iseħħu f'livelli differenti u juru grad għoli ta' varjabilità bejn il-pajjiżi. Il-mekkaniżmi ta' kunsenja jistgħu jitqiesu b'hal s-sett ta' proċessi u proċeduri li jassiguraw li l-għanijiet tal-politika jsiru azzjonijiet konkreti fil-post.

Il-Grupp ta' Ħidma Tematiku 4 ġie stabbilit sabiex jassigura li l-politika ta' żvilupp rurali tal-UE jkollha l-aktar sistema ta' kunsenja effiċjenti u effettiva possibbli. Il-mandat tal-grupp huwa li jevalwa l-esperjenza tal-implimentazzjoni tal-programmi fl-UE u jidentifika dawk l-aspetti li qegħdin joperaw sewwa, dawk li jista' jkun għandhom bżonn ta' titjib u x'titjib konkret jista' jsir.

Il-grupp eżamina l-varjetà ta' mekkaniżmi ta' kunsenja implimentati għall-istadji differenti taċ-ċiklu ta' programmazzjoni u tul il-katina sħiħa tal-kunsenja (livell tal-UE, Nazzjonali, Reġjonali, sottoreġjonali, benefiċjarju):

- l-approċċ strateġiku u l-immirar;
- il-proċess ta' programmazzjoni u l-aspetti finanzjarji;
- il-proċeduri tal-implimentazzjoni u l-arranġament organizzattiv (inklużi aspetti speċifiċi b'hal: LEADER, monitoraġġ u evalwazzjoni, kontrolli);
- il-funzjonament tal-prinċipju tas-sħubija;
- il-kumplimentarjetà u l-koordinazzjoni ma' politiki oħra tal-UE.

#### Sejbiet

Is-sejbiet tal-grupp ta' ħidma kienu sintetizzati f'rapport finali li jinkludi sommarju tal-istudji tal-każijiet skont is-suġġett, numru ta' prattiċi ta' kunsenja pożittivi implimentati madwar l-UE u, konklużjonijiet li jidentifikaw sitt oqsma possibbli għal titjib fil-kunsenja tal-politika ta' żvilupp rurali tal-UE, jiġifieri:

- Li jidded il-fokus fuq l-għanijiet tal-politika u tissaħħaħ il-koerenza tul il-katina tal-kunsenja.
- Li jiġu offruti numru anqas ta' miżuri u aktar sempliċi u aktar flessibbiltà fl-użu tagħhom.
- Li jitfasslu u jiġu implimentati kundizzjonijiet speċifiċi għal LEADER.
- Li jittejbu r-regoli tal-implimentazzjoni (inklużi l-applikazzjonijiet u l-kontrolli)
- Li jittejbu aktar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni b'hal għodda ta' appoġġ sabiex issir u tiġi implimentata l-politika.
- Li jittejbu l-koordinazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni.

Ir-riżultati u l-konklużjonijiet tat-TWG kienu diskussi fis-seminar tal-ENRD "[Intejbu l-kunsenja tal-programmi ta' żvilupp rurali tal-UE](#)" li sar fi Brussell fid-9 ta' Diċembru 2011.

### Rapporti prinċipali

- Rapport finali [PDF [en](#)]
- Rapport finali - Sommarju u konklużjonijiet [PDF [en](#)]
- TWG4 fuljett [PDF [de](#) [en](#) [es](#) [fr](#) [it](#) [pl](#)]

Tista' ssib aktar informazzjoni bħal artikli u studji ta' każijiet f'din il-[paġna elettronika](#).

#### 1.4.5. LEADER

LEADER ("*Liaison Entre Actions de Développement de l'Économie Rurale*", li tfisser 'Rabtiet bejn l-ekonomija rurali u l-azzjonijiet ta' żvilupp') huwa metodu ta' żvilupp lokali li jippermetti lill-atturi lokali li jiżviluppaw żona billi jużaw il-potenzjal ta' żvilupp endoġenu tagħha. L-approċċ LEADER kien wieħed mill-erba' assi tal-Politika ta' Żvilupp Rurali 2007–2013. Huwa wieħed mis-sisien tal-ħidma analitika tal-ENRD. Iċċekkja s-sezzjoni dwar LEADER [hawnhekk](#).

### 1.5. II-PAK lejn I-2020

Il-politika ta' żvilupp rurali tal-UE evolviet b'mod kostanti sabiex tirrispondi għall-isfidi emerġenti fiż-żoni rurali. L-aktar proċess ta' riforma riċenti, li akkumpanja dak aktar wiesa' tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) tal-UE, tlesta sal-2013 bl-approvazzjoni tal-[atti leġislattivi bażiċi għall-perjodu 2014-2020](#). Din is-sezzjoni tinkludi l-kontribuzzjonijiet għad-dibattitu pubbliku dwar it-tiswir tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) tal-UE wara l-2013, li kien promoss mid-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni Ewropea. Hija tinkludi wkoll informazzjoni rilevanti għall-[programmazzjoni tal-iżvilupp rurali għall-perjodu 2014-2020](#).

Qabel ma jkunu stabbiliti linji gwida inizjali tal-politika għall-PAK il-ġdida fit-12 ta' April 2010, Dacian Cioloş, il-Kummissarju Ewropew għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, nieda dibattitu pubbliku dwar il-ġejjieni tal-PAK fejn stieden liċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet interessati kollha tal-UE sabiex jipparteċipaw. Il-Kummissjoni Ewropea għamlet il-mistoqsijiet li ġejjin biex tnedi d-dibattitu:

1. X'għandhom ikunu l-għanijiet tal-politika ta' żvilupp rurali tal-ġejjieni?
2. Kif jistgħu l-istrumenti tal-politika jsiru aktar effettivi?
3. Kif tista' titjieb il-ġestjoni tal-politika?

Fl-14 ta' April 2010 saret laqgħa straordinarja tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni tal-ENRD li fiha l-membri kienu mistiedna jniedu d-dibattitu pubbliku dwar il-PAK fil-pajjiżi u l-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom. Il-membri kienu mitluba jibagħtu l-kontribuzzjonijiet tagħhom sat-3 ta' Ġunju 2010. Biex taqra l-kontribuzzjonijiet skont il-pajjiż, kif ukoll is-sinteżi ta' dawn il-kontribuzzjonijiet, agħfas [hawn](#). Abbażi ta' dan id-dibattitu, il-Kummissjoni Ewropea fit-18 ta' Novembru 2010 ppreżentat Komunikazzjoni dwar "[il-PAK lejn I-2020](#)", li tispjega l-alternattivi għall-PAK tal-ġejjieni.

Fit-12 ta' Ottubru 2011 il-Kummissjoni ppreżentat sett ta' [proposti legali](#) għall-perjodu 2014-2020. Il-proposti kienu jinkludu abbozz ta' regolament li jkopri l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). Din il-proposta ġdida tal-FAEŻR tibni fuq is-sisien tal-PAK tal-politika ta' żvilupp rurali u hija allinjata mill-qrib mal-istrateġija 'Ewropa 2020' għat-tkabbir. Wara konsultazzjonijiet u ftehim politiku bejn il-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (fil-Kunsill) u l-Parlament Ewropew, l-erba' [regolamenti bażiċi](#) tal-PAK riformata kienu approvati u ppubblikati f'Diċembru 2013.

Għal aktar tagħrif għal kuntest dwar id-dibattitu pubbliku, jekk jogħġbok agħfas il-links li ġejjin:

- Id-diskors tal-Kummissarju Ciołoš' dwar 'Il-futur tal-politika agrikola Ewropea - Sejħa għal dibattitu pubbliku' April 2010 [[PDF](#) [en](#) [fr](#) ]
- Mistoqsijiet dwar aspetti tal-iżvilupp rurali [[PDF](#) [en](#) ]
- Preżentazzjoni tal-Kumitat ta' koordinazzjoni tal-ENRD dwar id-dibattitu pubbliku fuq il-PAK wara l-2013, April 2010 [[PDF](#) [en](#) ]
- Sinteżi tal-kontribuzzjonijiet li daħlu permezz tal-ENRD (13/07/2010) [[PDF](#) [en](#) ]

Għal aktar informazzjoni dwar il-proċess ta' riforma tal-Politika Agrikola Komuni 2014-2020 li jinkludi d-dibattitu aktar wiesa' dwar il-PAK, jekk jogħġbok irreferi għall-paġna elettronika uffiċjali tad-[Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni Ewropea](#).

#### 1.5.1. Żvilupp rurali fil-perjodu 2014-2020

Il-[Gateway tal-ENRD dwar l-Iżvilupp Rurali](#) jipprovdi pont bejn il-perjodi ta' programmazzjoni 2007-2013 u 2014-2020. Huwa jibni fuq l-esperjenzi u l-għarfien tal-imgħoddi bil-għan li jiggwida t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi ta' żvilupp rurali tal-ġejjieni. Tista' ssib il-kontenut ta' din ir-riżorsa replikat hawnhekk fl-intier tiegħu (flief għall-aħbarijiet u l-aħħar avvenimenti); jekk tixtieq tikkonsulta l-portal bil-lingwa Ingliża, din il-gwida tgħinek tinnaviga l-interfaċċa [[PDF](#) [en](#)].

- [Ħarsa Ġenerali tal-Politika 2014-2020](#)
  - [Prijoritajiet tal-Iżvilupp Rurali](#)
    - [Trasferiment tal-għarfien](#)
    - [Kompetittività](#)
    - [Katina alimentari](#)
    - [Ekosistemi](#)
    - [Effiċjenza fir-riżorsi](#)
    - [Inklużjoni soċjali](#)
- [Leġislazzjoni u Linji gwida](#)
- [Ippjanar tal-PŻR](#)
- [Implimentazzjoni tal-PŻR](#)
- [Intuwiti mill-perjodu 2007-2013](#)
  - [Programmazzjoni u Implimentazzjoni](#)
  - [Trasferiment tal-Għarfien u l-Innovazzjoni](#)
  - [Intraprenditorija Rurali](#)
  - [Strumenti Finanzjarji](#)
  - [Katina Alimentari](#)
  - [Ambjent u Tibdil fil-klima](#)
  - [Inklużjoni Soċjali](#)
  - [CLLD, LEADER u TNC](#)
  - [Netwerking għall-Iżvilupp Rurali](#)
  - [Monitoraġġ u Evalwazzjoni](#)
- [Monitoraġġ u Evalwazzjoni](#)
- [Netwerking għall-Iżvilupp Rurali](#)
- [Żvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità](#)
- [Pajjiżi Kandidati u Pajjiżi Kandidati Potenzjali](#)

#### **Ħarsa Ġenerali tal-Politika 2014-2020**

L-[istrateġija 'Ewropa 2020'](#) tindika li t-tkabbir ekonomiku ġejjieni tal-UE għandu jkun intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Hija ffukata fuq ħames għanijiet ambizzjużi fl-oqsma tal-impjegi, l-



innovazzjoni, l-edukazzjoni, it-tnaqqis tal-faqar u l-klima/enerġija u tistabbilixxi [miri primarji](#) għalihom.

Bi qbil mal-istrateġija 'Ewropa 2020' u l-għanijiet ġenerali tal-PAK (Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-PAK lejn l-2020 [[PDF](#) [en](#)]) jistgħu jiġu identifikati tliet għanijiet strateġiċi fit-tul għall-politika ta' żvilupp rurali tal-UE fil-perjodu 2014-2020:

- it-titjib tal-kompetittività tal-agrikoltura;
- l-immaniġġar sostenibbli tar-riżorsi naturali u azzjoni klimatika; u
- l-iżvilupp territorjali bilanċjat taż-żoni rurali.
- 

Għall-iskopijiet ta' ġestjoni tal-politika ta' żvilupp rurali permezz tal-Programmi ta' Żvilupp Rurali (PŻR), dawn l-għanijiet ġenerali huma mogħtija espressjoni aktar dettaljata permezz ta' **6 prijoritajiet**, [spjegati fid-dettall hawn taħt](#):

1. [Promozzjoni tat-trasferiment tal-għarfien fl-agrikoltura, il-forestrija u ż-żoni rurali](#)
2. [Titjib tal-kompetittività ta' kull tip ta' agrikoltura u titjib tal-vijabilità tal-irziezet](#)
3. [Promozzjoni tal-organizzazzjoni tal-katina alimentari u l-ġestjoni tar-riskji fl-agrikoltura](#)
4. [Stabbiliment mill-ġdid, preservazzjoni u titjib tal-ekosistemi dipendenti fuq l-agrikoltura u l-forestrija](#)
5. [Promozzjoni tal-effiċjenza fir-riżorsi u appoġġ għall-bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u reżistenti għall-klima fis-setturi tal-agrikoltura, l-ikel u l-forestrija](#)
6. [Promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp ekonomiku fiż-żoni rurali](#)

Min-naħa tagħhom, kull prijorità tal-PŻR tidentifika oqsma speċifiċi ta' intervent (oqsma ta' fokus). Il-prijoritajiet tal-PŻR u l-oqsma ta' fokus jipprovdu l-bażi għall-programmazzjoni u l-għoti tal-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) liż-żoni rurali tal-UE. Diversi fondi tal-UE jipprovdu appoġġ addizzjonali għaż-żoni rurali flimkien mal-FAEŻR, jiġifieri: il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond ta' Koeżjoni (FK) u l-Fond Ewropew għall-Affarjiet Marittimi u s-Sajd (FEMS).

Biex iwasslu valur miżjud Ewropew akbar u jimmassimizzaw is-sinerġiji, fil-perjodu 2014-2020 il-**Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej** (Fondi ESI) kollha se jikkonċentraw l-appoġġ tagħhom biex jilħqu l-miri primarji tal-istrateġija UE2020 u se jkunu kkoordinati taħt **Qafas Strateġiku Komuni** (QSK).

Id-Dispożizzjonijiet Komuni dwar il-Fondi Strutturali ([ara](#) l-atti legiſlattivi bażiċi għall-**Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej** – ESI għall-perjodu 2014-2020) ipoġġu l-fondi kollha tal-ESI taħt qafas legiſlattiv komuni li jarmonizza u jissimplifika r-regoli fejn ikun possibbli u xieraq. Huwa jiddefinixxi 11-il għan tematiku [[PDF](#) [en](#)] li jirriflettu l-prijoritajiet ta' UE2020. **Kuntratt ta' Sħubija** se jirrifletti l-approċċ strateġiku komuni tal-UE għal kull Stat Membru, billi jstabbilixxi kif se jikkoordinaw il-politiki differenti u jużaw il-fondi tal-ESI skonthom (ara aktar dwar il-Kuntratti ta' Sħubija – jew il-Ftehimiet ta' Sħubija - [hawn](#)).

| Strategġija 'Ewropa 2020'  |   |
|--|---|
| <b>Qafas Strateġiku Komuni (QSK)</b><br>Li jkopri l-FAEŻR, il-FEŻR, il-FSE, il-Fond ta' Koeżjoni u l-FEMS, u jirrifletti l-istrateġija UE2020 permezz ta' għanijiet tematiċi komuni li għandhom jiġu indirizzati permezz ta' azzjonijiet ewlenin għal kull wieħed mill-fondi |   |
| <b>Kuntratt ta' Sħubija</b><br>Dokument nazżjonali li jispjega l-użu maħsub tal-fondi sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' UE2020  |   |
| <b>Politika ta' żvilupp rurali: FAEŻR</b>  | <b>Fondi oħra tal-ESI (FEŻR, FSE, FK, FEMS)</b><br>L-Innovazzjoni, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima bħala għanijiet trażversali   |
| 6 prijoritajiet  |   |
| <b>1. Promozzjoni tat-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni</b> fl-agrikoltura, il-forestrija u ż-żoni rurali   | <b>4. Stabbiliment mill-ġdid, preservazzjoni u titjib tal-ekosistemi</b> dipendenti fuq l-agrikoltura   |
| <b>2. Titjib tal-kompetittività</b> tat-tipi kollha ta' agrikoltura u l-vijabilità tal-irziezet  | <b>5. Promozzjoni tal-effiċjenza fir-riżorsi</b> u appoġġ għall-bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u reżistenti għall-klima fis-setturi tal-agrikoltura, l-ikel u l-forestrija |
| <b>3. Promozzjoni tal-organizzazzjoni tal-katina alimentari</b> u l-ġestjoni tar-riskji fl-agrikoltura   | <b>6. Promozzjoni tal-inklużjoni soċjali</b> , it-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp ekonomiku fiż-żoni rurali  |
| <b>Programm(i) tal-Iżvilupp Rurali</b>   |   |

F'dan il-qafas, il-politika ta' żvilupp rurali se żżomm l-identità distinta tagħha u se topera taħt regolament speċifiku (Regolament tal-UE Nru 1305/2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali [[PDF<sup>en</sup>](#)]) u dispożizzjonijiet finanzjarji u ta' ġestjoni komuni għall-PAK sħiħa (Regolament tal-UE Nru 1306/2013 dwar kwistjonijiet "orizzontali" tal-PAK bħall-finanzjament u l-kontrolli [[PDF<sup>en</sup>](#)]).

(Aktar dwar il-proċess ta' riforma tal-PAK 2014-2020 jista' jinstab fis-[sezzjoni 'Il-PAK lejn l-2020'](#))

### Prijoritajiet tal-Iżvilupp Rurali

#### **1. Trasferiment tal-għarfien - Promozzjoni tat-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni fl-agrikoltura, il-forestrija u ż-żoni rurali**

##### *Il-prijorità fil-qosor*

L-għarfien, il-ħiliet u l-innovazzjoni huma l-pedament indispensabbli tal-iżvilupp sostenibbli. L-iżvilupp rurali għandu rekord stabbilit li jstimula l-innovazzjoni.

Il-promozzjoni tat-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni hija **prijorità trażversali** għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Il-miżuri li jirrigwardaw it-trasferiment tal-għarfien jew l-investimenti ġew ipprogrammati mill-Istati Membri bil-għan li jippromwov u l-innovazzjoni u dawn se jibqgħu disponibbli għall-perjodu 2014-2020. Is-[Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni \(AIP\) għall-Produttività u s-Sostenibbiltà Agrikola](#) hija l-element ġdid prinċipali stabbilit biex jgħaqqad flimkien il-politiki, jippromwovi l-kooperazzjoni fost l-imsieħba u jibni pontijiet bejn ir-riċerkaturi u n-negozji rurali. Għal aktar informazzjoni dwar it-tema tal-prijorità, agħfas hawn [[PDF<sup>en</sup>](#)]

##### *Oqsma ta' intervent*

1. Promozzjoni tal-innovazzjoni u l-bażi tal-għarfien fiż-żoni rurali.
2. Tisħiħ tar-rabtiet bejn ir-riċerka u l-innovazzjoni fl-agrikoltura u l-forestrija.

3. Promozzjoni tat-tagħlim tul il-ħajja u t-taħriġ vokazzjonali fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija.

#### Tagħlimiet mill-perjodu 2007-2013

Links għal ħidma rilevanti tal-ENRD li jipprovdu fehim aktar fil-fond ta' kif jiġi appoġġat it-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni bi programmazzjoni u implimentazzjoni effettiva tal-PŻR.

- Reviżjoni Rurali 16: It-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni fil-Politika ta' Żvilupp Rurali (Mejju 2013) [[PDF en](#)] Din il-ħarġa tar-Reviżjoni Rurali tal-UE tipprovdi ritratt tal-fehim preżenti tal-innovazzjoni fl-iżvilupp rurali u ħarsa lejn l-isfidi u l-opportunitajiet tal-ġejjieni. Hija għandha l-għan li taqşam il-fehim u tgħin biex jiġu avvanzati l-integrazzjoni tal-iskambju tal-għarfien u l-innovazzjoni fil-politika ta' żvilupp rurali tal-ġejjieni.
- [Gateway dwar it-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni](#) hija riżorsa li tipprovdi varjetà ta' informazzjoni dwar l-istituzzjonijiet, eżempji ta' proġetti u inizzjattivi li jippromwovu t-Trasferiment tal-Għarfien u l-Innovazzjoni fiż-żoni rurali.
- Ir-riżultati tal-Grupp Fokus tal-ENRD li esplora kif il-prijorità tat-Trasferiment tal-Għarfien u l-Innovazzjoni tista' tiġi promossa taħt il-Programmi ta' Żvilupp Rurali 2014-2020 huma ppreżentati fid-dokumenti li ġejjin:
  - Ir-Rapport tal-Fażi I [[PDF en](#)] u s-Sommarju eżekuttiv [[PDF en](#)] juru s-sejbiet tal-ewwel fażi ta' ħidma (Lulju sa Diċembru 2012). Barra minn hekk, hemm żewġ annessi separati:
    - Anness 1 – Ġabra ta' eżempji li jappoġġaw it-Trasferiment tal-Għarfien u l-Innovazzjoni [[PDF en](#)];
    - Anness 2 – Dokument ta' sfond [[PDF en](#)].
  - Ir-Rapporti tal-Fażi II jiġbru fil-qosor is-sejbiet tat-tieni fażi ta' ħidma (Frar sa Ġunju 2013):
    - Rapport dwar is-Senserija tal-Innovazzjoni [[PDF en](#)] u l-Anness 2 dwar il-Materjal ta' Studju u Informazzjoni dwar l-Atturi li Jappoġġaw l-Innovazzjoni [[PDF en](#)]
    - Rapport dwar il-Gruppi Operattivi tal-EIP [[PDF en](#)]
- Reviżjoni Rurali 2: Il-Kreattività u l-Innovazzjoni fl-Iżvilupp Rurali tal-UE (Diċ 2009) [[PDF en](#)] [[fr](#)] [[es](#)] [[de](#)] [[it](#)] [[pl](#)] [[hr](#)]. Din il-ħarġa tar-Reviżjoni Rurali tal-UE turi xi wħud mit-tipi differenti ta' innovazzjoni u kreattività miż-żoni rurali tal-UE.

#### Preparazzjoni għall-perjodu 2014-2020

Links għal riżorsi mill-UE u l-Istati Membri sabiex jappoġġaw il-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-iżvilupp rurali għall-perjodu 2014-2020.

- [Dokument ta' gwida għall-implimentazzjoni tal-EIP fi programmi tal-iżvilupp rurali \(abbozz ta' Lulju 2013\)](#), DG Agrikoltura u Żvilupp Rurali
- [Šhubija Ewropea għall-Innovazzjoni 'Produttività u Sostenibbiltà Agrikola'](#)
- [Seminar "Programmazzjoni tal-Innovazzjoni: Kif għandu jintuża bl-aktar mod effettiv is-Sett ta' Għodod għall-Iżvilupp Rurali għall-implimentazzjoni tal-EIP"](#), Madrid 26-27 ta' Ġunju 2013
- [Proċedimenti u preżentazzjonijiet mill-Konferenza dwar it-Trasferiment tal-Għarfien tat-Teagasc](#), Dublin 12, 13 u 14 ta' Ġunju 2013
- [Konferenza "L-EIP dwar il-Produttività u s-Sostenibbiltà Agrikola – Prijoritajiet u Mekkaniżmi ta' Kunsenja"](#), Brussell 19 ta' Novembru 2012

- [Konferenza "It-titjib tal-innovazzjoni u l-kunsenja tar-riċerka fl-agrikoltura tal-UE"](#), Brussell 07 ta' Marzu 2012

#### *Eżempji tal-implimentazzjoni ta' PŻR*

Fittex eżempji rilevanti ta' proġetti tal-FAEŻR (eż. dwar servizzi ta' konsulenza, trasferiment tal-għarfien, jew l-innovazzjoni), studji ta' każijiet rilevanti u stejjer ta' implimentazzjoni b'suċċess tal-PŻR f'dan [il-fajl Excel li jista' jitniżżel](#).

## **2. Il-kompetittività - Titjib tal-kompetittività ta' kull tip ta' agrikoltura u titjib tal-vijabilità tal-irziezet**

### *Il-prijorità fil-qosor*

Diversi forzi jippreżentaw theddidiet għall-introjtu tal-irziezet, u għalhekk il-bdiewa kollha għandhom jimmiraw li jkomplu jsiru aktar kompetittivi. F'xi każijiet huwa meħtieġ ir-ristrutturar. Minħabba li sitta fil-mija biss mill-manigġers tal-irziezet għandhom anqas minn 35 sena, aktar zgħażaġh iridu jitħeġġu jgħibu l-enerġija u l-ideat tagħhom fis-settur agrikolu.

### *Oqsma ta' intervent*

1. L-iffaċilitar tar-ristrutturar tal-irziezet li qed jiffaċċjaw sfidi strutturali kbar (b'mod partikolari l-irziezet bi grad baxx ta' parteċipazzjoni fis-suq, jew l-irziezet orjentati lejn is-suq li huma attivi f'setturi partikolari, jew l-irziezet li jeħtieġu diversifikazzjoni agrikola).
2. L-iffaċilitar ta' struttura bbilanċjata tal-etajiet fis-settur agrikolu.

### *Tagħlimiet mill-perjodu tal-2007 sal-2013*

Links għal ħidma rilevanti tal-ENRD li tipprovdi fehim aktar fil-fond ta' kif il-kompetittività tista' tiġi appoġġata bi programmazzjoni u implimentazzjoni effettiva tal-PŻR.

- Ir-Rivista Rurali nru 5: Kultivazzjoni tal-kompetittività tas-setturi tal-irziezet, agroalimentari u tal-forestrija tal-UE [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [es](#) [de](#) [it](#) [pl](#)]. Din il-ħarġa tiffoka fuq l-appoġġ għall-agrikoltura, il-forestrija u l-industrija agro-alimentari tal-UE, billi tgħaqqad flimkien il-kompetittività u l-multifunzjonalità.
- [L-Ikel Lokali u l-Katina Qasira tal-Provvista](#) – paġna ta' introduzzjoni għat-tema b'links rilevanti għal azzjonijiet tal-UE dwar il-promozzjoni tal-prodotti tal-irziezet, eżempji ta' studji u proġetti.
- Ir-Reviżjoni Rurali 12: L-ikel lokali u l-ktajjen il-qosra tal-provvista [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [es](#) [de](#) [it](#) [pl](#) [hr](#)]. Din il-ħarġa turi kif il-PŻR qegħdin jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-produzzjoni tal-ikel lokali u l-ktajjen il-qosra tal-provvista.
- Librerija dwar l-Intraprenditorija Rurali li tipprovdi materjali u eżempji ta' proġetti dwar [Ktajjen il-Qosra tal-Provvista](#)
- Il-fuljett tal-proġetti tal-FAEŻR dwar l-ikel [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [de](#) [it](#) [es](#) [pl](#)] jippreżenta eżempji li juru l-firxa ta' benefiċċji pożittivi li jinħolqu fl-Istati Membri mill-attivitajiet tal-iżvilupp rurali relatati mal-ikel li jsiru fil-qafas tal-PAK.
- [Il-gateway dwar iż-zgħażaġh u l-bdiewa zgħażaġh](#) joffri informazzjoni u riżorsi rilevanti dwar l-appoġġ offrut lill-bdiewa zgħażaġh u liż-zgħażaġh f'żoni rurali tal-UE. B'mod partikolari l-



"[Inizjattiva tematika dwar iż-żgħażaġh](#)" tal-ENRD ħarset lejn modi ta' kif jista' jittejjeb l-appoġġ tal-PŻR għal proġetti relatati maż-żgħażaġh.

- Il-fuljett ta' proġetti tal-FAEŻR dwar il-bdiewa żgħażaġh u ż-żgħażaġh fl-Ewropa rurali [[PDF](#) [en](#)] jipprovdi għażla ta' eżempji ta' proġetti li juru kif il-FAEŻR jista' jgħin sabiex jipprovdi opportunitajiet ta' żvilupp għall-bdiewa żgħażaġh u ż-żgħażaġh fl-Ewropa rurali.

#### *Eżempji tal-implimentazzjoni ta' PŻR*

Fittex eżempji rilevanti ta' proġetti tal-FAEŻR (eż. dwar il-kompetittività, il-bdiewa żgħażaġh, jew il-kwalità tal-prodotti agrikoli), studji ta' każijiet rilevanti u stejjer ta' implimentazzjoni b'suċċess tal-PŻR f'dan [il-fajl Excel li jista' jtniżżel](#).

### **3. Il-katina alimentari - Promozzjoni tal-organizzazzjoni tal-katina alimentari u l-ġestjoni tar-riskji fl-agrikoltura**

#### *Il-prijorità fil-qosor*

Meta l-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista alimentari tkun relattivament dgħajfa, huma jistgħu jibbenefikaw milli jorganizzaw irwieħhom aħjar sabiex itejbu l-opportunitajiet tal-introjt.

Mod wieħed kif jagħmlu dan jinsab fis-swieq lokali u l-ktajjen qosra tal-provvista. Huma meħtieġa għodod għall-ġestjoni tar-riskju biex jgħinu lill-bdiewa jlaħħqu aħjar mal-inċertezza maħluqa mill-problemi tat-temp, il-mard tal-annimali u l-volatilità tas-suq.

#### *Oqsma ta' intervent*

1. Integrazzjoni aħjar tal-produtturi primarji fil-katina alimentari permezz ta' skemi tal-kwalità, promozzjoni fis-swieq lokali u l-ktajjen qosra tal-provvista, gruppi tal-produtturi u organizzazzjonijiet 'bejn il-fergħat'.
2. Appoġġ għall-ġestjoni tar-riskji fl-irziezet.

#### *Tagħlimiet mill-perjodu 2007-2013*

Links għal ħidma rilevanti tal-ENRD li jipprovdu fehim aħjar ta' kif l-organizzazzjoni tal-katina alimentari u l-ġestjoni tar-riskji jistgħu jiġu appoġġati bi programmazzjoni u implimentazzjoni effettivi tal-PŻR.

- [L-Ikel Lokali u l-Katina Qasira tal-Provvista](#) hija paġna ta' introduzzjoni għat-tema b'links rilevanti għal azzjonijiet tal-UE, eżempji ta' studji u proġetti dwar l-iffaċilitar tal-ktajjen qosra tal-provvista u l-promozzjoni tal-prodotti tal-irziezet lokali.
- Ir-Reviżjoni Rurali 12: L-Ikel lokali u l-ktajjen qosra tal-provvista [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [es](#) [de](#) [it](#) [pl](#) [hr](#)] turi kif il-PŻR qegħdin jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-produtturi tal-ikel lokali u l-ktajjen qosra tal-provvista
- Librerija dwar l-Intraprenditorija Rurali li tipprovdi materjali u eżempji ta' proġetti dwar il-[Ktajjen Qosra tal-Provvista](#)
- Kien organizzat [Workshop tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni dwar l-Istrumenti Finanzjarji](#) biex jgħin sabiex jitkabbar l-għarfien fost il-partijiet interessati tal-iżvilupp rurali dwar l-opportunitajiet u l-konsiderazzjonijiet involuti fil-ħolqien u l-użu tal-istrumenti finanzjarji fil-programmi tal-iżvilupp rurali matul il-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss (2014-2020).

- Il-fuljett dwar il-proġetti tal-FAEŻR dwar l-ikel [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [de](#) [it](#) [es](#) [pl](#)] jinkludi eżempji li juru l-firxa ta' beneficiċċji pożittivi fl-Istati Membri mill-attività ta' żvilupp rurali relatata mal-ikel taħt il-PAK.
- Ir-Reviżjoni Rurali 13: Strumenti finanzjarji għall-iżvilupp rurali: Opportunitajiet ġodda sabiex tiġi indirizzata l-kriżi ekonomika (Ottubru 2012) [[PDF](#) [en](#)] tippreżenta l-opportunitajiet, l-esperjenza u l-isfidi għall-implimentazzjoni tal-Politika ta' Żvilupp Rurali tal-UE.
- Is-sezzjoni [Finanzjament Rurali](#) tipprovdi informazzjoni dwar il-ħidma tat-Task Force dwar il-Finanzjament Rurali organizzata taħt l-Inizjattiva Tematika tal-NRNs dwar l-Intraprenditorija Rurali.
- Librerija dwar l-Intraprenditorija Rurali li tipprovdi materjali u eżempji ta' proġetti dwar l-[Istrumenti ta' Finanzjament Lokali](#)

#### Preparazzjoni għall-perjodu 2014-2020

Links għal riżorsi mill-UE u l-Istati Membri biex jappoġġaw il-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-iżvilupp rurali għall-perjodu 2014-2020.

- Kienet organizzata [Konferenza dwar l-agrikoltura lokali u l-ktajjen qosra tal-provvista alimentari](#) mill-Kummissjoni Ewropea bil-għan li jiġi studjat kif jistgħu jiġu indirizzati aħjar il-ħtiġijiet tal-istrutturi tal-irziezet iż-żgħira u kif jiġu mmirati l-iskemi ta' appoġġ għalihom, fil-kuntest tar-riforma tal-PAK.

#### Eżempji tal-implimentazzjoni ta' PŻR

Fittex eżempji rilevanti ta' proġetti tal-FAEŻR (eż. dwar l-ikel lokali, il-ġestjoni tar-riskju u d-diżastri naturali), studji ta' każijiet rilevanti u stejjer ta' implimentazzjoni b'suċċess tal-PŻR f'dan [il-fajl Excel li jista' jitniżżel](#).

## 4. Ekosistemi - Stabbiliment mill-ġdid, preservazzjoni u titjib tal-ekosistemi dipendenti fuq l-agrikoltura u l-forestrija

### Il-prijorità fil-qosor

Il-pressjoni fuq l-ambjent għadha prevalenti ħafna. Pereżempju, 17 % biss tal-ħabitats u 11 % biss tal-ekosistemi tal-UE huma kkusidrati li huma fi stat favorevoli, għad hemm ammonti eċċessivi ta' nutrijenti f'xi korpi tal-ilma (minkejja l-progress f'oħrajn) u 45 % tat-tipi ta' ħamrija tal-UE jbatu minn problemi tal-kwalità. Dawn l-isfidi jridu jiġu rimedjati u l-kontribut ambjentali pożittiv tal-biedja u l-forestrija għandu jiġi msaħħa.

### Oqsma ta' intervent

1. Stabbiliment mill-ġdid u preservazzjoni tal-bijodiversità (inkluż fis-siti ta' NATURA 2000 u żoni ta' biedja b'Valur Naturali Għoli) u l-istat tal-pajsaġġi Ewropej.
2. Titjib tal-ġestjoni tal-ilma.
3. Titjib tal-ġestjoni tal-ħamrija.

### Tagħlimiet mill-perjodu 2007-2013

Links għal ħidma rilevanti tal-ENRD li jipprovdu fehim aktar fil-fond ta' kif jistgħu jittejjbu l-ekosistemi bi programmazzjoni u implimentazzjoni effettivi tal-PŻR.

- [Workshop tal-ENRD dwar "Tfassil ta' Kwalità tal-Miżuri Ambjentali u Klimatiċi għall-PŻR 2014-2020](#) organizzat mill-ENRD bħala parti mill-attivitajiet ta' preparazzjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni ġdid 2014-2020. Ir-risultati tal-workshop jinfurmaw dwar il-valutazzjonijiet effettivi tal-ħtiġijiet u d-definizzjoni tal-prijoritajiet; għażla tal-miżuri, tfassil u implimentazzjoni; kunsenja effettiva ta' servizzi ambjentali.
- Ir-Reviżjoni Rurali 15: Kunsenja ta' Servizzi Ambjentali permezz tal-Politika ta' Żvilupp Rurali (April 2013) [[PDF](#) [en](#)] qiegħda tesplora kif il-politika ta' żvilupp rurali qiegħda tappoġġa l-provvediment ta' servizzi ambjentali fiż-żoni rurali tal-UE.
- [Servizzi ambjentali](#) tipprovdi link għall-paġna tematika tal-Grupp Fokus dwar il-Kunsenja ta' Servizzi Ambjentali li identifika aspetti kritiċi għall-kunsenja ta' servizzi ambjentali u offra sett ta' rakkomandazzjonijiet għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-ġenerazzjoni futura ta' Programmi tal-Iżvilupp Rurali (2014-2020). *Sommarju eżekuttiv tar-rapport tal-GF* [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [de](#) [it](#) [es](#) [pl](#)]
- Il-fuljett ta' Proġetti tal-FAEŻR dwar is-Servizzi Ambjentali [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [de](#) [it](#) [es](#) [pl](#)] jiffoka fuq il-firxa wiesgħa ta' servizzi ambjentali differenti li jistgħu jiġu appoġġati permezz tal-FAEŻR billi jintuża l-appoġġ finanzjarju disponibbli għall-Programmi ta' Żvilupp Rurali (PŻR) tal-Istati Membri tal-UE.
- Is-sezzjoni [Prodotti Pubbliċi u l-Intervent Pubbliku](#) tirrappreżenta r-risultati u s-sejbiet tal-grupp ta' ħidma tematiku rilevanti, fejn jiġi esplorat il-potenzjal tal-politika ta' żvilupp rurali sabiex tikkontribwixxi għall-provvediment ta' prodotti pubbliċi fiż-żoni rurali permezz tal-agrikoltura li tinkludi l-bijodiversità tal-art agrikola u riżorsi naturali bħall-ilma u l-ħamrija.
- Il-Grupp ta' Ħidma Tematiku 4: Approċċi Kollettivi għall-Iskemi Agro-ambjentali [[PDF](#) [en](#)] iddiskuta dwar l-approċċi kollettivi eżistenti għall-kuntratti agro-ambjentali.
- Il-fuljett dwar il-Prodotti Pubbliċi u l-Intervent Pubbliku fl-Agrikoltura: [[PDF](#) [en](#) [de](#) [fr](#) [it](#) [es](#) [pl](#)] huwa bbażat fuq il-ħidma mwettqa mill-Grupp ta' Ħidma Tematiku dwar il-Prodotti Pubbliċi li ddiskuta kwistjonijiet relatati mal-prodotti pubbliċi u eżamina kif il-politika ta' żvilupp rurali tal-UE tikkontribwixxi għalih.
- Ir-Reviżjoni Rurali 7: Il-Prodotti Pubbliċi u l-Iżvilupp Rurali (Marzu 2011): [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [de](#) [es](#) [it](#) [pl](#)] hija ddedikata dwar ir-rwol tal-politika agrikola u ta' żvilupp rurali tal-UE fil-kunsenja ta' prodotti pubbliċi fiż-żoni rurali madwar l-Ewropa.
- Il-fuljett ta' Proġetti tal-FAEŻR dwar it-Tkabir Ekoloġiku: [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [de](#) [it](#) [es](#) [pl](#)] jippreżenta studji tal-każijiet ta' proġetti tal-PŻR tal-UE li juru u jispjegaw fil-prattika kif iż-żoni rurali tal-Ewropa jistgħu jibbenefikaw billi jadottaw approċċi ambjentalment sostenibbli għall-iżvilupp tagħhom.
- L-istudju dwar l-"[Indirizzar tal-bijodiversità u l-preservazzjoni tal-ħabitats permezz ta' Miżuri applikati taħt il-Politika Agrikola Komuni](#)" jeżamina r-rwol tal-PAK sabiex issostni l-bijodiversità u s-servizzi assoċjati tal-ekosistemi permezz tal-agrikoltura u kif dan ir-rwol jista' jiġi mtejjeb fil-ġejjieni biex jikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-miri tal-UE dwar il-bijodiversità.

#### Eżempji tal-implimentazzjoni ta' PŻR

Fittex eżempji rilevanti ta' proġetti tal-FAEŻR (eż. dwar il-bijodiversità, l-ekosistema tal-foresti, jew l-ilma ta' taħt l-art), studji ta' każijiet rilevanti u stejjer ta' implimentazzjoni b'suċċess tal-PŻR f'dan [il-fajl Excel li jista' jtniżzel](#).

## 5. Effiċjenza fir-riżorsi - Promozzjoni tal-effiċjenza fir-riżorsi u appoġġ għall-bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u reżistenti għall-klima fis-setturi tal-agrikoltura, tal-ikel u tal-forestrija

### *Il-prijorità fil-qosor*

Fis-setturi ekonomiċi kollha, huwa meħtieġ tkabbir intelliġenti u sostenibbli sabiex jiġu mmaniġġati r-riżorsi skarsi. L-agrikoltura trid tuża l-enerġija u l-ilma b'mod aktar effiċjenti (l-irziezet huma responsabbli għal madwar 24% tal-użu totali ta' ilma fl-UE) filwaqt li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħha u tissekwestra l-karbonju. Il-biedja u setturi rurali oħra jistgħu jfornu materja prima essenzjali għall-użu fil-bijoeconomija.

### *Oqsma ta' intervent*

1. Żieda tal-effiċjenza fl-użu tal-ilma mill-agrikoltura.
2. Żieda tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fl-agrikoltura u l-ipproċessar tal-ikel.
3. Faċilitar tal-provvista u l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli minn enerġija, prodotti sekondarji, skart, residwi u materja prima oħra mhux tal-ikel għall-bijoeconomija.
4. Tnaqqis fl-emissjonijiet ta' ossidu nitruż u metanu mill-agrikoltura.
5. Promozzjoni tas-sekwestru tal-karbonju fl-agrikoltura u l-forestrija.

### *Tagħlimiet mill-perjodu 2007-2013*

Links għal ħidma rilevanti tal-ENRD li jipprovdu fehim aktar fil-fond ta' kif issir il-bidla għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u reżistenti għall-klima bi programmazzjoni u implimentazzjoni effettivi tal-PŻR.

- [Ġie organizzat Workshop tas-CC dwar "Tfassil ta' Kwalità tal-Miżuri Ambjentali u Klimatiċi għall-PŻR 2014-2020"](#) mill-ENRD bħala parti mill-attivitajiet ta' preparazzjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni ġdid 2014-2020. Ir-riżultati tal-workshop jinfurmaw dwar il-valutazzjonijiet effettivi tal-ħtiġijiet u d-definizzjoni tal-prijoritajiet; l-għażla tal-miżuri, it-tfassil u l-implimentazzjoni; u l-kunsenja effettiva ta' servizzi ambjentali.
  - [Azzjoni klimatika](#) tipprovdi link għall-eżerċizzju ta' eżami mwettaq mill-ENRD fl-2010 sabiex jidentifika kif il-kwistjoni tat-tibdil fil-klima qiegħda tiġi indirizzata fl-PŻR fuq livell tal-Istati Membri.
  - Ir-Reviżjoni Rurali 4: Żvilupp Rurali u Tibdil fil-Klima (Mejju 2010), [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [es](#) [de](#) [it](#) [pl](#)]
- tispjega l-kontribut li l-politika ta' żvilupp rurali ġġib għall-aġenda tal-UE dwar l-azzjoni klimatika.

### *Preparazzjoni għall-perjodu 2014-2020*

Links għal riżorsi mill-UE u l-Istati Membri biex jappoġġaw il-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-iżvilupp rurali għall-perjodu 2014-2020.

- [Studju OSCAR - Strateġiji Ottimali għal Azzjoni dwar it-Tibdil fil-klima fiż-Żoni rurali](#)

### *Eżempji tal-implimentazzjoni ta' PŻR*



Fittex eżempji rilevanti ta' proġetti tal-FAEŻR (eż. dwar l-impatt ambjentali, it-tisqija, jew il-kompost), studji ta' każijiet rilevanti u stejjer ta' implimentazzjoni b'suċċess ta' PŻR f'dan [il-fajl Excel li jista' jitniżżel](#).

## 6. Inklużjoni soċjali - Promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp ekonomiku fiż-żoni rurali

### *Il-prijorità fil-qosor*

Xi 14% tal-popolazzjoni fir-reġjuni predominantement rurali tal-UE ssofri minn rati ta' impjieg ta' anqas minn nofs il-medja tal-UE, u hemm żoni bi PDG per capita baxx. Jista' jsir ħafna sabiex tinħoloq varjetà aktar wiesgħa ta' impjegi ta' kwalità aħjar u livell aħjar ta' żvilupp lokali ġenerali, inkluż permezz tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT).

### *Oqsma ta' intervent*

1. Faċilitar tad-diversifikazzjoni, ħolqien ta' intrapriżi żgħar ġodda u ħolqien tal-impjegi.
2. Promozzjoni tal-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali.
3. Titjib tal-aċċessibbiltà għal, u l-użu u l-kwalità tal-ICT fiż-żoni rurali.

### *Tagħlimiet mill-perjodu 2007-2013*

Links għal ħidma rilevanti tal-ENRD li jipprovdu fehim aktar fil-fond ta' kif tista' tiġi appoġġata l-inklużjoni soċjali bi programmazzjoni u implimentazzjoni effettivi tal-PRŻ.

- Ir-Reviżjoni Rurali 6: L-Impjegi u l-Inklużjoni Soċjali [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [es](#) [de](#) [it](#) [pl](#) [hr](#)] tiffoka fuq l-inkoraġġiment tal-impjegi rurali, l-indirizzar tal-faqar rurali u t-titjib tal-kwalità tal-ħajja.
- Il-fuljett ta' proġetti tal-FAEŻR dwar l-Inklużjoni Soċjali [[PDF](#) [en](#)] jissottolinja firxa ta' eżempji ta' proġetti ta' inklużjoni soċjali minn madwar l-Ewropa rurali kofinanzjati mill-FAEŻR.
- [Il-gateway dwar iż-żgħażaġh u l-bdiewa żgħażaġh](#) toffri informazzjoni u riżorsi rilevanti dwar l-appoġġ offrut lill-bdiewa żgħażaġh u liż-żgħażaġh f'żoni rurali tal-UE. B'mod partikolari l-["Inizjattiva tematika dwar iż-żgħażaġh"](#) tal-ENRD eżaminat modi kif jista' jittejjeb l-appoġġ tal-PŻR għal proġetti relatati maż-żgħażaġh.
- Il-fuljett ta' proġetti tal-FAEŻR dwar il-Bdiewa Żgħażaġħ u ż-żgħażaġh fl-Ewropa rurali [[PDF](#) [en](#)] jipprovdi għażla ta' eżempji ta' proġetti li juru kif il-FAEŻR jista' jgħin sabiex jiġu pprovduti opportunitajiet ta' żvilupp għall-bdiewa żgħażaġh u l-persuni iżgħar fl-età fl-Ewropa rurali
- [Biedja Soċjali](#) hija Inizjattiva Tematika Konġunta tal-NRN immedija bil-għan li tidentifika u tanalizza l-opportunitajiet u l-ostakoli ppreżentati mill-PŻR nazzjonali/reġjonali 2007-2013 għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' Biedja Soċjali/agrikoltura għal finijiet terapewtiċi fl-UE27.
- [Aspetti Soċjali tal-Intraprenditorija Rurali](#)
- Librerija dwar il-Gateway tal-Intraprenditorija Rurali li tipprovdi materjali u eżempji ta' proġetti dwar l-[Inklużjoni ta' Gruppi fil-Mira Speċifiċi](#)
- Librerija dwar il-Gateway tal-Intraprenditorija Rurali li tipprovdi materjali u eżempji ta' proġetti dwar is-[Servizzi Soċjali u l-Biedja](#)

- Librerija dwar il-Gateway tal-Intraprenditorija Rurali li tipprovdi materjali u eżempji ta' proġetti dwar l-[Intraprenditorija Soċjali](#)
- Din is-sezzjoni tipprovdi informazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-[ICT](#) fiż-żoni rurali.
- Il-fuljett ta' proġetti tal-FAEŻR dwar it-Teknoloġija tal-[Informazzjoni](#) u tal-[Komunikazzjoni](#) (ICT) [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [de](#) [it](#) [es](#) [pl](#)] jissottolinja kif l-ICT qiegħda tintuża bħala għodda essenzjali sabiex jiġi liberat il-potenzjal taż-żoni rurali, u b'hekk dawn isiru postijiet aktar attraenti biex wieħed jaħdem u jgħix fihom u jżurhom.
- Ir-Reviżjoni Rurali 10: Intraprenditorija Rurali [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [es](#) [de](#) [it](#) [pl](#) [hr](#)] tipprovdi ħarsa aktar mill-qrib lejn kif il-politika agrikola u ta' żvilupp rurali tal-UE tgħin sabiex tippromwovi l-intraprenditorija rurali.

#### *Eżempji tal-implimentazzjoni ta' PŻR*

Fittex eżempji rilevanti ta' proġetti tal-FAEŻR (eż. dwar is-servizzi soċjali, l-opportunitajiet indaq, jew it-tiġdid tal-villaġġi), studji ta' każijiet rilevanti u stejjer ta' implimentazzjoni b'suċċess ta' PŻR f'dan [il-fajl Excel li jista' jitniżżel](#).

#### **Leġislazzjoni u Linji gwida**

L-implimentazzjoni tal-politika ta' żvilupp rurali tal-UE fil-perjodu 2014-2020 se tkun regolata minn numru ta' atti leġislattivi li jirriflettu, mhux biss il-qafas ipprovdut mill-approċċ strateġiku komuni għall-[Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej](#), iżda wkoll dak tal-[Politika Agrikola Komuni](#) riformata.

Barra minn hekk, it-Trattat ta' Lisbona u b'mod aktar speċifiku t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea [[PDF](#) [en](#)] (TFUE) introduċa regoli ġodda sabiex il-Kummissjoni Ewropea tiġi mogħtija s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni u atti delegati sabiex tirregola aspetti aktar dettaljati tal-politika.

Fl-aħħar nett il-KE (f'[konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri](#)) se tipproduċi numru ta' dokumenti tekniċi sabiex tipprovdi gwida lill-Istati Membri u lir-reġjuni fl-istadju tal-programmazzjoni u l-implimentazzjoni ta' diversi kwistjonijiet relatati mal-politika (eż. dokumenti tekniċi u skedi informattivi dwar il-miżuri).

Din is-sezzjoni tispjega d-diversi saffi tal-leġislazzjoni li se jkollhom impatt fuq il-politika tal-iżvilupp rurali u b'mod aktar speċifiku fuq id-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-PŻR futuri.

Agħfas fuq il-buttuni t'hawn taħt biex tikseb aċċess dirett għall-atti leġislattivi li huma rilevanti għall-politika tal-iżvilupp rurali fil-perjodu tal-2014 sal-2020 u għal numru ta' riżorsi tal-ENRD u dokumenti ta' gwida disponibbli mill-UE u l-Istati Membri.

#### Regolamenti tal-UE għall-perjodu tal-2014 sal-2020

*Din is-sezzjoni tipprovdi links għat-testi legali li huma rilevanti għall-FAEŻR u għall-implimentazzjoni tal-PŻR fil-perjodu tal-2014 sal-2020.*

- Ir-Regolament (UE) Nru 1310/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet transitorji dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew

għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) [\[PDF en\]](#). Dan ir-Regolament jiddefinixxi regoli tranżitorji sabieħ jtnaqqas id-distakk bejn żewġ perjodi ta' programmazzjoni pluriennali.

- Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) [\[PDF en\]](#). Dan huwa l-att bażiku li jstabbilixxi r-regoli speċifiċi relatati mal-FAEŻR għall-programmazzjoni tal-iżvilupp rurali.
- Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew koperti mill-Fond Strateġiku Komuni u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Reġjonali Ewropej, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 [\[PDF en\]](#). Ir-"Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni" jipprovdi għal sett komuni ta' regoli bażiċi għall-istrumenti strutturali kollha fosthom il-FAEŻR.
- Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni [\[PDF en\]](#) L-hekk imsejjaħ "Regolament Orizzontali" dwar il-PAK jipprovdi r-regoli ta' ġestjoni finanzjarja għaż-żewġ fondi tal-PAK, il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) li jiffinanzja l-miżuri tas-suq u l-pagamenti diretti, u l-FAEŻR li jiffinanzja l-appoġġ għall-iżvilupp rurali. Huwa jiġbor flimkien ir-regoli dwar il-kundizzjonalità, is-sistemi ta' konsulenza dwar l-irziezet u l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK.

#### Riżorsi u dokumenti ta' gwida

*Links għal ħidma rilevanti tal-ENRD u dokumenti ta' gwida disponibbli mill-UE u l-Istati Membri li jappoġġaw il-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-PŻR u l-miżuri.*

- Informazzjoni dwar is-[Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni "Produttività u Sostenibbiltà Agrikola"](#) u d-Dokument ta' gwida għall-implimentazzjoni tal-EIP fi programmi tal-iżvilupp rurali (abbozz ta' Lulju 2013) [\[PDF en\]](#), DG Agrikolatura u Żvilupp Rurali.
- [Grupp Fokus tal-ENRD dwar it-"Trasferiment tal-Għarfien u l-Innovazzjoni"](#): Rapport li juri s-sejbiet tal-ewwel fażi ta' ħidma (Lulju sa Diċembru 2012) [\[PDF en\]](#) u s-Sommarju eżekuttiv [\[PDF en\]](#)
- L-["Inizjattiva tematika dwar iż-żgħażaġh"](#) tal-ENRD eżaminat modi ta' kif jista' jittejjeb l-appoġġ tal-PŻR għal proġetti relatati maż-żgħażaġh.
- Klen organizzat [Workshop tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni dwar l-Istrumenti Finanzjarji](#) sabieħ ikabbar l-għarfien fost il-partijiet interessati fl-iżvilupp rurali dwar l-opportunitajiet u l-konsiderazzjonijiet involuti fil-ħolqien u l-użu tal-istrumenti finanzjarji fil-programmi tal-iżvilupp rurali matul il-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss (2014-2020).
- Ir-Reviżjoni Rurali 13: Strumenti finanzjarji għall-iżvilupp rurali: Opportunitajiet ġodda biex tiġi indirizzata l-kriżi ekonomika (Ottubru 2012) [\[PDF en\]](#) tippreżenta l-opportunitajiet, l-esperjenza u l-isfidi għall-implimentazzjoni tal-Politika ta' Żvilupp Rurali tal-UE.
- [Workshop tal-ENRD dwar "Tfassil ta' Kwalità tal-Miżuri Ambjentali u Klimatiċi għall-PŻR 2014-2020"](#) organizzat mill-ENRD bħala parti mill-attivitajiet ta' preparazzjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni ġdid 2014-2020. Ir-riżultati tal-workshop jinfirmaw dwar il-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet u d-definizzjoni tal-prijoritajiet; l-għażla tal-miżuri, it-tfassil u l-implimentazzjoni; il-kunsenja effettiva ta' servizzi ambjentali.
- Ir-Reviżjoni Rurali 15: Kunsenja ta' Servizzi Ambjentali permezz tal-Politika ta' Żvilupp Rurali (April 2013) [\[PDF en\]](#) qiegħda tesplora l-mod kif il-Politika ta' Żvilupp Rurali qiegħda

tappoġġa l-provvediment ta' servizzi ambjentali fiż-żoni rurali tal-UE u tipprovdi 'sett ta' għodod' prattiċi għal dawk responsabbli mit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' PŻR.

- [Servizzi ambjentali](#) tipprovdi link għall-paġna tematika tal-Grupp Fokus dwar il-Kunsenja ta' Servizzi Ambjentali li identifika aspetti kritiċi għall-kunsenja ta' servizzi ambjentali u offra sett ta' rakkomandazzjonijiet għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-ġenerazzjoni futura ta' Programmi tal-Iżvilupp Rurali (2014-2020). *Sommarju eżekuttiv tar-rapport tal-GF* [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [de](#) [it](#) [es](#) [pl](#)]
- [Studju OSCAR - Strateġiji Ottimali għal Azzjoni dwar it-Tibdil fil-klima fiż-Żoni rurali](#)
- Laqgħa tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Atti Delegati u ta' Implimentazzjoni għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej: L-Att delegat (verżjoni 1) [[PDF](#) [en](#)] u l-Att ta' implimentazzjoni (verżjoni 1) [[PDF](#) [en](#)] dwar is-Sistema ta' ġestjoni u kontroll
- Laqgħa tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Atti Delegati u ta' Implimentazzjoni għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej: L-Att delegat (verżjoni 2) [[PDF](#) [en](#)] u l-Att ta' implimentazzjoni (verżjoni 2) [[PDF](#) [en](#)] dwar l-Istrumenti Finanzjarji
- Laqgħa tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Atti Delegati u ta' Implimentazzjoni għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej: Is-sistema ta' kategorizzazzjoni u l-ittraċċar tat-tibdil fil-klima taħt il-politika ta' koeżjoni [[PDF](#) [en](#)](*\* din l-iskeda informattiva tkopri elementi rilevanti għall-politika ta' koeżjoni biss. L-elementi rilevanti għall-FAEŻR u l-FEMS għandhom ikunu soġġetti għal diskussjoni fi stadju aktar tard*)

Għal riżorsi u gwida speċifiċi dwar is-CLLD/LEADER agħfas [hawn](#).

Għal riżorsi u gwida speċifiċi dwar il-Monitoraġġ u l-Evalwazzjoni tal-PŻR agħfas [hawn](#).

Għal riżorsi u gwida speċifiċi dwar in-netwerks ta' żvilupp rurali agħfas [hawn](#).

### ***Ippjanar tal-PŻR***

Il-preparazzjoni tal-Programmi ta' Żvilupp Rurali (PŻR) nazzjonali jew reġjonali hija proċess f'ħafna stadji li jinvolvi numru ta' atturi differenti. Il-PŻR irid jirrifletti l-għanijiet strateġiċi deċiżi fuq livell nazzjonali u spjegati fil-Ftehimiet ta' Sħubija (FS). Min-naħa tagħhom, dawn jibnu fuq il-Qafas Strateġiku Komuni (QSK) li jikkoordina l-intervent tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment fuq livell Ewropej (għal ħarsa ġenerali tal-qafas tal-politika għall-perjodu 2014-2020 agħfas [hawn](#)).

Il-proċess s'hi jistrieħ fuq l-involvement attiv tas-sħab ekonomiċi u soċjali u s-soċjetà ċivili li jiġu kkonsultati matul il-preparazzjoni kemm tal-FS kif ukoll tal-PŻR.

Bil-pubblikazzjoni tal-proposti leġislattivi għall-perjodu 2014-2020 rigward il-[Politika ta' Koeżjoni](#) u l-[Politika Agrikola Komuni](#) futuri (Ottubru 2011), il-Kummissjoni Ewropea mmarkat il-bidu ta' proċess li eventwalment se jwassal għall-adozzjoni uffiċjali tal-PŻR 2014-2020. Ara aktar dwar il-leġislazzjoni rilevanti għall-perjodu 2014-2020 [hawnhekk](#).



| Skeda ta' żmien prevista għall-adozzjoni tal-PŻR 2014-2020   |   |  |   |
|--|---|--|---|
| 2011   | 2012  | 2013   | 2014  |
| Adozzjoni tal-proposti legali tal-KE għall-perjodu 2014-2020   | Diskussjoni tal-proposti tal-KE fil-Kunsill u l-Parlament Ewropew | - Adozzjoni tal-atti bażiċi (inklużi r-regolamenti dwar il-QSK u l-FAEŻR)<br>-Adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni u delegati | - Sottomissjoni tal-FS u tal-PŻR (*)<br>- Adozzjoni Uffiċjali tal-FS u tal-PŻR (**) |
|  | Negożjati u konsultazzjonijiet informali dwar il-FS u l-PŻR       |  | Negożjati u konsultazzjonijiet formali dwar il-FS u l-PŻR                           |
| (*) FS (Ftehim ta' Sħubija) fi żmien 4 xhur wara l-adozzjoni tar-regolamenti bażiċi; PŻR fi żmien 3 xhur mill-adozzjoni tal-FS.                                    |   |  |   |
| (**) Fi żmien 4 xhur għall-FS u fi żmien 6 xhur għall-PŻR mis-sottomissjoni uffiċjali tagħhom (il-PŻR se jiġu approvati biss wara l-approvazzjoni tal-FS mill-KE). |   |  |   |
| Sors: adattati mill-Kummissjoni Ewropea - DĠ REGIO   |   |  |   |

Huwa f'dan il-kuntest li sseħħ il-preparazzjoni tal-PŻR fl-Istati Membri u r-reġjuni tal-UE. Il-programmazzjoni b'suċċess tal-PŻR hija bbażata fuq għażliet strateġiċi dwar x'għandu jiġi appoġġat u kif permezz ta': i) analiżi komprensiva tal-kuntest (analiżi SWOT); ii) valutazzjoni dettaljata tal-ħtiġijiet; iii) id-definizzjoni tal-prijoritajiet u l-oqsma ta' intervent, l-għażla tal-miżuri rilevanti u l-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji fuq il-bażi tar-riżultati mistennija.

|   |  |   |
|---|--|---|
| <b>1. SWOT ġenerali tal-qasam tal-programm:</b><br>- Il-kompetittività tas-settur agrikolu<br>- L-ambjent u l-klima<br>- Is-sitwazzjoni soċjo-ekonomika taż-żona rurali | <b>2. Valutazzjoni dettaljata tal-ħtiġijiet:</b><br>- Skont il-prijorità u l-qasam tal-fokus | <b>3. Rispons strateġiku:</b><br>- Għażla tal-prijoritajiet / oqsma ta' fokus rilevanti<br>- Stabbiliment tal-miri<br>- Ippjanar tal-miżuri, ir-riżultati, ir-riżorsi finanzjarji |
| Konsultazzjoni mal-Imsieħba   |  |   |
| Sors: Dokument ta' Ħidma tad-DĠ AGRI "Elementi tal-programmazzjoni strateġika għall-perjodu 2014-2020"  |  |   |

Ħares lejn it-**Tabella ta' Valutazzjoni tal-PŻR** (*aqgornata f'Novembru 2013*) biex tara s-sitwazzjoni attwali tal-preparazzjoni tal-PŻR fl-Istati Membri [[PDF](#) [eni](#)].

#### Preparazzjoni tal-PŻR 2014-2020

Links għal ħidma rilevanti tal-ENRD u riżorsi oħra b'appoġġ għall-programmazzjoni strateġika u l-preparazzjoni tal-PŻR futuri.

- [Is-Seminar dwar il-Programmazzjoni b'Suċċess](#) jivvaluta r-riżultati tal-ħidma preparatorja tal-ENRD għall-perjodu 2014-2020. Is-seminar iffoka fuq kif l-għarfien u l-esperjenza miġbura, kif

ukoll il-prijoritajiet trasversali relatati mal-innovazzjoni, l-ambjent u t-tibdil fil-klima, jistgħu jiġu inkorporati fil-PŻR tal-ġejjieni. Huwa haress ukoll lejn il-passi differenti li għandhom jitwettqu sabiex jittejjbu t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss. Ir-riżultati u l-konklużjonijiet tas-seminar huma miġburin fil-qosor fid-dokument "Fatturi ta' Suċċess għall-Programmi ta' Żvilupp Rurali l-ġodda" [PDF [en](#)].

- Workshop dwar il-[Programmazzjoni Strateġika u l-Monitoraġġ u l-Evalwazzjoni għall-PŻR 2014-2020](#)
- Dokument ta' ħidma dwar l-Elementi tal-programmazzjoni strateġika 2014-2020 [PDF [en](#)] prodott mill-KE – DG Agrikoltura u żvilupp rurali fl-okkażjoni tas-seminar tal-ENRD dwar "Programmazzjoni b'Suċċess" FAEŻR 2014-2020, Brussell 6-7 ta' Diċembru 2012
- Kif tiegħu l-aktar mill-PŻR tiegħek: Linji gwida għall-evalwazzjoni ex-ante tal-PŻR 2014-2020 – Abbozz ta' Awwissu 2012 [PDF [en](#)] – Dawn il-linji gwida min-Netwerk Ewropew ta' Evalwazzjoni huma maħsuba sabiex jakkumpanjaw lill-Awtoritajiet Maniġerjali u l-evalwaturi tal-PŻR fil-proċess tal-ippjanar u t-twettiq tal-evalwazzjoni ex ante dwar il-PŻR 2014-2020.
- Ġie organizzat [Workshop tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni dwar l-Istrumenti Finanzjarji](#) biex jgħin sabiex jitkabbar l-għarfien fost il-partijiet interessati fil-iżvilupp rurali dwar l-opportunitajiet u l-konsiderazzjonijiet involuti fil-ħolqien u l-użu tal-istrumenti finanzjarji fil-programmi tal-iżvilupp rurali matul il-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss (2014-2020).
- Il-Grupp Fokus dwar it-[Trasferiment tal-Għarfien u l-Innovazzjoni](#) analizza kif il-Programmi tal-iżvilupp Rurali (PŻR) taħt il-qafas ta' politika preżenti jappoġġaw it-Trasferiment tal-Għarfien u l-Innovazzjoni fil-prattika u jipprovdu rakkomandazzjoni lill-Istati Membri dwar kif jippromwovv il-KT&I fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss.
- [Seminar "Programmazzjoni tal-Innovazzjoni: Kif għandu jintuża bl-aktar mod effettiv is-Sett ta' Għodod għall-Iżvilupp Rurali għall-implimentazzjoni tal-EIP"](#), Madrid 26-27 ta' Ġunju 2013
- [Servizzi ambjentali](#) tipprovdi link għall-paġna tematika tal-Grupp Fokus dwar il-Kunsenja ta' Servizzi Ambjentali li identifika aspetti kritiċi għall-kunsenja ta' servizzi ambjentali u offra sett ta' rakkomandazzjonijiet għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-ġenerazzjoni futura ta' Programmi tal-Iżvilupp Rurali (2014-2020). Sommarju eżekuttiv tar-rapport tal-GF [PDF [en](#) [fr](#) [de](#) [it](#) [es](#) [pl](#)]
- Ir-Reviżjoni Rurali 15: Kunsenja ta' Servizzi Ambjentali permezz tal-Politika ta' Żvilupp Rurali (April 2013) [PDF [en](#)] qiegħda tesplora l-mod kif il-Politika ta' Żvilupp Rurali qiegħda tappoġġa l-provvediment ta' servizzi ambjentali fiż-żoni rurali tal-UE. Hija tipprovdi "sett ta' għodod" għal dawk involuti fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-PŻR 2014-2020.
- Il-[Workshop tal-ENRD dwar it-"Tfassil ta' Kwalità tal-Miżuri Ambjentali u Klimatiċi għall-PŻR 2014-2020"](#) kien organizzat mill-ENRD bħala parti mill-attivitajiet ta' preparazzjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni ġdid 2014-2020. Ir-riżultati tal-workshop jinfurmaw dwar il-valutazzjonijiet effettivi tal-ħtiġijiet u d-definizzjoni tal-prijoritajiet; l-għażla tal-miżuri, it-tfassil u l-implimentazzjoni; il-kunsenja effettiva ta' servizzi ambjentali.

#### Riżorsi u Dokumenti ta' gwida

*Dokumenti tekniċi u ta' gwida disponibbli mill-UE u l-Istati Membri dwar il-preparazzjoni tal-FS u l-PŻR 2014-2020, inkluża l-konsultazzjoni mal-partijiet interessati.*

- Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar il-prinċipju ta' sħubija tal-Fondi għall-Qafas Strateġiku Komuni – elementi għal Kodiċi ta' Kondotta Ewropew dwar is-Sħubija [PDF [en](#)]

- Laqgħa tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Atti Delegati u ta' Implimentazzjoni dwar il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej: abbozz ta' mudell u linji gwida dwar il-kontenut tal-Ftehim ta' Sħubija (verżjoni 3) [[PDF](#) [en](#)]
- Id-[dokumenti tal-pożizzjoni](#) tal-KE jinfurmaw lill-Istati Membri dwar il-veduti tas-servizzi tal-Kummissjoni dwar l-isfidi u l-prijoritajiet ta' finanzjament prinċipali għall-perjodu 2014-2020 u jistabbilixxu qafas għal djalogu bejn il-KE u kull Stat Membru dwar l-iżvilupp tal-FS u l-programmi.
- [Inizjattiva tematika](#) tal-NRN Malti biex tindirizza l-isfidi fil-programmazzjoni tal-PŻR għall-perjodu 2014-2020.
- [Kontribut](#) tal-NRN Franċiż għall-proċess ta' konsultazzjoni nazzjonali għall-PC 2014-2020.

### Implimentazzjoni tal-PŻR

It-titjib tal-kwalità tal-Programmi ta' Żvilupp Rurali (PŻR) tal-UE huwa element essenzjali tal-missjoni tal-ENRD. Din is-sezzjoni tipprovdi numru ta' riżorsi sabiex jappoġġaw l-implimentazzjoni futura tal-PŻR. Hija tinkludi aġġornamenti regolari tal-ħidma analitika tal-ENRD iffukata fuq il-fehim ta' kif il-politika ħadmet fil-prattika, li jidentifikaw x'ħadem sewwa u x'jista' jiġi mtejjeb, u jipprovdu intuwi sabiex jinfurmaw it-teħid tad-deċiżjonijiet fl-Istati Membri u fuq livell Ewropew.

Is-sezzjoni tinkludi wkoll riżorsi rilevanti tal-ENRD fosthom sommarji tat-tagħlimiet mill-implimentazzjoni matul il-perjodu 2007-2013, intuwi dwar iċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġetti ffinanzjati mill-FAEŻR u 'stejjer ta' suċċess' tal-implimentazzjoni ta' PŻR.

### Tagħlimiet mill-perjodu 2007-2013

*Links għal ħidma tal-ENRD u dokumenti fil-qosor rilevanti għall-implimentazzjoni tal-PŻR.*

- Is-[Seminar dwar it-titjib tal-kunsenja tal-PŻR](#) kien organizzat fuq il-bażi tar-riżultati tal-Grupp ta' Ħidma Tematiku 4 "Mekkaniżmi ta' kunsenja tal-Politika ta' Żvilupp Rurali tal-UE" tal-ENRD li identifika x'jaħdem sewwa f'termini ta' kunsenja tal-PŻR u x'jista' jiġi mtejjeb fil-ġejjieni.
- Il-[Grupp ta' Ħidma Tematiku dwar il-Mekkaniżmi ta' Kunsenja](#) vvaluta l-esperjenza fil-implimentazzjoni tal-Programmi ta' Żvilupp Rurali fl-UE bil-għan li jidentifika dawk l-aspetti li qegħdin joperaw tajjeb, dawk li jistgħu jeħtieġu titjib u x'titjib konkret jista' jsir. *Rapport finali - Sommarju u konklużjonijiet* [[PDF](#) [en](#)]
- [Servizzi ambjentali](#) tipprovdi link għall-paġna tematika tal-Grupp Fokus dwar il-Kunsenja ta' Servizzi Ambjentali li identifika aspetti kritiċi għall-kunsenja ta' servizzi ambjentali u offra sett ta' rakkomandazzjonijiet għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-ġenerazzjoni futura ta' Programmi tal-Iżvilupp Rurali (2014-2020). *Sommarju eżekuttiv* [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [de](#) [it](#) [es](#) [pl](#)]
- Ir-Reviżjoni Rurali 15: Kunsenja ta' Servizzi Ambjentali permezz tal-Politika ta' Żvilupp Rurali (April 2013) [[PDF](#) [en](#)] qiegħda tesplora l-mod kif il-Politika ta' Żvilupp Rurali qiegħda tappoġġa l-provvediment ta' servizzi ambjentali fiż-żoni rurali tal-UE. Hija kienet maħsuba bħala 'sett ta' għodod' prattiċi għal dawk responsabbli mit-tfassil u l-implimentazzjoni futura tal-ġenerazzjoni ta' Programmi tal-Iżvilupp Rurali li jmiss (2014 — 2020).
- [Workshop tas-CC dwar "Tfassil ta' Kwalità tal-Miżuri Ambjentali u Klimatiċi għall-PŻR 2014-2020"](#) organizzat mill-ENRD bħala parti mill-attivitajiet ta' preparazzjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni ġdid 2014-2020. Il-preżentazzjonijiet u r-riżultati tal-workshop jinfurmaw dwar il-valutazzjonijiet effettivi tal-ħtiġijiet u d-definizzjoni tal-prijoritajiet; l-għażla tal-miżuri, it-tfassil u l-implimentazzjoni; il-kunsenja effettiva ta' servizzi ambjentali.

- Il-Grupp ta' Ħidma Tematiku dwar it-[Tipoloġġi u l-Immirar](#) jikkontribwixxi għad-definizzjoni preċiża ta' żoni rurali fl-UE li hija kruċjali għat-tfassil tal-politika ta' żvilupp rurali tal-UE u biex tassigura l-komplimentarjetà mal-fondi l-oħra tal-UE mmirati lejn l-iżvilupp taż-żoni rurali.
- Il-Grupp ta' Ħidma Tematiku dwar l-[Agrikoltura u l-ekonomija aktar wiesgħa](#) analizza r-rabtiet bejn l-agrikoltura u l-ekonomija rurali aktar wiesgħa bil-għan li jidentifika u jiddeskrivi s-sinerġiji u/jew il-kunflitti potenzjali bejn l-agrikoltura u l-ekonomija rurali f'żoni rurali differenti tal-UE.
- Is-sezzjoni [Prodotti Pubbliċi u l-Intervent Pubbliku](#) tirrappreżenta r-risultati u s-sejbiet tal-grupp ta' ħidma tematiku rilevanti, fejn jiġi esplorat il-potenzjal tal-politika ta' żvilupp rurali sabiex tikkontribwixxi għall-provvediment ta' prodotti pubbliċi fiż-żoni rurali permezz tal-agrikoltura li tinkludi l-bijodiversità tal-art agrikola u riżorsi naturali bħall-ilma u l-ħamrija.
- L-["Inizjattiva tematika dwar iż-żgħażaġh"](#) ħarset lejn modi kif jista' jiġi mtejjeb l-appoġġ tal-PŻR għal proġetti relatati maż-żgħażaġh.

#### Eżempji tal-implimentazzjoni ta' PŻR

*Is-sezzjoni fiha eżempji ta' proġetti tal-FAEŻR, studji ta' każijiet u stejjer ta' implimentazzjoni b'suċċess ta' PŻR li jistgħu jiggwidaw il-miżuri ta' implimentazzjoni ta' PŻR futuri.*

Eżempji ta' kunsenja ta' programmi tal-iżvilupp rurali (mill-istudji tal-każijiet tal-[Grupp ta' Ħidma Tematiku dwar il-Mekkaniżmi ta' Kunsenja](#)):

- Il-mudell ta' Kuntratt Globali dwar il-Biedja f'Katalunja, Spanja [[PDF](#) [en](#)]
- Il-proċess ta' konsultazzjoni għall-preparazzjoni tal-pjan strateġiku nazzjonali u l-PŻR fl-Awstrija [[PDF](#) [en](#)]
- Il-proġetti ta' katina tal-provvista integrata fir-reġjun tal-Emilia-Romagna, l-Italja [[PDF](#) [en](#)]
- L-approċċ u t-tfassil tal-programm strateġiku fid-Danimarka [[PDF](#) [en](#)]
- Id-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' strateġija ta' komunikazzjoni fi Franza [[PDF](#) [en](#)]
- Titjib fil-proċeduri tal-applikazzjoni fil-Polonja [[PDF](#) [en](#)]

#### ***Intuwiti mill-perjodu 2007-2013***

Din is-sezzjoni hija punt uniku ta' servizz li jipprovdi għażla ta' riżorsi ewlenin disponibbli mis-sit elettroniku tal-ENRD. Hija tinkludi links għal: riżultati ta' analiżi tematika; it-tagħlimiet minn inizjattivi ta' suċċess; dokumenti ta' gwida; ir-riżultati ta' avvenimenti; pubblikazzjonijiet; materjal awdjo-viżiv; u riżorsi oħra prodotti minn jew bil-kontribut tal-ENRD matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Dan il-kontenut huwa rilevanti ħafna għall-ġenerazzjoni ta' Programmi tal-Iżvilupp Rurali (PŻR) 2014-2020.

#### Programmazzjoni u Implimentazzjoni

- [Is-Seminar dwar il-Programmazzjoni b'Suċċess](#) evalwa l-eżiti tas-seminars tal-ENRD li ġew organizzati matul l-2012. Is-seminar iffoka fuq kif l-għarfien u l-esperjenza miġbura, kif ukoll il-prijoritajiet trasversali relatati mal-innovazzjoni, l-ambjent u t-tibdil fil-klima, jistgħu jiġu inkorporati fil-PŻR tal-ġejjieni. Huwa ħares ukoll lejn il-passi differenti li għandhom jitwettqu sabiex jittejjeb t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss.
- [Is-Seminar dwar it-titjib tal-kunsenja tal-PŻR](#) kien organizzat fuq il-bażi tar-riżultati tal-Grupp ta' Ħidma Tematiku 4 "Mekkaniżmi ta' kunsenja tal-Politika ta' Żvilupp Rurali tal-UE" tal-



ENRD li identifika dak li qiegħed jaħdem sewwa f'termini ta' kunsenja tal-PŻR u dak li jista' jiġi mtejjeb fil-ġejjieni.

- [Il-Grupp ta' Ħidma Tematiku dwar it-Tipoloġiji u l-Immirar](#) jikkontribwixxi għad-definizzjoni preċiża ta' żoni rurali fl-UE li hija kruċjali għat-tfassil tal-politika ta' żvilupp rurali tal-UE u biex tassigura l-kumplimentarjetà mal-fondi l-oħra tal-UE mmirati lejn l-iżvilupp taż-żoni rurali.
- [Il-Grupp ta' Ħidma Tematiku dwar l-Agricoltura u l-ekonomija aktar wiesgħa](#) analizza r-rabtiet bejn l-agricoltura u l-ekonomija rurali aktar wiesgħa bil-għan li jidentifika u jiddeskrivi s-sinerġiji u/jew il-kunflitti potenzjali bejn l-agricoltura u l-ekonomija rurali f'żoni rurali differenti tal-UE.
- [Il-Grupp ta' Ħidma Tematiku dwar il-Mekkaniżmi ta' Kunsenja](#) vvaluta l-esperjenza fl-implimentazzjoni ta' Programmi tal-Iżvilupp Rurali fl-UE bil-għan li jidentifika dawk l-aspetti li qegħdin joperaw tajjeb, dawk li jistgħu jeħtieġu titjib u x'titjib konkret jista' jsir.
- [L-Iskedi ta' Informazzjoni Tematiċi](#) jipprovdu stampa ċara tal-intervent tal-politika ta' żvilupp rurali skont it-tema, billi jissottolinjaw ir-rabtiet bejn il-prijoritajiet tal-politika, il-miżuri ta' implimentazzjoni u r-riżultati attwali tagħhom fil-post.
- [L-Iskedi ta' Informazzjoni dwar il-PŻR](#) jippreżentaw informazzjoni dwar il-progress globali miksub minn kull Programm ta' Żvilupp Rurali implimentat madwar l-UE.
- [It-Tabelli tal-Indikaturi ta' Monitoraġġ tal-PŻR](#) juru l-progress miksub f'termini tal-indikaturi finanzjarji u tal-outputs kontra l-miri allokati għall-PŻR 2007-2013.
- [Id-Database tal-Proġetti tal-PŻR](#) tippreżenta eżempji ta' proġetti tal-PŻR implimentati b'suċċess madwar l-UE.

#### Trasferiment tal-Għarfien u l-Innovazzjoni

- Reviżjoni Rurali 16: Trasferiment tal-Għarfien u l-Innovazzjoni fil-Politika ta' Żvilupp Rurali (Mejju 2013) [[PDF](#) [en](#)] Din il-ħarġa tar-Reviżjoni Rurali tal-UE tipprovdi ritratt tal-fehim kurrenti tal-innovazzjoni fl-iżvilupp rurali u ħarsa lejn l-isfidi u l-opportunitajiet tal-ġejjieni. Hija għandha l-għan li taqşam l-intuwitu u tgħin sabiex tiġi promossa l-integrazzjoni tal-iskambju tal-għarfien u l-innovazzjoni fil-politika ta' żvilupp rurali tal-ġejjieni.
- [Il-Grupp Fokus dwar it-Trasferiment tal-Għarfien u l-Innovazzjoni](#) analizza l-mod kif il-Programmi ta' Żvilupp Rurali (PŻR) taħt il-qafas tal-politika 2007-2013 jappoġġaw it-Trasferiment tal-Għarfien u l-Innovazzjoni fil-prattika u jipprovdi rakkomandazzjoni lill-Istati Membri dwar kif għandhom jipromwovu l-KT&I fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss.
- [Ir-Riżorsa b'Informazzjoni dwar il-KT&I](#) hija inventarju bi struttura ċara b'informazzjoni rilevanti dwar proġetti, inizjattivi, istituzzjonijiet u librerija maħluqa bil-għan li tiffaċilita kooperazzjoni u involviment aktar proattivi, li jwasslu għal trasferiment akbar tal-għarfien u innovazzjoni fi ħdan il-komunità rurali.
- [Eżempji ta' proġetti u inizjattivi](#) fil-qasam tat-Trasferiment tal-Għarfien u l-Innovazzjoni
- Ir-Reviżjoni Rurali 2: Il-Kreattività u l-Innovazzjoni fl-Iżvilupp Rurali tal-UE (Diċ 2009) [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [es](#) [de](#) [it](#) [pl](#) [hu](#)] turi xi wħud mit-tipi differenti ta' innovazzjoni u kreattività fiż-żoni rurali tal-UE.

#### Intraprenditorija Rurali

- Ir-Rapport Finali tal-Inizjattiva Tematika tal-ENRD dwar l-Intraprenditorija Rurali [[PDF](#) [en](#)]
- Ir-Rivista Rurali nru 10: L-intraprenditorija rurali [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [es](#) [de](#) [it](#) [pl](#) [hr](#)] tipprovdi ħarsa aktar mill-qrib lejn kif il-politika agrikola u tal-iżvilupp rurali tal-UE tgħin sabiex tiġi promossa l-intraprenditorija rurali.

- Ir-Rivista Rurali nru 5: Kultivazzjoni tal-kompetittività tas-setturi tal-irziezet, agroalimentari u tal-forestrija tal-UE [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [es](#) [de](#) [it](#) [pl](#)] tiffoka fuq l-appoġġ għall-agrikoltura, il-forestrija u l-industrija agroalimentari tal-UE, billi tgħaqqad flimkien il-kompetittività u l-multifunzjonalità.
- Kienu pprovduti [Linji gwida](#) bħala għodda għall-bini tal-kapaċità għall-imprendituri fiż-żoni rurali.
- [Avvenimenti, Taħriġ u Gruppi ta' Ħidma](#) għall-bini tal-kapaċità tal-imprendituri rurali.
- Librerija dwar l-Intraprenditorija Rurali li tipprovdi materjali li jservu bħala [riżorsi ġenerali](#) u eżempji ta' proġetti.
- Ir-Rivista Rurali nru 9: Il-forestrija u l-iżvilupp rurali [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [es](#) [de](#) [it](#) [pl](#)] tiffoka fuq ir-rabtiet bejn il-politika tal-iżvilupp rurali u ż-żoni rurali, u tinkludi wkoll proġetti ta' suċċess u esperjenza Prattika mill-post.
- Il-fuljett tal-proġetti tal-FAEŻR dwar il-Forestrija [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [de](#) [it](#) [es](#) [pl](#)] jippreżenta sett ta' artikli dwar kif il-FAEŻR jista' jintuża sabiex tiġi żviluppata b'mod sostenibbli l-varjetà wiesgħa ta' riżorsi differenti tal-imsaġar tal-UE.

#### Strumenti Finanzjarji

- Kienet organizzata [Sessjoni ta' Ħidma tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni dwar l-Istrumenti Finanzjarji](#) biex tgħin sabiex jtkabbar l-għarfien fost il-partijiet interessati tal-qasam tal-iżvilupp rurali dwar l-opportunitajiet u l-konsiderazzjonijiet involuti fil-ħolqien u l-użu tal-istrumenti finanzjarji fil-programmi tal-iżvilupp rurali fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss (tal-2014 sal-2020).
- Ir-Rivista Rurali nru 13: L-istrumenti finanzjarji għall-iżvilupp rurali: Opportunitajiet ġodda sabiex tiġi indirizzata l-kriżi ekonomika (ta' Ottubru tal-2012) [[PDF](#) [en](#)] tippreżenta l-opportunitajiet, l-esperjenzi u l-isfidi għall-implimentazzjoni tal-Politika tal-Iżvilupp Rurali tal-UE.
- Is-sezzjoni [Finanzjament Rurali](#) tipprovdi informazzjoni dwar il-ħidma tat-Task Force dwar il-Finanzjament Rurali organizzata taħt l-Inizjattiva Tematika tan-NRNs dwar l-Intraprenditorija Rurali.
- Librerija dwar l-Intraprenditorija Rurali li tipprovdi materjali u eżempji ta' proġetti dwar [l-Istrumenti ta' Finanzjament Lokali](#).

#### Katina Alimentari

- [L-Ikel Lokali u l-Katina Qasira tal-Provvista](#) – paġna ta' introduzzjoni għat-tema b'links rilevanti għal azzjonijiet tal-UE dwar il-promozzjoni ta' prodotti tal-irziezet, eżempji ta' studji u proġetti.
- Ir-Revizzjoni Rurali 12: L-ikel lokali u l-ktajjen qosra tal-provvista [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [es](#) [de](#) [it](#) [pl](#) [hr](#)] turi kif il-PŻR qegħdin jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-produzzjoni tal-ikel lokali u l-ktajjen qosra tal-provvista
- Librerija dwar l-Intraprenditorija Rurali li tipprovdi materjali u eżempji ta' proġetti dwar il-[Ktajjen tal-Provvista](#) qosra
- Il-fuljett ta' proġetti tal-FAEŻR dwar l-Ikel [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [de](#) [it](#) [es](#) [pl](#)] jagħti eżempji li juru l-firxa ta' benefiċċji pożittivi fl-Istati Membri mill-attività ta' żvilupp rurali relatata mal-ikel taħt il-PAK.

#### Ambjent u Tibdil fil-klima

- [Workshop tal-ENRD dwar it-"Tfassil ta' Kwalità tal-Miżuri Ambjentali u Klimatiċi għall-PŻR 2014-2020"](#) organizzat mill-ENRD bħala parti mill-attivitajiet ta' preparazzjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid 2014-2020. Ir-riżultati tal-workshop jinfumaw dwar il-valutazzjonijiet effettivi tal-ħtiġijiet u d-definizzjoni tal-prijoritajiet; l-għażla tal-miżuri, it-tfassil u l-implimentazzjoni; il-kunsenja effettiva ta' servizzi ambjentali.
- Ir-Reviżjoni Rurali 15: Kunsenja ta' Servizzi Ambjentali permezz tal-Politika ta' Żvilupp Rurali (April 2013) [[PDF](#) [en](#)] qiegħda tesplora l-mod kif il-Politika ta' Żvilupp Rurali qiegħda tappoġġa l-provvediment ta' servizzi ambjentali fiż-żoni rurali tal-UE.
- [Servizzi ambjentali](#) tipprovdi link għall-paġna tematika tal-Grupp Fokus dwar il-Kunsenja ta' Servizzi Ambjentali li identifika aspetti kritiċi għall-kunsenja ta' servizzi ambjentali u offra sett ta' rakkomandazzjonijiet għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-ġenerazzjoni futura ta' Programmi tal-Iżvilupp Rurali (2014-2020). *Sommarju eżekuttiv tar-rapport tal-GF* [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [de](#) [it](#) [es](#) [pl](#)]
- Il-fuljett ta' Proġetti tal-FAEŻR dwar is-Servizzi Ambjentali [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [de](#) [it](#) [es](#) [pl](#)] jiffoka fuq il-firxa wiesgħa ta' servizzi ambjentali differenti li jistgħu jiġu assistiti permezz tal-FAEŻR billi jintuża l-appoġġ finanzjarju disponibbli għall-Programmi ta' Żvilupp Rurali (PŻR) tal-Istati Membri tal-UE.
- Is-sezzjoni [Prodotti Pubbliċi u l-Intervent Pubbliku](#) tirrappreżenta r-riżultati u s-sejbiet tal-grupp ta' ħidma tematiku rilevanti, fejn jiġi esplorat il-potenzjal tal-politika ta' żvilupp rurali sabiex tikkontribwixxi għall-provvediment ta' prodotti pubbliċi fiż-żoni rurali permezz tal-agrikoltura li tinkludi l-bijodiversità tal-art agrikola u riżorsi naturali bħall-ilma u l-ħamrija.
- Il-Grupp ta' Ħidma Tematiku 4: Approċċi Kollettivi għall-Iskemi Agro-ambjentali [[PDF](#) [en](#)] iddiskuta dwar l-approċċi kollettivi eżistenti għall-kuntratti agro-ambjentali.
- Il-fuljett dwar il-Prodotti Pubbliċi u l-Intervent Pubbliku fl-Agricoltura: [[PDF](#) [en](#) [de](#) [fr](#) [it](#) [es](#) [pl](#)] huwa bbażat fuq il-ħidma mwettqa mill-Grupp ta' Ħidma Tematiku dwar il-Prodotti Pubbliċi li ddiskuta kwistjonijiet relatati mal-prodotti pubbliċi u eżamina kif il-politika ta' żvilupp rurali tal-UE tikkontribwixxi għalih.
- Ir-Reviżjoni Rurali 7: Il-Prodotti Pubbliċi u l-Iżvilupp Rurali (Marzu 2011): [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [es](#) [de](#) [it](#) [pl](#)] hija ddedikata dwar ir-rwol tal-politiki agrikoli u ta' żvilupp rurali tal-UE fil-kunsenja ta' prodotti pubbliċi fiż-żoni rurali madwar l-Ewropa.
- Il-fuljett ta' Proġetti tal-FAEŻR dwar it-Tkabbir Ekoloġiku: [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [de](#) [it](#) [es](#) [pl](#)] jippreżenta studji tal-każijiet ta' proġetti tal-PŻR tal-UE li juru u jispjegaw fil-prattika kif iż-żoni rurali tal-Ewropa jistgħu jibbenefikaw billi jadottaw approċċi ambjentalment sostenibbli għall-iżvilupp tagħhom.
- [Tibdil fil-klima / Azzjoni klimatika](#) tipprovdi link għall-eżerċizzju ta' eżami mwettaq mill-ENRD fl-2010 sabiex jidentifika kif il-kwistjoni tat-tibdil fil-klima qiegħda tiġi indirizzata fil-PŻR fuq livell tal-Istati Membri.
- Ir-Reviżjoni Rurali 4: Żvilupp Rurali u Tibdil fil-Klima (Mejju 2010), [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [es](#) [de](#) [it](#) [pl](#)] tispjega l-kontribut li l-politika ta' żvilupp rurali ġġib għall-aġenda tal-UE dwar l-azzjoni klimatika.

#### L-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp ekonomiku taż-żoni rurali

- [Il-gateway dwar iż-żgħażaġh u l-bdiewa żgħażaġh](#) toffri informazzjoni u riżorsi rilevanti dwar l-appoġġ offrut lill-bdiewa żgħażaġh u liż-żgħażaġh fiż-żoni rurali tal-UE. B'mod partikolari l-["Inizjattiva tematika dwar iż-żgħażaġh"](#) tal-ENRD eżaminat modi ta' kif jista' jittejjeb l-appoġġ tal-PŻR għal proġetti relatati maż-żgħażaġh.

- Il-fuljett ta' proġetti tal-FAEŻR dwar l-Inklużjoni Soċjali [PDF [en](#)]] jissottolinja firxa ta' eżempji ta' proġetti tal-inklużjoni soċjali minn madwar l-Ewropa rurali li huma kofinanzjati mill-FAEŻR.
- Il-fuljett ta' proġetti tal-FAEŻR dwar il-Bdiewa żgħażaġh u l-persuni iżgħar fl-età fl-Ewropa rurali [PDF [en](#)]] jipprovdi għażla ta' eżempji ta' proġetti li juru kif il-FAEŻR jista' jgħin sabiex jiġu pprovduti opportunitajiet ta' żvilupp għall-bdiewa żgħażaġh u l-persuni iżgħar fl-età fl-Ewropa rurali.
- Ir-Reviżjoni Rurali 6: L-Impjiegi u l-Inklużjoni soċjali [PDF [en](#) [fr](#) [es](#) [de](#) [it](#) [pl](#) [hr](#)]] tiffoka fuq l-inkoraġġiment tal-impjiegi rurali, l-indirizzar tal-faqar rurali u t-titjib tal-kwalità tal-ħajja.
- [Biedja Soċjali](#) hija Inizjattiva Tematika Konġunta tal-NRNs immedija bil-għan li tidentifika u tanalizza l-opportunitajiet u l-ostakoli ppreżentati mill-PŻR nazzjonali/reġjonali 2007-2013 għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' Biedja Soċjali/agrikoltura għal finijiet terapewtiċi fl-UE27
- Is-seminar tal-ENRD dwar il-[Biedja ta' Semi-sussistenza fl-UE](#) vvaluta s-sitwazzjoni u l-politiki diretti lejn l-irziezet ta' semi-sussistenza madwar l-UE.
- [Aspetti Soċjali tal-Intraprenditorija Rurali](#)
- Librerija dwar il-Gateway tal-Intraprenditorija Rurali li tipprovdi materjali u eżempji ta' proġetti dwar l-[Inklużjoni ta' Gruppi fil-Mira Speċifiċi](#)
- Librerija dwar il-Gateway tal-Intraprenditorija Rurali li tipprovdi materjali u eżempji ta' proġetti dwar is-[Servizzi Soċjali u l-Biedja](#)
- Librerija dwar il-Gateway tal-Intraprenditorija Rurali li tipprovdi materjali u eżempji ta' proġetti dwar l-[Intraprenditorija Soċjali](#)
- Din is-sezzjoni tipprovdi informazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-ICT fiż-żoni rurali.
- Il-fuljett ta' proġetti tal-FAEŻR dwar it-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT). [PDF [en](#) [fr](#) [de](#) [it](#) [es](#) [pl](#) ] jissottolinja kif l-ICT qiegħda tintuża bħala għodda essenzjali sabiex jiġi liberat il-potenzjal taż-żoni rurali, u b'hekk dawn isiru postijiet aktar attraenti biex wieħed jaħdem u jgħix fihom u jżurhom.

#### CLLD, LEADER u TNC

- It-tielet [Avveniment LEADER 2013: Nibnu Pontijiet għall-Ġejjieni](#) kien organizzat bil-għan li jappoġġa l-proċess ta' programmazzjoni b'suċċess tas-CLLD (magħruf bħala LEADER fi ħdan il-FAEŻR) fil-livell nazzjonali u lokali.
- Informazzjoni dwar il-[Workshops dwar l-Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità](#) organizzati mid-DĠ AGRI u s-CP tal-ENRD fil-kuntest tal-Għaxar Ġimgħa Ewropea tar-Reġjuni u l-Iblijiet – OPEN DAYS. L-għan kien li jiġu ġġenerati diskussjonijiet dwar il-preparazzjoni, it-tnejjja, l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-Istrateġiji għall-Iżvilupp Lokali (SŻL), li jinħoloq fehim ta' kif in-netwerking jista' jintuża bħala għodda sabiex jiġu mobilizzati l-atturi, u li jiġi pubbliċizzat b'mod estensiv il-valur miżjud tal-kooperazzjoni transnazzjonali bejn it-territorji nazzjonali.
- L-ENRD organizza [Workshop dwar l-Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità](#) bil-għanijiet li jiġu skambjati informazzjoni u ideat għall-perjodu ta' programmazzjoni tal-ġejjieni u li jiġu identifikati l-ħtiġijiet tal-partijiet interessati f'dan il-kuntest u r-rwol possibbli tan-netwerks fil-fażi preparatorja.
- Bħala parti mill-objettiv li tiġi eżaminata l-implimentazzjoni ta' LEADER madwar l-UE u li tiġi identifikata Prattika tajba li tista' tiġi żviluppata f'rakkomandazzjonijiet sabiex tiġi mtejbja l-implimentazzjoni ta' LEADER, il-[Grupp Fokus 4: Strateġiji Aħjar għall-Iżvilupp Lokali](#) għandu l-għan li janalizza ż-żewġ aspetti ewlenin tal-istrateġiji għall-iżvilupp lokali - il-ħolqien u l-implimentazzjoni.



- Bħala parti mis-Sett ta' Għodod ta' LEADER, is-sezzjoni [Grupp ta' Azzjoni Lokali \(LAG\)](#) tipprovdi informazzjoni Prattika u utli dwar aspetti differenti relatati mal-istabbiliment tal-LAGs.
- Is-sezzjoni [It-Tfassil u l-Implimentazzjoni tal-Istrateġiji](#) tipprovdi gwida dwar kwistjonijiet relatati mat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-Istrateġiji għall-Iżvilupp Lokali.
- Ir-Reviżjoni Rurali 11: LEADER u l-kooperazzjoni (April 2012) [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [de](#) [es](#) [it](#) [pl](#)] hija ffukata fuq l-interrelazzjoni bejn iż-żewġ elementi prinċipali tal-approċċ LEADER - L-Istrateġiji għall-Iżvilupp Lokali u l-kooperazzjoni.
- Il-fuljett ta' Proġetti tal-FAEŻR dwar LEADER [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [de](#) [it](#) [es](#) [pl](#) [ee](#)] juri u jissottolinja l-valur miżjud ta' LEADER.
- Il-fuljett ta' Proġetti tal-FAEŻR dwar Fondi Oħra tal-UE [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [de](#) [it](#) [es](#) [pl](#)] juri kif il-FAEŻR jista' jaħdem flimkien ma' sorsi ta' finanzjament oħra tal-UE fiż-żoni rurali.
- [Glossarju ta' Termini Speċifiċi għat-TNC](#)
- [Regoli u proċeduri dwar it-TNC tal-Istati Membri](#) tipprovdi informazzjoni, indirizzata lil-LAGs u atturi oħra tat-tip ta' LAG li jkunu interessati li jipparteċipaw f'TNC.
- Is-sezzjoni [Implimentazzjoni tat-TNC](#) tinforma dwar aspetti komuni tal-immaniġġar ta' proġetti ta' TNC.
- Sezzjonijiet informattivi dwar ir-rwoli tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni bħala parti mill-attivitajiet ta' segwitu neċessarji sabiex tittejjeb l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' TNC.
- [Sett ta' Għodod tal-Gwida dwar it-TNC](#)

### Netwerking għall-Iżvilupp Rurali

#### **In-netwerking fil-prattika: esperjenzi u tagħlimiet**

- Il-[Workshop tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni dwar il-Ġejjieni tan-Netwerking Rurali, Brussell 17 ta' Settembru 2012](#) u r-riżultati tal-workshop [[PDF](#) [en](#)] jinfurmaw dwar il-ġejjieni tan-netwerking Ewropew għall-iżvilupp rurali.
- Ir-Reviżjoni Rurali 14: In-Netwerks u n-Netwerking fil-Politika ta' Żvilupp Rurali (Diċembru 2012), [[PDF](#) [en](#)] turi li n-netwerks huma mezz effettiv ta' infurmar, ispirazzjoni u għoti tas-setgħa lill-persuni lokali fil-komunitajiet rurali.
- [In-netwerks bħala għodda tal-politika ta' żvilupp rurali](#) għall-istimular u l-qsim ta' ideat ġodda li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-politika ta' żvilupp rurali.
- [Tagħlimiet mill-ENRD](#) turi xi wħud mill-ġrajjet importanti u l-kisbiet tal-ENRD matul il-perjodu 2008-2012.
- [Tagħlimiet mill-NRNs](#) tippreżenta tagħlimiet importanti u siewja li jistgħu jittieħdu mill-esperjenza tal-NRNs matul il-perjodu 2007-2013 u li wieħed jista' jibni fuqhom għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss 2014-2020.
- [In-Netwerks Rurali Nazzjonali – id-diversità tal-approċċi](#) twassal esperjenzi prattiċi u opportunitajiet ta' tagħlim maħluqa mill-varjetà kbira ta' approċċi tal-NRNs relatati man-netwerking rurali.
- Bħala parti mit-tagħlimiet mill-NRNs, [Żvilupp ta' fehim komuni tal-politiki komuni](#) tipprovdi eżempji tal-firxa ta' metodi u tekniki użati mill-NRNs sabiex ilaqqgħu flimkien grupp, organizzazzjonijiet u individwi sabiex jiżviluppaw fehim kondiviż tal-politika, kemm vertikament kif ukoll orizzontalment fost grupp ta' partijiet interessati.
- [Nibnu fuq it-tagħlimiet miksuba](#) tipprovdi links għall-esperjenza u t-tagħlimiet miksuba matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 tal-ENRD, l-NRNs u netwerks oħra li wieħed jista' jibni fuqhom għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss 2014-2020

- [Involvement effettiv tal-partijiet interessati](#) tipprovdi eżempji ta' firxa ta' metodi u tekniki użati mill-NRNs sabiex jinvolvu gruppi ta' partijiet interessati eżistenti u potenzjali f'aspetti tal-PŻR li jkunu l-aktar rilevanti għalihom.
- [Faċilitar tal-iskambju tal-prattika u l-esperjenza](#) hija ġabra ta' għodod ta' tagħlim utli applikati fil-prattika għal partijiet interessati oħra, ippreżentati b'mod xieraq u magħmula disponibbli għal udjenza wiesgħa.
- [Appoġġ għall-kooperazzjoni u l-azzjonijiet konġunti](#) tipprovdi stejjer ta' suċċess li juru kif l-NRNs appoġġaw persuni, gruppi u organizzazzjonijiet sabiex jidentifikaw sħab potenzjali, jiżviluppaw ideat flimkien u jaħdmu b'mod kollettiv sabiex iwasslu proġetti konġunti.
- [Bini tal-Kapaċità għan-Networks Rurali](#) huwa seminar organizzat mill-ENRD bil-għan li jikkontribwixxi għall-bini tal-kapaċità tan-networks nazzjonali u reġjonali u li jippreżenta opportunità siewja għal dawk involuti fl-istadji bikrija tal-istabbiliment ta' NRN sabiex jiltaqgħu ma' atturi oħra tal-iżvilupp rurali madwar l-UE.

### Għodod ta' awtovalutazzjoni għan-Networks Rurali Nazzjonali

- L-Għodod Eżistenti Użati mill-NRNs għall-Awtovalutazzjoni tinkludi sett ta' għodod prattiċi għall-awtovalutazzjoni li diġà qegħdin jintużaw mill-NRNs
- Gwida dwar it-Tfassil ta' Stħarriġ, Kwestjonarji u Formoli tal-Kummenti (Feedback) tagħmel disponibbli xi dokumenti ta' gwida ġenerali għall-NRNs dwar il-preparazzjoni ta' sħarriġ għall-għbir u l-valutazzjoni tal-veduti u l-opinjoni tal-partijiet interessati u l-parteċipanti f'diversi attivitajiet ta' netwerking.
- Ħarsa Lil hinn mill-Awtovalutazzjoni tal-NRNs hija sezzjoni b'links u pubblikazzjonijiet li jipprovdu xi sorsi utli ta' ispirazzjoni, metodoloġija u tagħlimiet għall-NRNs li huma interessati li jħarsu lil hinn mill-proċess ta' awtoevalwazzjoni standard tal-attivitajiet tal-NRNs.
- Profili tal-Awtovalutazzjonijiet tal-NRNs tinforma dwar l-approċċ ġenerali li NRNs magħżula adottaw għall-awtovalutazzjoni.
- Għodod Potenzjali sabiex Jappoġġaw l-Awtovalutazzjoni tal-NRNs hija ġabra ta' dokumenti ta' gwida pprovdu għall-attivitajiet ta' awtovalutazzjoni tal-attivitajiet f'NGOs u networks ta' skambju soċjali li jinkludu eżempji u pariri prattiċi li jistgħu jkunu rilevanti wkoll għall-awtovalutazzjoni tal-NRNs.
- Għodod Prattiċi għall-Awtovalutazzjoni tal-NRNs tipprovdi links għal ġabra ta' għodod prattiċi li jew qegħdin jintużaw jew għandhom il-potenzjal sabiex jintużaw, mill-NRNs għall-monitoraġġ tal-progress u l-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-attivitajiet ta' netwerking tagħhom.

### **Monitoraġġ u Evalwazzjoni**

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni huma elementi importanti tal-ippjanar, it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-Programmi tal-Iżvilupp Rurali (PŻR). L-**evalwazzjoni** hija essenzjali għall-valutazzjoni korretta tal-ħtiġijiet taż-żoni rurali, u hija parti importanti mid-definizzjoni tal-istrateġija għal programmi futuri u biex issir l-aħjar għażla ta' miżuri għall-PŻR. L-evalwazzjoni tippermetti wkoll li jiġi valutat l-impatt tal-politika u tappoġġa l-effiċjenza fl-implimentazzjoni. Il-**monitoraġġ** huwa importanti għall-valutazzjoni kontinwa tal-programmi u jipprovdi dejta għall-aġġustament f'waqtu tal-implimentazzjoni tal-programmi. Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni huma partikolarment importanti fi żminijiet ta' kriżi ekonomika meta l-ħtieġa tal-użu effiċjenti u effettiv tal-fondi pubbliċi tkun akbar.

Fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, għall-ewwel darba, ġie stabbilit qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għall-PAK sfiha. Fuq il-bażi tal-esperjenza mgħoddija, il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tipproponi li tissimplifika l-proċess ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-PŻR. L-għan huwa li tiġi pprovduta dejta affidabbli u f'waqtha li tippermetti valutazzjoni korretta, segwitu u, finalment, implimentazzjoni aħjar tal-PŻR.

Aktar informazzjoni dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PŻR u l-politika ta' żvilupp rurali tal-UE tista' tinstab fis-sit elettroniku tan-[Netwerk Ewropew ta' Evalwazzjoni għall-Iżvilupp Rurali](#) u [f-is-sezzjoni tas-sit elettroniku tal-Kummissjoni Ewropea](#) ddedikata lill-monitoraġġ u l-evalwazzjoni għall-PAK ta' wara l-2013.

L-ENRD jipproduċi [tabelli ta' monitoraġġ tal-PŻR](#) li juru l-progress miksub f'termini tan-nefqa pubblika u l-indikaturi tal-outputs għall-PŻR tal-UE 2007-2013.

#### Evalwazzjoni u Awtovallutazzjoni tan-Netwerks Rurali Nazzjonali

*Għażla ta' links għal ħidma rilevanti mwettqa mill-ENRD li tkopri l-evalwazzjoni u l-awtovalutazzjoni tal-NRNs.*

- [Għodod Eżistenti Użati mill-NRNs għall-Awtovalutazzjoni](#) tinkludi sett ta' għodod prattiċi għall-awtovalutazzjoni li diġà qegħdin jintużaw mill-NRNs
- [Profili tal-Awtovalutazzjonijiet tal-NRNs](#) tinforma dwar l-approċċ ġenerali li NRNs magħżula adottaw għall-awtovalutazzjoni.
- [Gwida dwar it-Tfassil ta' Stħarriġ, Kwestjonarji u Formoli tal-Kummenti](#) tagħmel disponibbli xi dokumenti ta' gwida ġenerali għall-NRNs dwar il-preparazzjoni ta' stħarriġ għall-ġbir u l-valutazzjoni tal-veduti u l-opinjoni tal-partijiet interessati u l-parteċipanti f'diversi attivitajiet ta' netwerking.
- [Ħarsa Lil hinn mill-Awtovalutazzjoni tal-NRNs](#) hija sezzjoni b'links u pubblikazzjonijiet li jipprovdu xi sorsi utli ta' ispirazzjoni, metodoloġija u tagħlimiet għall-NRNs li jkunu interessati li jħarsu lil hinn mill-proċess ta' awtovalutazzjoni standard tal-attivitajiet tal-NRNs.
- [Għodod Potenzjali ta' Appoġġ għall-Awtovalutazzjoni tal-NRNs](#) hija ġabra ta' dokumenti ta' gwida pprovduti għall-awtovalutazzjoni tal-attivitajiet f'NGOs u netwerks ta' skambju soċjali li fihom eżempji u pariri prattiċi li jistgħu jkunu rilevanti wkoll għall-awtovalutazzjoni tal-NRNs.

#### Evalwazzjoni tat-TNCs

*Links għal ħidma rilevanti mwettqa min-Netwerk Ewropew ta' Evalwazzjoni u l-ENRD li tkopri l-evalwazzjoni ta' LEADER u l-Kooperazzjoni Transnazzjonali (TNC).*

- Sezzjonijiet ta' informazzjoni dwar ir-rwoli tal-[monitoraġġ](#) u l-[evalwazzjoni](#) bħala parti mill-attivitajiet ta' segwitu sabiex tittejjeb l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' TNC [PDF [en](#)].

### **Netwerking għall-Iżvilupp Rurali**

In-netwerks u n-netwerking huma rikonoxxuti u adottati b'mod estensiv bħala għodod ewlenin sabiex jiġi appoġġat u promoss l-iżvilupp rurali sostenibbli. In-netwerking irriżulta strument utli sabiex jiżjed l-involviment tal-partijiet interessati f'diversi stadji tal-implimentazzjoni tal-Programmi ta' Żvilupp Rurali (PŻR). Fl-istadju tal-ippjanar tal-PŻR, xi drabi jintuża bħala strument sabiex ilaqqaq flimkien il-partijiet interessati kollha biex jiddiskutu proposti ta' politika rilevanti. Fl-istadju tal-implimentazzjoni tal-politika, huwa jappoġġa l-ħidma ta' diversi partijiet interessati fl-iżvilupp rurali biex joħloq opportunitajiet għall-iskambju ta' ideat, informazzjoni u għarfien. Ladarba l-PŻR ikunu aktar avvanzati, in-netwerks ikollhom rwol importanti fid-disseminazzjoni ta' Prattiki tajba u jikkontribwixxu għat-titjib tal-politika ta' żvilupp rurali.

In-netwerking għandu jtejjeb ir-rwol importanti tiegħu matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 permezz tal-istabbiliment ta' netwerks fil-qasam tal-iżvilupp rurali fuq livell Ewropew u nazzjonali.


In-netwerking fuq livell tal-UE – permezz tan-Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali – ilaqqaq flimkien Netwerks tal-Iżvilupp Rurali, organizzazzjonijiet, u amministrazzjonijiet attivi fil-qasam tal-iżvilupp rurali sabiex:

- iżid l-involviment tal-partijiet interessati kollha fl-implimentazzjoni tal-politika;
- itejjeb il-kwalità tal-PŻR u jappoġġa l-evalwazzjoni tagħhom;
- jinforma lill-pubbliku aktar ġenerali dwar il-benefiċċji tal-politika ta' żvilupp rurali; u
- jippromwovi l-innovazzjoni fl-agrikoltura, il-produzzjoni tal-ikel, il-forestrija u ż-żoni rurali.

In-Netwerk ta' Sħubijiet Ewropej għall-Innovazzjoni u l-[Punt ta' Servizz](#) jappoġġa l-[EIP għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola](#) u n-netwerking ta' gruppi operattivi, servizzi ta' konsulenza u riċerkaturi. [Hawn](#) issib aktar informazzjoni dwar in-netwerking bħala għodda tal-politika ta' żvilupp rurali fil-perjodu 2014-2020.

### Tagħlimiet mill-perjodu 2007-2013

*Links għal ħidma rilevanti tal-ENRD dwar il-fehim tan-netwerking bħala għodda tal-politika ta' żvilupp rurali bbażata fuq esperjenzi rilevanti fuq livell tal-UE u nazzjonali.*

- [Ir-Reviżjoni Rurali 14: In-Netwerks u n-Netwerking fil-Politika ta' Żvilupp Rurali](#) [PDF - [Tagħlimiet mill-ENRD](#) turi xi wħud mill-ġrajjet importanti u l-kisbiet tal-ENRD matul il-perjodu 2008-2012.
- [Tagħlimiet mill-NRNs](#) tippreżenta tagħlimiet importanti u siewja li jistgħu jinkisbu mill-esperjenza tal-NRNs matul il-perjodu 2007-2013 u li wieħed jista' jibni fuqhom għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss 2014-2020.
- [In-Netwerks Rurali Nazzjonali – id-diversità tal-approċċi](#) twassal esperjenzi Prattiki u opportunitajiet ta' tagħlim maħluqa mill-varjetà kbira ta' approċċi tal-NRNs relatati man-netwerking rurali.
- [In-netwerks bħala għodda tal-politika ta' żvilupp rurali](#) għall-istimular u l-qsim ta' ideat ġodda li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-politika ta' żvilupp rurali.
- [Bini tal-Kapaċità għan-Netwerks Rurali](#) huwa seminar organizzat mill-ENRD bil-għan li jikkontribwixxi għall-bini tal-kapaċità tan-netwerks nazzjonali u reġjonali u li jippreżenta



opportunita siewja għal dawk involuti fl-istadji bikrija tal-istabbiliment ta' NRN biex jiltaqgħu ma' atturi oħra tal-iżvilupp rurali madwar l-UE

- [Profili tal-Awtovalutazzjonijiet tal-NRNs](#) tinforma dwar l-approċċ ġenerali li NRNs magħżula adottaw għall-awtovalutazzjoni.
- [Għodod Potenzjali ta' Appoġġ għall-Awtovalutazzjoni tal-NRNs](#) hija ġabra ta' dokumenti ta' gwida pprovduti għall-awtovalutazzjoni tal-attivitajiet f'NGOs u netwerks ta' skambju soċjali li fihom eżempji u pariri prattiċi li jistgħu jkunu rilevanti wkoll għall-awtovalutazzjoni tal-NRNs.
- [Prinċipji u prattika tan-netwerking](#) tipprovdi riżorsi u aktar qari dwar l-isfond, u kwistjonijiet importanti għall-istabbiliment u t-tmexxija tal-NRNs.
- [Sett ta' Għodod dwar l-NRNs](#) hija riżorsa dinamika online li għandha l-għan li tindirizza l-ħtiġijiet ta' informazzjoni / gwida tal-unitajiet ta' appoġġ għan-netwerks (NSUs), l-Awtoritajiet Maniġerjali (MAs) u partijiet interessati oħra tal-NRNs sabiex jiġu msaħħa u mtejba n-netwerks rurali ffinanzjati mill-FAEŻR.
- [Gwida dwar it-Tfassil ta' Sħarriġ, Kwestjonarij u Formoli tal-Kummenti](#) tagħmel disponibbli xi dokumenti ta' gwida ġenerali għall-NRNs dwar il-preparazzjoni ta' sħarriġ għall-għbir u l-valutazzjoni tal-veduti u l-opinjoni tal-partijiet interessati u l-parteċipanti f'diversi attivitajiet ta' netwerking.

#### Il-Valur Miżjud tan-Netwerking: Eżempji mill-perjodu tal-2007 sal-2013

Sib [hawn taħt](#) eżempji tal-attività tan-netwerks, studji ta' każijiet rilevanti u stejjer ta' netwerking b'suċċess.

- It-taqsimha dwar l-iżvilupp ta' fehim komuni tal-politiki komuni tipprovdi eżempji tal-firxa ta' metodi u tekniki użati mill-NRNs sabiex ilaqqgħu flimkien gruppi, organizzazzjonijiet u individwi sabiex jiżviluppaw fehim kondiviż tal-politika, kemm vertikament u kemm orizzontalment, fost il-gruppi tal-partijiet interessati.
- It-taqsimha dwar l-involviment effettiv tal-partijiet interessati tipprovdi eżempji ta' firxa ta' metodi u tekniki użati mill-NRNs sabiex il-gruppi tal-partijiet interessati eżistenti u potenzjali jiġu involuti fl-aspetti tal-PŻR li huma l-aktar rilevanti għalihom.
- It-taqsimha dwar l-appoġġ għall-kooperazzjoni u l-azzjonijiet konġunti tipprovdi stejjer ta' suċċess li juru kif l-NRNs appoġġaw persuni, gruppi u organizzazzjonijiet sabiex jidentifikaw sħab potenzjali, jiżviluppaw ideat flimkien u jaħdmu b'mod kollettiv sabiex iwasslu proġetti konġunti.
- It-taqsimha dwar l-iffaċilitar tal-iskambju tal-prattiki u l-esperjenzi hija ġabra ta' għodod utli tat-tagħlim applikati fil-prattika għal partijiet interessati oħra, ippreżentati b'mod xieraq u mpoġġjin għad-dispożizzjoni ta' udjenza wiesgħa.
- It-taqsimha dwar l-iskambju tal-esperjenzi u l-għarfien hija ġabra ta' prattiki tan-netwerking sabiex jippermettu u jagħmluha faċli għal persuni, gruppi u organizzazzjonijiet li jaqsmu l-għarfien u l-kompetenza tagħhom kemm wiċċ imb'wiċċ kif ukoll permezz ta' għodod remoti.
- It-taqsimha dwar l-appoġġ għall-kooperazzjoni u l-azzjonijiet konġunti hija ġabra ta' "stejjer tan-netwerking" li juru kif l-NRNs appoġġaw persuni, gruppi u organizzazzjonijiet sabiex jidentifikaw sħab potenzjali, jiżviluppaw ideat flimkien u jaħdmu b'mod kollettiv sabiex iwasslu proġetti konġunti

### Preparazzjoni għall-perjodu tal-2014 sal-2020

*Segwi din il-paġna għal għodod u riżorsi utli għan-netwerking fil-perjodu ta' programmazzjoni tal-2014 sal-2020.*

- Preżentazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea fid-19-il laqgħa tan-Netwerks Rurali Nazzjonali li ġiet organizzata fit-12 ta' Settembru 2013 fi Gdansk, il-Polonja, fejn ingħataw linji gwida inizjali dwar in-netwerking fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 [[PDF](#) [en](#)].

### **Żvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità**

Minn mindu tnedja fl-1991 mill-Kummissjoni Ewropea bħala Inizjattiva Komunitarja, l-approċċ [LEADER](#) evolva f'għodda ewlenija tal-politika ta' żvilupp rurali li għibdet livell għoli ta' interess fi ndan l-UE u lil hinn, mhux biss fiż-żoni rurali iżda wkoll fiż-żoni urbani u kostali. Fil-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid, l-Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità (CLLD) ġie propost bħala għodda għall-involviment taċ-ċittadini fuq livell lokali sabiex jiġu żviluppanti tweġibiet għall-isfidi soċjali, ambjentali u ekonomiċi. Huwa mistenni li s-CLLD se jiffaċilita l-implimentazzjoni ta' approċċi integrati bejn il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FEŻR, FSE, FEMS u FAEŻR). Fil-kuntratt ta' sħubija tagħhom, l-Istati Membri se jkunu jridu jispeċifikaw kif beħsiebhom jappoġġaw is-CLLD u jindikaw f'liema programmi u oqsma jista' jintuża s-CLLD. Filwaqt li s-CLLD huwa fakultattiv għall-FEŻR, il-FSE u l-FEMS, huwa obbligatorju għall-FAEŻR. Għaldaqstant qegħdin jinżammu komponenti prinċipali ta' LEADER, bħall-Gruppi ta' Azzjoni Lokali, l-Istrateġiji għall-Iżvilupp Rurali, u l-kopertura taż-żona u l-popolazzjoni.

L-approċċ il-ġdid tas-CLLD jippermetti li appoġġ tat-tip ta' LEADER jiġi kkoordinat aħjar mal-appoġġ għall-iżvilupp rurali minn fondi oħra tal-UE u għandu jsaħħaħ ir-rabtiet bejn iż-żoni rurali, urbani u tas-sajd. Għal informazzjoni dettaljata dwar is-CLLD, ikkonsulta s-[sezzjoni speċifika](#) tas-sit elettroniku tal-ENRD.

Jekk tixtieq tkun taf aktar dwar is-CLLD, jekk jogħġbok agħżel mill-informazzjoni ta' hawn taħt:

### Tagħlimiet mill-perjodu 2007-2013

*Għażla ta' links għal ħidma rilevanti tal-ENRD li tipprovdi fehim aktar fil-fond tal-approċċ ta' LEADER u tas-CLLD għall-iżvilupp rurali.*

- Ir-Reviżjoni Rurali 11: LEADER u l-Kooperazzjoni [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [es](#) [de](#) [it](#) [pl](#) [hr](#)] tiffoka fuq l-interrelazzjoni bejn żewġ elementi prinċipali tal-approċċ LEADER - l-istrateġiji għall-iżvilupp lokali u l-kooperazzjoni.
- [Il-Grupp Fokus dwar l-Implimentazzjoni tal-approċċ minn isfel għal fuq ta' LEADER](#) ġie maħluq bil-għan li jistabbilixxi inventarju ta' mudelli tal-implimentazzjoni ta' LEADER; jidentifika d-diffikultajiet u l-prattiki tajba ewlenin fl-implimentazzjoni ta' LEADER; u jirrifletti dwar soluzzjonijiet possibbli.
- [Il-Grupp Fokus dwar il-Preservazzjoni tal-karattru innovattiv/sperimentali ta' LEADER](#) analizza l-kwistjonijiet relatati mad-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-innovazzjoni għal LEADER u eżempji ta' Prattika tajba fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-iskemi ta' appoġġ għal proġetti innovattivi u l-innovazzjoni.
- [Il-Grupp Fokus dwar l-Implimentazzjoni tal-miżura ta' kooperazzjoni f'LEADER](#) analizza kwistjonijiet dwar l-element ta' Kooperazzjoni Transnazzjonali (TNC) ta' LEADER.
- [Il-Grupp Fokus: Strateġiji Aħjar għall-Iżvilupp Lokali](#) ġie stabbilit biex janalizza ż-żewġ aspetti prinċipali tal-istrateġiji għall-iżvilupp lokali - id-definizzjoni u l-implimentazzjoni.

- It-tielet [Avveniment LEADER 2013: Nibnu Pontijiet għall-Ġejjieni](#) kien organizzat bil-għan li jappoġġa l-proċess ta' programmazzjoni b'suċċess tas-CLLD fuq livell nazzjonali u lokali.
- [Il-Librerija dwar LEADER](#) tipprovdi informazzjoni u dokumentazzjoni dwar LEADER II, LEADER+ u l-programm LEADER 2007-2013.
- Id-[Database tal-Gruppi ta' Azzjoni Lokali \(LAG\)](#) tipprovdi riżorsa għal-LAGs irreġistrati kollha li tinkludi l-għanijiet u d-dettalji ta' kuntatt tagħhom fl-aħħar tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.
- [Il-Gwida dwar it-TNC](#) tipprovdi links b'informazzjoni maħsuba sabiex tappoġġa lil-LAGs interessati fil-proċess ta' preparazzjoni u implimentazzjoni ta' proġetti ta' TNC.
- [Regoli u proċeduri dwar it-TNC tal-Istati Membri](#) tipprovdi informazzjoni, indirizzata lil-LAGs u atturi oħra tat-tip ta' LAG, li jkunu interessati li jistabbilixxu proġetti ta' TNC.
- Bħala parti mis-Sett ta' Għodod ta' LEADER, is-sezzjoni dwar il-[Gruppi ta' Azzjoni Lokali \(LAG\)](#) tipprovdi informazzjoni Prattika u utli dwar aspetti differenti relatati mal-istabbiliment ta' LAG.
- Is-sezzjoni [Tfassil u Implimentazzjoni tal-Istrateġiji](#) tas-Sett ta' Għodod ta' LEADER tipprovdi gwida dwar kwistjonijiet relatati mat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-Istrateġiji għall-Iżvilupp Lokali.
- [Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità fi ħdan is-sezzjoni `Temi` fis-sit elettroniku tal-ENRD](#)
- Vidjo: [LEADER 'il quddiem – l-approċċ LEADER għall-iżvilupp rurali](#)
- Vidjo: [Il-prinċipji ta' LEADER](#)

#### Eżempji tal-implimentazzjoni ta' LEADER

*Sib hawn taħt eżempji ta' proġetti LEADER u ta' TNC, studji ta' każijiet rilevanti u stejjer ta' implimentazzjoni b'suċċess ta' PŻR*

- Il-fuljett ta' proġetti tal-FAEŻR dwar LEADER [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [de](#) [it](#) [es](#) [pl](#) [ee](#)] juri u jissottolinja l-valur miżjud ta' LEADER, permezz ta' eżempji konkreti ta' proġetti ffinanzjati mill-FAEŻR.
- Is-sensiela ta' skedi ta' informazzjoni "Prattiċi aħjar ta' LEADER għall-Istrateġiji tal-Iżvilupp Lokali madwar l-UE" turi eżempji ta' Prattiċi rilevanti li l-Awtoritajiet Maniġerjali u l-Gruppi ta' Azzjoni Lokali użaw waqt l-implimentazzjoni tal-approċċ LEADER fil-perjodu 2007-2013. Is-sensiela għandha l-għan li tissottolinja dak li jaħdem tajjeb fil-fażi tat-tfassil u l-kunsenja tal-Istrateġiji għall-Iżvilupp Lokali (LDS). Għal informazzjoni aktar dettaljata segwi l-links għal kull skeda ta' informazzjoni hawn taħt:
  - Proċedura f'ħafna Stadji għall-Għażla tal-LAGs (FI) [[PDF](#) [en](#)]
  - Skema f'ħafna Stadji għall-Aplikazzjoni u l-Monitoraġġ Kontinwu tal-Proġetti (UK) [[PDF](#) [en](#)]
  - Regoli u metodoloġiji ċari sabiex tkun assigurata l-integrazzjoni ta' ħafna setturi fl-istrateġiji lokali (GR) [[PDF](#) [en](#)]
  - Kif l-għanijiet tal-LDS ikunu jistgħu jitkejlu b'mod aktar faċli sabiex jinqabad il-valur miżjud ta' LEADER (IE) [[PDF](#) [en](#)]
  - Lista ta' kontroll Prattika għal-LAGs li jkunu qegħdin jippreparaw l-Istrateġiji għall-Iżvilupp Lokali tagħhom (SE) [[PDF](#) [en](#)]
  - Appoġġ għall-indipendenza u t-teħid oġġettiv tad-deċiżjonijiet tal-LAGs (FI) [[PDF](#) [en](#)]
  - Proċess ta' evalwazzjoni bejn il-LAGs (FI) [[PDF](#) [en](#)]
  - Titjib tal-aspett reġjonali ta' LEADER (FR) [[PDF](#) [en](#)]

- Integrazzjoni tar-Responsabilità Soċjali Korporattiva fil-proġetti LEADER (ES) [[PDF en](#)]
- Integrazzjoni tal-LDS fl-ippjanar territorjali aktar wiesa' (ES) [[PDF en](#)]
- Monitoraġġ u evalwazzjoni aħjar ta' LEADER (IT) [[PDF en](#)]
- Użu ta' metodoloġiji parteċipatorji għat-tfassil ta' Strateġiji ta' kwalità għall-lżvilupp Lokali (IT) [[PDF en](#)]

Sib [eżempji ta' proġetti LEADER u ta' TNC appoġġati fil-PŻR 2007-2013](#).

#### Preparazzjoni għall-perjodu 2014-2020

Informazzjoni utli rigward it-tnejjiet għall-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tas-CLLD f'żoni rurali u mhux rurali.

- Informazzjoni dwar il-[Politika ta' Koeżjoni tal-UE 2014-2020](#)
- [Inizjattivi rilevanti għall-implimentazzjoni tas-CLLD](#) fosthom l-applikazzjoni tiegħu f'żoni mhux rurali.
- [Kienu organizzati workshops dwar l-lżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità](#) mid-DĠ AGRI u s-CP tal-ENRD fil-kuntest tal-Għaxar Ġimgħa Ewropea tar-Reġjuni u l-Ibriet - OPEN DAYS. L-għan kien li jiġu ġġenerati diskussjonijiet dwar il-preparazzjoni, it-tfassil, l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-Istrateġiji għall-lżvilupp Lokali (LDS), li jinholq fehim ta' kif in-netwerking jista' jintuża bħala għodda sabiex timmobilizza l-atturi, u li jiġi pubbliċizzat b'mod estensiv il-valur miżjud tal-kooperazzjoni transnazzjonali bejn it-territorji lokali.
- Skedi informattivi dwar l-"lżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità" [[PDF en](#)] (Mid-DĠ REGIO) jissottolinjaw elementi prinċipali tal-approċċ ġejjieni.
- L-għan prinċipali tal-Gwida komuni tad-Direttorati Ġenerali AGRI, EMPL, MARE u REGIO tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-lżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità fil-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej [[PDF en](#)] (29 ta' April 2013) huwa li tgħin lill-awtoritajiet fl-Istati Membri joħolqu l-kundizzjonijiet għall-użu effettiv tas-CLLD fil-Ftehimiet ta' Sħubija tagħhom u biex ifassluh fil-programmi rispettivi tagħhom.
- Is-Seminar dwar [lżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità \(CLLD\) fil-fondi tal-ESI 2014-2020](#) li kien organizzat fis-6 ta' Frar 2013, ipprova gwida u parir dwar is-CLLD rigward l-aspetti tal-programmazzjoni fi ħdan il-parametri tal-Qafas Strateġiku Komuni 2014-2020
- L-ENRD organizza [Workshop dwar l-lżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità](#) bil-għanijiet li jiġu skambjati informazzjoni u ideat għall-perjodu ta' programmazzjoni ġejjieni u biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet tal-partijiet interessati f'dan il-kuntest u r-rwol possibbli tan-netwerks fil-fażi preparatorja.
- Informazzjoni dwar l-[Inizjattiva tematika tal-NRNs dwar is-CLLD](#) li sservi prinċipalment bħala forum ta' skambju għan-Netwerks Rurali Nazzjonali.
- Il-workshop dwar il-[Finanzjament għal LEADER/CLLD: Opportunitajiet u prattiċi rilevanti](#) kien organizzat fit-12 ta' Novembru 2013 bħala parti mill-attivitajiet tal-ENRD b'appoġġ għall-preparazzjoni tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Il-workshop spjega sfidi speċifiċi għall-finanzjament ta' LEADER/CLLD u identifika mekkaniżmi ta' finanzjament effettivi għal LEADER/CLLD u kif dawn jistgħu jiġu integrati fil-mekkaniżmi ta' kunsenja rilevanti tal-politika.

#### Pajjiżi Kandidati u Pajjiżi Kandidati Potenzjali

Din is-sezzjoni tipprova informazzjoni magħżula dwar Pajjiżi Kandidati u Pajjiżi Kandidati Potenzjali tal-UE, mill-aħħar aħbarijiet dwar l-adeżjoni sal-avvenimenti u l-attivitajiet ta' netwerking li qegħdin jiffurmaw il-politika ta' żvilupp rurali tal-ġejjieni. Fil-preżent hemm ħames pajjiżi kandidati uffiċjali għal sħubija fl-UE: l-Islanda, il-Montenegro, Dik li Kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, is-



Serbja, u t-Turkija; u tliet pajjiżi kandidati potenzjali: l-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Kosovo\*. Informazzjoni ġenerali dwar dawn il-pajjiżi jew dwar il-proċessi ta' adeżjoni tagħhom fl-UE, tista' tinstab fis-sezzjoni speċifika ta- [sit elettroniku tad-DĠ TKABBIR](#).

Permezz tal-[IPARD](#) (Strument għal Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni għall-Iżvilupp Rurali), il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali jiġu assistiti fl-implimentazzjoni tal-*acquis* rigward il-Politika Agrikola Komuni u l-adattament sostenibbli tas-settur agrikolu u ż-żoni rurali fil-pajjiż kandidat.

Profili tal-pajjiżi

*Links għal informazzjoni dettaljata dwar il-pajjiżi mis-sit elettroniku Europa (DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali):*

- Profili tal-pajjiżi kandidati:
  - [Dik li Kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja](#);
  - [L-Islanda](#);
  - [Il-Montenegro](#);
  - [Is-Serbja](#);
  - [It-Turkija](#).
- Profili tal-pajjiżi kandidati potenzjali:
  - [L-Albanija](#);
  - [Il-Bosnja-Ħerzegovina](#);
  - [Il-Kosovo\\*](#)

*\*Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Kosovo.*

### Networks għall-Iżvilupp Rurali

*Riżorsi u informazzjoni disponibbli dwar networks rurali nazzjonali emerġenti u esperjenzi oħra ta' networking rurali fil-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali.*

- Fil-11 ta' Novembru 2010 sar seminar dwar l-Istabbiliment u l-Iżvilupp ta' Networks Rurali Nazzjonali fil-Pajjiżi Kandidati. Il-preżentazzjonijiet kollha minn dan is-seminar jistgħu jitniżżlu mis- [sit elettroniku tal-ENRD](#).
- L-unjoni tal-assoċjazzjonijiet ċivili [Netwerk għall-Iżvilupp rurali f'Dik li Kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja](#) – (RDN) ġiet stabbilita f'Marzu 2010 fi Skopje, bħala moviment organizzat fuq livell nazzjonali sabiex jipprovi vuċi għall-komunitajiet rurali fir-Repubblika tal-Maċedonja. In-Netwerk huwa wkoll membru tal-[ELARD](#)
- [Netwerk sabiex jappoġġa l-Iżvilupp Rurali fis-Serbja](#)

### Avvenimenti

*Għażla ta' avvenimenti li qegħdin jgħinu sabiex tiġi fformata l-politika ta' żvilupp rurali u jiġi promoss il-bini tal-kapaċità.*

- [KONFERENZA TAL-IPA 2013 - Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni \(2014-2020\)](#)
- Workshop dwar [LEADER fil-programmi ta' qabel u wara l-adeżjoni](#)
- Workshop dwar [Miżuri ta' Żvilupp Rurali għall-IPA II / IPARD 2014-2020](#)
- Workshop dwar [IPARD: tagħlimiet miksuba u prospetti għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss](#)

- Workshop għal ħafna pajjiżi dwar l-[Istrument għal Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni għall-Iżvilupp Rurali \(IPARD\) wara l-2013](#)
- Workshop dwar il-[Miżuri tal-IPARD - Turiżmu Rurali](#)
- Workshop dwar il-[Programm tal-IPARD \(miżuri u applikazzjonijiet\)](#)
- [Workshop reġjonali dwar l-IPARD](#)
- Seminar dwar il-[prinċipji ewlenin tal-Programmazzjoni tal-IPARD](#)
- Seminar dwar il-[Monitoraġġ u Evalwazzjoni tal-Programm tal-IPARD](#)
- L-Ewwel Workshop dwar in-Netwerking Reġjonali għall-Proġett tal-FAO/SWG: "Simplifikazzjoni tal-politiki agrikoli u ta' żvilupp rurali tal-pajjiżi tax-Xlokk tal-Ewropa għall-adeżjoni fl-UE", 15 – 16 ta' Settembru 2012, Vodice, il-Kroazja
- It-Tieni Workshop dwar in-Netwerking Reġjonali għall-Proġett SWG tal-FAO: "Simplifikazzjoni tal-politiki agrikoli u ta' żvilupp rurali tal-pajjiżi tax-Xlokk tal-Ewropa għall-adeżjoni fl-UE", 22 – 24 ta' Mejju 2013, Bar, il-Montenegro
- L-Ewwel Workshop dwar in-Netwerking Nazzjonali għall-Proġett SWG tal-FAO "Simplifikazzjoni tal-politiki agrikoli u ta' żvilupp rurali tal-pajjiżi tax-Xlokk tal-Ewropa għall-adeżjoni fl-UE" realizzat b'suċċess fir-reġjun, 7-15 ta' Frar 2013, l-Albanija, il-Montenegro u l-Bosnja-Ħerzegovina.
- It-Tieni Workshops dwar in-Netwerking Nazzjonali għall-Proġett SWG tal-FAO: "Simplifikazzjoni tal-politiki agrikoli u ta' żvilupp rurali tal-pajjiżi tax-Xlokk tal-Ewropa għall-adeżjoni fl-UE", 1-7 ta' Settembru 2013, fis-Serbja, il-Maċedonja u l-Kosovo\*.
- Laqgħa ta' Preparazzjoni 2013 [[PDF en](#)], 4-7 ta' Settembru 2013, fil-Bosnja-Ħerzegovina
- Forum dwar il-Politika Agrikola 2013: " Prospetti Ġodda għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali fix-Xlokk tal-Ewropa lejn Futur Sostenibbli", il-15-18 ta' Ottubru 2013, Pristina, il-Kosovo\*.

### Inizjattivi u proġetti

#### *Informazzjoni dwar inizjattivi u proġetti li jappoġġaw il-Politika u l-attivitajiet ta' Żvilupp Rurali*

- L-Inizjattiva LEADER Serbja huwa l-isem ta' ħidma ta' proġett iffinanzjat mill-UE bit-titlu uffiċjali "Bini tal-kapaċità għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' inizjattiva LEADER fir-Repubblika tas-Serbja". Riżultat importanti tal-proġett huwa l-Manwal għall-Implimentazzjoni ta' LEADER li jippreżenta linji gwida prattiċi għall-istabbiliment tal-approċċ LEADER fis-Serbja.
- "Ċittadini tal-Ewropa" ("Gradjani za Europu") hija inizjattiva tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi fil-Bosnja-Ħerzegovina. Il-membri tal-inizjattiva huma attivi fi tliet oqsma prinċipali, inkluż l-iżvilupp taż-żoni rurali u l-agrikoltura fil-BiH u qegħdin jikkontribwixxu sabiex jiddied ir-rwol tas-soċjetà ċivili fil-proċess tal-integrazzjoni Ewropea. Għal aktar informazzjoni dwar l-inizjattiva "Ċittadini tal-Ewropa" żur is-sit elettroniku uffiċjali tal-inizjattiva.

### Gwida u assistenza teknika

#### *Riżorsi u dokumenti magħżula li jipprovdu gwida dwar il-proċess tal-adeżjoni u b'mod partikolari dwar kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp rurali.*

- Il-ktejjeb IPA – Fokus ġdid fuq l-assistenza tal-UE għat-[tkabbir](#) [[PDF en](#)] joffri ritratt ta' x'inhu l-IPA, għaliex inħoloq, kif jopera, u kif inhuwa ta' benefiċċju kemm għall-UE kif ukoll għall-pajjiżi li attwalment qegħdin ifittxu li jissieħbu fih.

## 1.6. Komunikazzjoni tal-Iżvilupp Rurali

Il-komunikazzjoni hija appoġġ vitali għall-implimentazzjoni tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), billi tgħin lill-Istati Membri tal-UE jippromwovu l-politika ta' żvilupp rurali. Kull Programm tal-Iżvilupp Rurali tal-UE huwa meħtieġ li jinkludi pjan ta' azzjoni dwar il-komunikazzjoni. Dan huwa vitali sabiex ikun assigurat li l-benefiċjarji jkunu jafu bi u jifhemu kif jaċċessaw il-fondi disponibbli kif ukoll għaċ-ċittadini Ewropej sabiex jitgħallmu dwar il-benefiċċji konkreti ġenerati mill-politika ta' żvilupp rurali tal-UE.

### *Approċċ għall-komunikazzjoni*

Il-komunikazzjoni tal-FAEŻR għandha tirrifletti l-approċċ ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-komunikazzjoni, li huwa bbażat fuq tliet prinċipji ewlenin:

1. Li tisma' lill-pubbliku - billi tikkunsidra l-veduti u t-tħassib tagħhom; il-komunikazzjoni hija djalogu, mhux proċess f'direzzjoni waħda. Mhijiex qiegħda hemmhekk biss biex tinforma liċ-ċittadini tal-UE iżda wkoll biex iċ-ċittadini jesprimu l-opinjoni tagħhom sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tifhem il-perċezzjonijiet u t-tħassib tagħhom
2. Li tispjega kif il-politiki, il-programmi u l-proġetti jaffettwaw il-ħajja ta' kuljum tan-nies b'mod li n-nies jistgħu jifhemu u jirrelataw miegħu jekk irridu li iċ-ċittadini jsegwu l-iżviluppi politiċi fuq livell Ewropew.
3. U li tikkollega man-nies lokalment – billi tindirizzahom fl-ambjenti nazzjonali jew lokali tagħhom, permezz tal-midja favorita tagħhom

L-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-FAEŻR, kemm fuq livell Ewropew kif ukoll fuq livell nazzjonali, huma maħsuba sabiex ikunu konformi mal-istrateġija ġenerali dwar il-komunikazzjoni tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (DĠ AGRI) tal-Kummissjoni Ewropea.

Bil-ħatra tal-Kummissjoni fl-2010, kienet stabbilita strateġija ġdida sabiex tkun konformi mal-isfidi tal-komunikazzjoni għall-perjodu 2010-2015, jiġifieri r-riforma tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) u l-fażi ta' programmazzjoni ġdida 2014-2020. L-identifikazzjoni u l-ġbir ta' eżempji konkreti u stejjer ta' suċċess minn firxa wiesgħa ta' suġġetti u Stati Membri, hija kruċjali għal komunikazzjoni effettiva kemm mal-benefiċjarji kif ukoll mal-udjenza aktar ġenerali.

### *Disseminazzjoni ta' Eżempji ta' Proġetti*

L-ENRD ixerred eżempji ta' proġetti rilevanti mill-PŻR li qed jiġu implimentati madwar l-Ewropa kollha b'diversi mezzi, fosthom:

- [Il-fuljetti dwar il-Proġetti tal-FAEŻR](#), ġabra ta' stejjer ta' proġetti tal-PŻR ippubblikati dwar temi differenti u f'6 lingwi
- [Id-database tal-proġetti tal-PŻR](#) li tiġbor flimkien eżempji ta' proġetti mis-27 Stat Membru kollha fil-format konċiż ta' `kartolina`.

### *Inizjattiva Tematika tal-NRNs*

L-ENRD nieda inizjattiva tematika tal-NRNs dwar il-Komunikazzjoni bil-għan li jippromwovi skambju tal-aħjar prattiki fil-mod kif l-Istati Membri jikkomunikaw il-PŻR tagħhom u l-FAEŻR b'mod ġenerali. Barra minn hekk, l-inizjattiva għandha l-għan li turi lil udjenza aktar wiesgħa l-kisbiet u l-isfidi fl-implimentazzjoni tal-politiki ta' żvilupp rurali fuq livell lokali billi tuża l-varjetà kbira ta' prodotti,

għodod, pubblikazzjonijiet u kampanji li huma disponibbli madwar l-Ewropa kollha u li għew iffinanzjati mill-FAEŻR.

Ir-riżultati konkreti minn din l-inizjattiva huma dawn li ġejjin:

- L-organizzazzjoni tat-12-il laqgħa ddedikata tal-NRNs dwar il-komunikazzjoni fit-28 ta' Ġunju 2011. [Agħfas hawnhekk](#)
- L-organizzazzjoni ta' konferenza ddedikata "Komunikazzjoni tal-Iżvilupp Rurali liċ-ċittadini" f'Milan fis-17 u t-18 ta' Novembru, promossa mill-NRN Taljan. [Agħfas hawnhekk](#)
- L-istabbiliment ta' netwerk ta' esperti dwar il-komunikazzjoni tal-iżvilupp rurali fuq livell tal-Istati Membri.
- Parteċipazzjoni konġunta tal-NRNs fil-fieri "[Ġimgħa Ekoloġika Internazzjonali f'Berlin](#)" u "[Wirja Agrikola Internazzjonali f'Pariġi](#)"
- Il-pubblikazzjoni ta' [Fuljett tal-ENRD dwar il-Komunikazzjoni](#) li juri kif il-komunikazzjoni hija strument importanti sabiex l-isforzi tal-PŻR jiġu kkonċentrati fuq sfidi ġodda u biex jiġi inkoraġġit teħid akbar tal-opportunitajiet offruti mill-FAEŻR.

Ir-[riżorsa online dwar il-Komunikazzjoni tal-Iżvilupp Rurali](#) tipprovdi eżempji ta' għodod ta' informazzjoni u pubbliċità ffinanzjati mill-FAEŻR li jintużaw fuq livell tal-Istati Membri u tal-UE biex jipprovvu il-Programmi tal-Iżvilupp Rurali u jtejbju l-effikaċja tagħhom.

L-għodod tal-komunikazzjoni u l-materjal pubbliċitarju huma importanti sabiex iwasslu l-messaġġi prinċipali kemm lill-partijiet interessati tal-iżvilupp rurali kif ukoll lill-pubbliku ġenerali. Huma jqajmu għarfien dwar l-għanijiet, il-prijoritajiet, l-opportunitajiet ta' finanzjament u eżempji ta' proġetti appoġġati mill-FAEŻR fl-Istati Membri tal-UE. Il-materjal kollu f'din il-[paġna elettronika](#) ġie pprovdut min-Netwerks Rurali Nazzjonali, l-Awtoritajiet Maniġerjali, il-Gruppi ta' Azzjoni Lokali, eċċ. u ħafna aktar qed jiġi miżjud fuq bażi regolari.

Skedi informattivi qosra individwali jakkumpanjaw kull prodott ta' komunikazzjoni billi jipprovdu informazzjoni dwar it-titlu, il-kost, il-produttur, id-data tal-pubblikazzjoni tiegħu, eċċ., inkluż sommarju qasir tal-kontenut tiegħu u l-udjenza fil-mira maħsuba.

## 2. Pajjiż

L-Istati Membri kollha stabbilew Strateġiji għall-Iżvilupp Rurali u Programmi tal-Iżvilupp rurali (PŻR), jew għall-pajjiż sħiħ jew skont ir-reġjun. Il-mappa interattiva tal-UE fis-sit elettroniku tal-ENRD tippermettitek li taċċessa varjetà ta' informazzjoni relatata ma' kull wieħed mill-Istati Membri:

- *Informazzjoni dwar il-PŻR*  
Għal kull pajjiż, dawn il-paġni jiprovdu ħarsa ġenerali ta' kif qed jiġi mmaniġġat l-iżvilupp rurali, sommarju tal-għanijiet tal-politika ta' żvilupp rurali, dokumenti rilevanti u organizzazzjonijiet rilevanti.

|                    |   |
|--------------------|---|
| L-Awstrija         | <a href="#">Informazzjoni dwar il-PŻR</a> |
| Il-Belġju          | <a href="#">Informazzjoni dwar il-PŻR</a> |
| Il-Bulgarija       | <a href="#">Informazzjoni dwar il-PŻR</a> |
| Il-Kroazja         | <a href="#">Informazzjoni dwar il-PŻR</a> |
| Ċipru              | <a href="#">Informazzjoni dwar il-PŻR</a> |
| Ir-Repubblika Ċeka | <a href="#">Informazzjoni dwar il-PŻR</a> |
| Id-Danimarka       | <a href="#">Informazzjoni dwar il-PŻR</a> |



|   |  |
|---|--|
| L-Estonja   | <a href="#"><i>Informazzjoni dwar il-PŻR</i></a> |
| Il-Finlandja  | <a href="#"><i>Informazzjoni dwar il-PŻR</i></a> |
| Franza  | <a href="#"><i>Informazzjoni dwar il-PŻR</i></a> |
| Il-Ġermanja   | <a href="#"><i>Informazzjoni dwar il-PŻR</i></a> |
| Il-Greċja   | <a href="#"><i>Informazzjoni dwar il-PŻR</i></a> |
| L-Ungerija  | <a href="#"><i>Informazzjoni dwar il-PŻR</i></a> |
| L-Irlanda   | <a href="#"><i>Informazzjoni dwar il-PŻR</i></a> |
| L-Italja  | <a href="#"><i>Informazzjoni dwar il-PŻR</i></a> |
| Il-Latvja   | <a href="#"><i>Informazzjoni dwar il-PŻR</i></a> |
| Il-Litwanja   | <a href="#"><i>Informazzjoni dwar il-PŻR</i></a> |
| Il-Lussemburgu  | <a href="#"><i>Informazzjoni dwar il-PŻR</i></a> |
| Malta   | <a href="#"><i>Informazzjoni dwar il-PŻR</i></a> |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi                                      | <a href="#"><i>Informazzjoni dwar il-PŻR</i></a> |
| Il-Polonja  | <a href="#"><i>Informazzjoni dwar il-PŻR</i></a> |
| Il-Portugall  | <a href="#"><i>Informazzjoni dwar il-PŻR</i></a> |
| Ir-Rumanija   | <a href="#"><i>Informazzjoni dwar il-PŻR</i></a> |
| Is-Slovakkja  | <a href="#"><i>Informazzjoni dwar il-PŻR</i></a> |
| Is-Slovenja   | <a href="#"><i>Informazzjoni dwar il-PŻR</i></a> |
| Spanja  | <a href="#"><i>Informazzjoni dwar il-PŻR</i></a> |
| L-Isvezja   | <a href="#"><i>Informazzjoni dwar il-PŻR</i></a> |
| Ir-Renju Unit   | <a href="#"><i>Informazzjoni dwar il-PŻR</i></a> |
| Il-Martinique, il-Gwadelup, il-Gujana, Réunion (Franza) | <a href="#"><i>Informazzjoni dwar il-PŻR</i></a> |
| Canarias (Spanja)                                       | <a href="#"><i>Informazzjoni dwar il-PŻR</i></a> |
| Acores, Madeira (Il-Portugall)                          | <a href="#"><i>Informazzjoni dwar il-PŻR</i></a> |

### Netwerks Rurali Nazzjonali

Għal kull Netwerk Rurali Nazzjonali, dawn il-paġni jipprovdu informazzjoni dwar il-parteċipanti fin-netwerk, l-istruttura organizzattiva tan-netwerk, l-attivitajiet tal-NRN, il-prioritajiet prinċipali, u l-attivitajiet ma' netwerks/pajjiżi oħra.

### Awtorità Nazzjonali

Dettalji ta' kuntatt għall-Ministeri Nazzjonali tal-Agricoltura tal-Istati Membri kollha tal-UE huma disponibbli [hawnhekk](#).

### Awtorità Maniġerjali

L-Awtoritajiet Maniġerjali huma maħtura mill-Istat Membru u dawn jistgħu jkunu korp pubbliku jew privat responsabbli mill-ġestjoni tal-programmi tal-iżvilupp rurali fuq livell nazzjonali jew reġjonali. Informazzjoni ta' kuntatt dettaljata għall-awtoritajiet maniġerjali kollha tista' tinstab [hawnhekk](#).

### Aġenzija tal-Pagamenti

L-aġenziji tal-pagamenti huma d-dipartimenti jew il-korpi tal-Istati Membri li huma responsabbli biex jivverifikaw l-eliġibbiltà tat-talbiet u jimmonitorjaw il-proċedura għall-allokazzjoni tal-għajjuna, kif ukoll biex jassiguraw il-konformità tal-pagamenti kollha mar-regoli Komunitarji. Lista tal-Aġenziji tal-Pagamenti għal kull pajjiż hija disponibbli [hawnhekk](#).

### Database tal-LAGs

Il-Gruppi ta' Azzjoni Lokali (LAGs) huma l-bażi tal-implimentazzjoni tal-[approċċ LEADER](#). Ir-responsabbiltajiet tagħhom jinkludu l-iżvilupp ta' strateġiji lokali, appoġġ għan-netwerking tal-partijiet interessati u l-valutazzjoni u l-approvazzjoni ta' proġetti individwali ta' LEADER. Din id-[database](#) tipprovdi sommarju tal-LAGs irreġistrati fit-tmiem tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, inklużi d-dettalji ta' kuntatt tal-objettivi tagħhom.

### Skedi ta' Informazzjoni dwar il-PŻR

L-iskedi ta' informazzjoni dwar il-progress tal-PŻR jippreżentaw "ritratti" tal-progress miksub f'kull wieħed mill-programmi ta' żvilupp rurali implimentati madwar l-UE billi jipprovdu informazzjoni aġġornata dwar: l-implimentazzjoni finanzjarja tal-programmi (in-nefqa pubblika totali realizzata); il-progress globali tal-PŻR f'termini tal-outputs (informazzjoni fil-qosor dwar l-aktar miżuri importanti) u; it-tqabbil mal-miri għall-perjodu 2007-2013. L-informazzjoni hija pprovduta fuq livell nazzjonali u reġjonali. Huwa disponibbli wkoll sommarju għall-UE27.

### Proġetti tal-PŻR

Din id-database li tista' titniżżel turi kif qiegħed jintuża l-FAEŻR fil-prattika, billi tipprovdi eżempji dettaljati ta' tipi differenti ta' proġetti, inkluż il-finanzjament tagħhom, minn kull pajjiż tal-UE u li jkopru l-assi kollha tal-PŻR.

Barra minn hekk, is-[sezzjoni "Pajjiż"](#) tipprovdi informazzjoni dwar il-pajjiżi li qegħdin ifittxu adeżjoni fl-UE. Għal dettalji dwar il-pajjiżi kandidati uffiċjali u l-pajjiżi kandidati potenzjali, ikkonsulta [din il-paġna](#).

### 3. Temi

L-isfidi għall-iżvilupp rurali tal-Ewropa huma varjati u kumplessi daqs iż-żoni rurali tagħna nfushom, billi jħaddnu kwistjonijiet soċjo-ekonomiċi, finanzjarji, ambjentali u tekniċi interkonnessi. Sett ta' temi importanti, li jvarjaw mit-tibdil fil-klima għall-intraprenditorija rurali, mill-inklużjoni soċjali għall-innovazzjoni, illum huma rilevanti għaż-żoni rurali u huma l-fokus tal-ħidma analitika tal-ENRD. Hawnhekk qegħdin nistednuk tesplora dawn it-temi, billi tiffoka fuq l-implikazzjonijiet għat-tfassil, l-iżvilupp u l-kunsenja tal-politika rurali.

Agħfas fuq il-links ta' hawn taħt biex tfittex f'din is-sezzjoni:

- [L-Agrikoltura](#)
- [L-Ambjent](#)
- [L-Intraprenditorija](#)
- [Iż-Żgħażaġħ u l-Bdiewa Żgħażaġħ](#)
- [Il-Forestrija](#)
- [L-ICT](#)
- [Ir-Rabtiet Rurali-Urbani](#)
- [L-Aspetti Soċjali](#)
- [It-Trasferiment tal-Għarfien u l-Innovazzjoni](#)

#### **3.1. Agrikoltura**

L-agrikoltura hija interess ewlieni tal-ENRD. Din is-sezzjoni b'mod partikolari tissottolinja r-riċerka dwar l-irziezet iż-żgħar, l-irziezet ta' semisussistenza, il-biedja fil-muntanji, l-ikel lokali u l-ktajjen il-qosra tal-provvista.

##### *L-irziezet iż-żgħar*

L-irziezet iż-żgħar minn dejjem kienu pedament tal-agrikoltura tal-UE. Huma għandhom rwol sinifikanti kemm fil-produzzjoni kif ukoll fiż-żamma tal-vitalità rurali. L-irziezet iż-żgħar jappoġġaw il-komunitajiet rurali lokali u jipprovdu servizzi soċjali, kulturali u ambjentali (prodotti pubbliċi) importanti, kif ukoll joħolqu valur miżjud, b'mod partikolari fil-forma ta' prodotti speċjalizzati lokali. Għalhekk, is-sitwazzjoni preżenti u l-effetti tat-tibdil strutturali fuq is-sopravvivenza tagħhom huma ta' importanza kbira għaż-żoni rurali tal-UE. It-tkabbir tal-aħħar tal-UE, li sar fl-2004 u fl-2007, ġab miegħu miljuni ta' rziezet ġodda żgħar u ta' semi-sussistenza fl-UE. L-integrazzjoni tagħhom fis-swieq hija baxxa u tqajmu dubji dwar il-kompetittività tagħhom. Mill-banda l-oħra, huma jippopolaw iż-żoni rurali, li ħafna drabi huma l-aktar reġjuni fraġli u żvantaġġati.

Il-konferenza ta' livell għoli msejġha "Il-Preżent u l-Futur tal-Irziezet iż-Żgħar fl-Unjoni Ewropea" saret fit-8 u d-9 ta' Lulju 2011 fi Krakow, il-Polonja. Il-konferenza kienet organizzata mill-Università tal-Agrikoltura fi Krakow, mill-Istitut tal-Iżvilupp Rurali u Agrikolu tal-Akkademja Pollakka tax-Xjenzi f'Varsavja, mill-Assoċjazzjoni tas-Servizzi ta' Estensjoni Agrikoli ta' Malopolska, miċ-Ċentru ta' Konsulenza Agrikola fi Brwinów (Uffiċċju tal-Ferġha fi Krakow) u mill-Uffiċċju tal-Membru tal-Parlament Ewropew Czesław Siekierski. Hija kkunsidrata bħala segwitu għas-Seminar tal-ENRD dwar il-Biedja ta' Semi-sussistenza li sar f'Ottubru 2010 f'Sibiu, ir-Rumanija. Is-Sommarju tal-Konferenza jista' jitniżżel minn hawnhekk: [\[PDF<sup>en</sup>\]](#).

L-inizjattiva tematika konġunta tal-NRNs tal-ENRD dwar il-ktajjen il-qosra tal-provvista hija rilevanti b'mod partikolari għall-irziezet iż-żgħar. Tista' ssib aktar informazzjoni dwar din l-inizjattiva hawn taħt.

#### *L-irziezet ta' semi-sussistenza*

Id-dibattitu dwar l-irziezet żgħar ħa importanza speċjali bl-aħħar żewġ tkabbiriet tal-2004 u l-2007, li żiedu b'aktar minn tliet darbiet in-numru ta' bdiewa ta' sussistenza u ta' semi-sussistenza għal 11-il miljun fl-UE-27. Bħala xhieda tal-interess dejjem jiżdied f'dan il-qasam, xi 140 ruħ attendew seminar bit-titlu 'Il-biedja ta' semi-sussistenza fl-UE: is-sitwazzjoni preżenti u l-prospetti futuri', f'Sibiu, ir-Rumanija, fit-13 sal-15 ta' Ottubru 2010. Id-diskussjonijiet kellhom l-għan li jikkontribwixxu għal fehim aħjar tal-profil tal-ħtiġijiet u l-opportunitajiet tal-bdiewa ta' semi-sussistenza; u kif il-bdiewa ta' semi-sussistenza jinteraġixxu fis-soċjetà u mal-ambjent.

Għas-seminar ġie ppreparat dokument ta' sfond importanti dwar l-irziezet ta' semi-sussistenza fl-UE, u dan jista' jitniżżel f'[format PDF](#): [en](#) [fr](#) [de](#) [ro](#) [pl](#) [bg](#).

Biex tara aktar dwar is-seminar dwar l-irziezet ta' semi-sussistenza [agħfas hawn](#).

#### *Il-biedja fil-muntanji*

Iż-żoni rurali muntanjużi jiffaċċjaw sfidi partikolari u għandhom ħtiġijiet speċifiċi meta mqabbla ma' żoni rurali oħra. Fil-kuntest tal-politika agrikola tal-UE huma inklużi fid-denominazzjoni ta' [Żoni Żvantaġġati](#) (LFAs) minħabba li ġeneralment huma kkaratterizzati minn staġun qasir ta' tkabbir (minħabba l-altitudni għolja), jew minn pendil qawwi f'altitudni aktar baxxa, jew minn kombinazzjoni tat-tnejn.

Kundizzjonijiet bħal dawn jippreżentaw sfidi għall-agrikoltura u l-ekonomija rurali f'dawn iż-żoni. Ġew żviluppatti miżuri ta' appoġġ speċifiċi mill-UE li huma mmirati lejn iż-żoni rurali muntanjużi, u dawn jinkludu miżuri tal-politika ta' żvilupp rurali.

Bħala parti minn proċess ta' valutazzjoni aktar wiesgħa li qiegħed jitmexxa mid-DĠ AGRI, il-Punt ta' Kuntatt tal-ENRD wettaq valutazzjoni tal-appoġġ tal-PŻR disponibbli għaż-żoni muntanjużi u l-biedja fil-muntanji. Ir-riżultati mill-valutazzjoni kienu inklużi fir-rapporti li ġejjin:

- Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "L-Aqwa Prestazzjoni" [[PDF](#) [en](#)]
- Id-Dokument ta' Ħidma tal-ENRD dwar l-Eżami tal-Biedja fil-Muntanji [[PDF](#) [en](#)]

Fil-[perjodu li jmiss \(2014-2020\) tal-politika ta' żvilupp rurali tal-UE](#) huma proposti forum ġodda ta' appoġġ speċjali għaż-żoni muntanjużi. Dan jinkludi l-opportunità għall-PŻR li jinkludu sottoprogrammi ddedikati għaż-żoni muntanjużi. Ara l-proposti ġodda [hawnhekk](#).

Aktar informazzjoni dwar iż-żoni muntanjużi tal-UE u l-iżvilupp rurali tista' tinstab hawnhekk:

- [Euromontana](#) (waħda mill-membri tal-ENRD) tippromwovi muntanji ħajjin, żvilupp integrat u sostenibbli u l-kwalità tal-ħajja fiż-żoni muntanjużi.
- L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent ippreparat informazzjoni utli dwar il-ħtiġijiet ta' ġestjoni tal-art tal-ekosistemi tal-muntanji tal-UE. Ara r-rapport tagħhom dwar is-suġġett [hawnhekk](#).
- Fittex fid-[Database tal-proġetti tal-PŻR](#) biex issib proġetti rilevanti għaż-żoni muntanjużi.



### L-ikel lokali u l-ktajjen qosra tal-provvista

Ir-rwol importanti tal-ikel fl-iżvilupp rurali tal-UE huwa sottolinjat mill-Kummissjoni Ewropea fir-[reviżjoni tal-politika dwar il-promozzjoni tal-prodotti tal-irziezet](#). Fl-2011 tressqu proposti sabiex tiġi aġġornata din il-politika, li jiġbdu l-attenzjoni għall-fatt li l-UE għandha wirt kulinarju b'diversità kbira li għalhekk jaqbel li jiġi sfruttat bis-sħiħ. "L-approċċi ta' sħubija għat-tisħiħ tas-swieq tal-ikel lokali ntwerew li huma effettivi bħala għodod għall-iżvilupp rurali. Ir-riżultati minn tali proġetti dwar l-ikel lokali jistgħu jgħinu sabiex jappoġġaw elementi ċentrali tal-ekonomija rurali b'modi sostenibbli. Pereżempju, billi jaħdmu flimkien, in-negozji li jipparteċipaw fi proġetti dwar l-ikel lokali jistgħu jsiibu modi ġodda ta' kif ibiġġu aktar mill-prodotti tagħhom u jattiraw tipi ġodda ta' klijenti. Jistgħu jiġu stabbiliti rabtiet akbar b'saħħithom bejn is-setturi lokali tal-agrikoltura, tat-turiżmu u tal-provvista tal-ikel.

Barra minn hekk, il-konsum ta' prodotti tal-ikel lokali fiż-żoni rurali jwassal għal tnaqqis fit-trasport tal-ikel. Dan jista' joħloq benefiċċji ekonomiċi, ambjentali u soċjali bħal iffrankar fil-kostijiet tat-trasport, anqas emissjonijiet, anqas kedd fuq it-toroq rurali, tnaqqis fil-konġestjoni tat-traffiku u titjib assoċjat fis-sigurtà tat-toroq. Jistgħu jinkisbu wkoll varjetà ta' benefiċċji ta' żvilupp għan-negozji rurali minn 'ktajjen qosra tal-provvista'. Pereżempju, it-tnaqqis fin-numru ta' negozji involuti f'katina tal-provvista bejn il-produttur ta' materja prima u l-konsumatur finali jista' jżid is-sehem mill-prezz finali li jirċievu dawk involuti. Numru anqas ta' links jista' jipprovdi wkoll iffrankar fil-kostijiet għall-konsumaturi u jagħmilha aktar faċli għal kulħadd biex ikun jaf minn fejn ġejja l-materja prima. Il-bejgħ dirett (mill-produttur oriġinali għall-konsumatur finali) jirrappreżenta l-iqsar ktajjen tal-provvista. Il-miżuri finanzjarji fis-sett ta' għodod ta' appoġġ tal-FAEŻR fihom bosta alternattivi sabiex jiffaċilitaw il-ktajjen qosra tal-provvista. Dawn huma rilevanti għas-settur agro-alimentari u jistgħu japplikaw ukoll għal negozji rurali oħra.

Aktar informazzjoni tista' tinstab hawnhekk:

- Studju interessanti dwar il-ktajjen qosra tal-provvista ġie prodott mill-NRN Taljan [[PDF](#) [en](#)].
- Ara l-fuljett tal-ENRD dwar il-proġetti tal-ikel appoġġati mill-FAEŻR għal eżempji ta' azzjonijiet relatati mal-ikel lokali u l-ktajjen qosra tal-provvista [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [de](#) [it](#) [es](#) [pl](#)].

### 3.2. Ambjent

It-tieni pilastru tal-PAK, dak relatat mal-iżvilupp rurali, għandu dispożizzjonijiet sostanzjali ħafna għall-ġid tal-ambjent li qegħdin jgħinu sabiex jaqilbu t-tendenza fir-rigward tal-isfidi tal-biodiversità, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, il-kwalità tal-ħamrija u l-ilma, u l-preservazzjoni tal-pajsaġġi. B'mod speċifiku l-għan tal-**Assi 2 tar-Regolament dwar il-FAEŻR huwa** "li jtejjeb l-ambjent u l-pajsaġġ, billi jipprovdi miżuri sabiex jiproteġu u jtejbu r-riżorsi naturali, kif ukoll sabiex jippreservaw il-biedja u s-sistemi tal-forestrija u l-pajsaġġi kulturali ta' valur għoli fiż-żoni rurali tal-Ewropa". L-importanza li jittejjeb l-ambjent permezz tal-politika ta' żvilupp rurali tal-UE hija riflessa fil-fatti li:

- il-perċentwal minimu propost ta' finanzjament għall-assi 2 huwa ta' 25% (meta mqabbel ma' 10% għall-assi 1 u 3)
- il-miżura agro-ambjentali (M214) hija l-unika miżura obbligatorja, u għalhekk hija applikata fit-88 PŻR kollha tal-UE.

### Tibdil fil-klima

It-tibdil fil-klima jippreżenta kemm theddidiet kif ukoll opportunitajiet għas-setturi agrikoli, tal-forestrija u rurali tal-Ewropa. Agħfas [hawnhekk](#) għal aktar informazzjoni dwar it-tibdil fil-klima u l-agrikoltura.

Il-programmi tal-iżvilupp rurali (PŻR) fuq livell reġjonali u nazzjonali qegħdin jipprovdu appoġġ importanti biex jgħinu sabiex jiġu indirizzati kemm il-kawżi kif ukoll il-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima. Qabel il-Kontroll tas-Saħħa tal-PAK u l-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku (EERP) fl-2008, il-PŻR oriġinali għall-perjodu tal-programm 2007-13 kienu jinkludu firxa wiesgħa ta' miżuri li kienu ta' benefiċċju dirett jew indirett għat-tliet dimensjonijiet prinċipali tal-azzjoni klimatika – il-mitigazzjoni, l-adattament u l-enerġija rinnovabbli.

L-allokkazzjoni ta' riżorsi finanzjarji addizzjonali għall-azzjonijiet klimatiċi b'riżultat tal-Kontroll tas-Saħħa tal-PAK u l-EERP, u l-emenda sussegwenti fil-PŻR, se jikkontribwixxu għal aktar tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-agrikoltura Ewropea. Iż-żieda fil-baġit se żżid ukoll il-kapaċità tal-Ewropa rurali biex tlaħħaq mal-impatti tat-tibdil fil-klima. Fl-2010 l-ENRD wettaq eżerċizzju ta' eżami biex jidentifika kif il-kwistjoni tat-tibdil fil-klima qiegħda tiġi indirizzata fil-PŻR fuq livell tal-Istati Membri. Ir-riżultati minn dan l-eżerċizzju ta' eżami huma disponibbli bħala skedi fil-qosor għal kull Stat Membru, flimkien ma' rapport ta' sinteżi għas-27 Stat Membru kollha tal-UE, fil-qiegħ ta' din il-[paġna elettronika](#).

Tista' tara wkoll vidjow dwar l-azzjoni għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima fl-Ewropa rurali f'din il-[link](#).  
*Servizzi ambjentali*

Il-Grupp Fokus tal-ENRD dwar il-Kunsenja ta' Servizzi Ambjentali, li tnedja f'Diċembru 2011 u ntemm fil-bidu tal-2013, identifika aspetti kritiċi għall-massimizzazzjoni tal-kunsenja ta' servizzi ambjentali u offra sett ta' rakkomandazzjonijiet għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-ġenerazzjoni futura ta' Programmi tal-Iżvilupp Rurali (2014-2020). Dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma bbażati fuq dejta miksuba minn esperjenzi preżenti (47 eżempju minn 15-il Stat Membru), approċċi ta' kunsenja u fatturi ta' suċċess differenti, kif ukoll minn żjarat fuq il-post u sensiela ta' diskussjonijiet ma' partijiet interessati ambjentali madwar l-UE.

Tista' ssib firxa ta' dokumenti rilevanti dwar ir-riżultati fis-sit elettroniku tal-ENRD:

- Sommarju eżekuttiv tar-rapport finali tal-Grupp Fokus dwar il-Kunsenja ta' Servizzi Ambjentali [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [de](#) [it](#) [es](#) [pl](#)]
- Rapport Finali tal-Grupp Fokus dwar il-Kunsenja ta' Servizzi Ambjentali [[PDF](#) [en](#)]
- Eżempji tal-kunsenja ta' servizzi ambjentali appoġġata mill-PŻR [[PDF](#) [en](#)]
- Dokument ta' sfond li jstabbilixxi l-kuntest u l-għanijiet tal-ħidma tal-Grupp Fokus [[PDF](#) [en](#)]
- [Paġna elettronika](#) għall-workshop tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni dwar it-"Tfassil ta' kwalità tal-miżuri ambjentali u klimatiċi għall-PŻR 2014-2020"
- Reviżjoni Rurali tal-UE dwar il-"Kunsenja ta' Servizzi Ambjentali permezz tal-Politika ta' Żvilupp Rurali" (April 2013) [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [es](#) [de](#) [it](#) [pl](#)]
- Fuljett ta' proġetti tal-FAEŻR dwar is-"Servizzi Ambjentali" [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [de](#) [it](#) [es](#) [pl](#)]

Inizjattiva prinċipali mwettqa mill-ENRD u li kienet direttament relatata mas-Servizzi ambjentali kienet il-Grupp ta' Hídma Tematiku 3 "Il-prodotti pubbliċi u l-intervent pubbliku". Tista' ssib aktar informazzjoni fis-[sezzjoni "Il-Politika fl-Azzjoni"](#) ta' dan id-dokument.

F'April 2011, workshop tal-Grupp ta' Hídma Tematiku 4 laqqa' flimkien esperti b'esperjenza speċifika tat-tfassil ta' u l-isfidi inerenti fl-implimentazzjoni ta' approċċi kollettivi għall-operazzjonijiet agro-ambjentali [[PDF en](#)].

Il-Punt ta' Kuntatt tal-ENRD ipprepara u kkonsenja wkoll preżentazzjoni dwar is-"Sitwazzjoni attwali tal-miżura tal-PAK dwar il-'Pagamenti Agro-Ambjentali' fl-Unjoni Ewropea, fil-Konferenza Cedia tal-Ħarifa li saret fi Brussell bejn it-30 ta' Settembru u l-1 ta' Ottubru 2010 [[PDF en](#)].

Informazzjoni dwar il-progress tal-miżuri kollha tal-PŻR, inklużi dawk relatati mas-Servizzi ambjentali tista' tinstab online fis-sezzjoni [il-Politika ta' Żvilupp Rurali f'Ċifri](#).

Numru sinifikanti ta' eżempji ta' proġetti li jinvolve l-konsenja ta' servizzi ambjentali jista' jinstab fid-[Database tal-Proġetti](#) tal-ENRD.

### 3.4. Intraprenditorija

#### *Intraprenditorija Rurali*

Il-promozzjoni u t-tisħiħ tal-intraprenditorija huwa wieħed mill-aktar approċċi importanti sabiex jiġu indirizzati l-problemi ekonomiċi tal-komunitajiet rurali u qiegħed jattira attenzjoni ġdida bit-tnaqqis drammatiku fir-ritmu ekonomiku f'bosta Stati Membri tal-UE. Ir-riżorsi online jippermettulek li ssib informazzjoni dwar firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet marbuta mal-intraprenditorija rurali. Se ssib għażla ta' riżorsi li jkopru bosta aspetti tal-intraprenditorija rurali, fosthom dokumentazzjoni varja (rapporti, dokumenti ta' konsultazzjoni, dokumenti ta' informazzjoni, dokumenti ta' gwida, fuljetti u dokumenti oħra rilevanti għal din it-tema), approċċi, aspetti u attivitajiet imwettqa minn diversi partijiet interessati:

- [Il-librerija dwar l-Intraprenditorija Rurali](#) fiha firxa wiesgħa ta' dokumenti u pubblikazzjonijiet ta' rilevanza għall-Intraprenditorija Rurali.
- [L-Għodod għall-Bini tal-Kapaċità](#) jipprovdu appoġġ għall-ħolqien u l-iżvilupp ta' negozji rurali.
- Taħt [l-Azzjoni Konġunta tal-NRNs](#) tista' ssib informazzjoni dwar azzjonijiet konġunti f'oqsmha speċifiċi tal-intraprenditorija rurali fejn l-NRNs esprimew interessi komuni.
- Tista' taċċessa wkoll [eżempji ta' proġetti ta' kooperazzjoni](#) differenti implimentati mill-Istati Membri.

#### *Finanzjament Rurali*

L-aċċess limitat għall-appoġġ finanzjarju, li jinkludi kemm il-faċilitajiet ta' kreditu kif ukoll il-kapital ta' riskju, huwa wieħed mill-aktar ostakoli importanti għall-intraprenditorija rurali u l-iżvilupp tan-negozji rurali madwar l-Unjoni Ewropea (UE). L-"esklużjoni finanzjarja" tan-negozji rurali kienet dokumentata tajjeb f'dawn l-aħħar snin u hija attribwita għal kombinazzjoni ta' fatturi tal-ekonomija sħiħa u fatturi speċifiċi għas-settur rurali.

F'April 2011 tnediet "Task Force tal-ENRD dwar il-Finanzjament Rurali" (RFTF) matul il-11-il laqgħa tal-NRN li kienet organizzata f'Bad Schandau, il-Ġermanja (aġġfas [hawnhekk](#) għal aktar dettalji). L-RFTF hija Azzjoni Konġunta tal-NRNs organizzata taħt l-Inizjattiva Tematika tal-NRNs dwar l-Intraprenditorija Rurali. L-għan ġenerali tal-inizjattiva tematika huwa li tidentifika u tippromwovi strateġiji u azzjonijiet vijabbli sabiex jirrispondu għat-tibdil ekonomiku fiż-żoni rurali. F'Mejju-Ġunju 2011 l-RFTF wettqet sħarriġ esploratorju tal-istrumenti eżistenti għall-finanzjament rurali u r-risultati kienu ppreżentati waqt workshop fi Brussell fid-29 ta' Ġunju 2011. Matul it-13-il laqgħa tal-NRNs li saret f'Den Haag, fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-10 ta' Novembru 2011, kienu ppreżentati aġġornament dwar il-progress tal-RFTF (Rapport Interim) u pjan ta' azzjoni għal aktar ħidma. Aktar informazzjoni dwar il-laqgħa hija disponibbli [hawnhekk](#).

Ir-rapport finali [[PDF](#) [en](#)] Inizjattiva Tematika 'Intraprenditorija Rurali' tal-ENRD dwar il-Finanzjament Rurali jiffoka fuq l-aċċess għall-finanzjament rurali għall-intrapriżi żgħar u medji. Is-sejbiet tar-Rapport Finali kif ukoll diskussjonijiet dwar il-proposti leġislattivi preżenti u futuri dwar il-mekkaniżmi ta' inġinerija finanzjarja kienu ppreżentati waqt l-14-il laqgħa tal-NRNs li kienet organizzata f'Salonka, il-Greċja fit-2 ta' Frar 2012. Aktar informazzjoni dwar il-laqgħa hija disponibbli [hawnhekk](#).

Fit-28 ta' Ġunju 2012 f'Riga, il-Latvja, kien organizzat seminar dwar "Faċilitar tal-Aċċess għall-Finanzjament għall-Intrapriżi Żgħar Rurali" mill-NRN Latvjan bl-appoġġ tal-Punt ta' Kuntatt tal-ENRD. L-għan prinċipali ta' dan is-seminar kien li jlaqqa' flimkien diversi partijiet interessati b'interess speċifiku fl-aċċess għall-kreditu fiż-żoni rurali. Is-seminar ipprova opportunità unika għal aktar diskussjonijiet li għenu sabiex jiġu identifikati modi sabiex jittejjbu r-regoli preżenti u futuri dwar l-inġinerija finanzjarja. Aktar informazzjoni dwar il-laqgħa hija disponibbli [hawnhekk](#).

[Workshop tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni](#) dwar l-inġinerija finanzjarja li sar fis-26 ta' Ottubru 2012 kellu l-għan li jqajjem għarfien fost il-partijiet interessati tal-PŻR tal-iżvilupp rurali dwar l-opportunitajiet għall-ħolqien u l-użu ta' strumenti tal-inġinerija finanzjarja sabiex jiżied il-potenzjal tal-FAEŻR għall-iżvilupp tal-Ewropa rurali. Il-preżentazzjonijiet u d-diskussjonijiet kienu bbażati fuq l-esperjenzi minn diversi Fondi/politiki tal-UE u ssottolinjaw tagħlimiet ewlenin miksuba mill-ġesturi li qegħdin jikkoordinaw l-istrumenti finanzjarji fuq livelli lokali, reġjonali u nazzjonali. Il-workshop ipprova wkoll l-aħħar informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet tal-istrumenti finanzjarji fil-kuntest tal-Qafas Strateġiku Komuni (QSK), inklużi bidliet fir-regolamenti u l-implikazzjonijiet futuri tagħhom. Aktar informazzjoni dwar il-workshop hija disponibbli [hawnhekk](#).

Tista' ssib ħafna aktar diskussjonijiet interessanti dwar il-finanzjament rurali fil-ħarġa 13 tar-Reviżjoni Rurali tal-UE dwar "Strumenti Finanzjarji għall-Iżvilupp Rurali: Opportunitajiet ġodda sabiex tiġi indirizzata l-kriżi ekonomika", li hija disponibbli [hawnhekk](#).

Aktar informazzjoni ta' sfond u links dwar il-finanzjament rurali huma pprovduti [hawnhekk](#).

### 3.5. Iż-żgħażaġh u l-bdiewa żgħażaġh

It-tibdil demografiku u t-tnaqqis fil-popolazzjonijiet rurali huma kwistjonijiet importanti fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u jinfluwenzaw b'mod qawwi l-prestazzjoni ekonomika f'bosta żoni rurali. Li tiġi appoġġata l-preżenza kontinwa taż-żgħażaġh fiż-żoni rurali għalhekk hija prijorità ewlenija għall-politika ta' żvilupp rurali tal-UE.



Sabiex iż-żoni rurali jinżammu ħajjin, ir-rwol tal-bdiewa żgħażaġh, li jammontaw biss għal 6% tal-popolazzjoni attiva fil-biedja tal-UE, huwa kruċjali. L-appoġġ tal-UE għall-bdiewa żgħażaġh jinkludi miżura ddedikata - iffanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) - għall-'Istabiliment tal-bdiewa żgħażaġh'. Tali appoġġ jista' jindirizza l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw żgħażaġh li jippruvaw jistabbilixxu ruħhom fis-settur agrikolu, billi jinkoraġġihom sabiex jibqgħu jgħixu u jaħdmu fiż-żoni rurali, joħloq opportunitajiet ta' impjegi u jipromwovi l-iżvilupp ta' servizzi li jistgħu jikkontribwixxu għal żieda globali fil-vitalità soċjali u ekonomika taż-żoni rurali.

F'bosta Stati Membri tal-UE teżisti firxa wiesgħa ta' attivitajiet ta' appoġġ għaż-żgħażaġh fiż-żoni rurali. Dawn l-attivitajiet jinkludu taħriġ, il-ħolqien ta' servizzi u appoġġ għaċ-ċirkolazzjoni aħjar tal-informazzjoni. Din is-[sezzjoni tas-sit elettroniku](#) toffri informazzjoni u riżorsi rilevanti dwar l-appoġġ offrut lill-bdiewa żgħażaġh u liż-żgħażaġh fiż-żoni rurali tal-UE:

- Il-[Librerija dwar iż-żgħażaġh](#) tipprovdi ħarsa ġenerali ta' proġetti u inizjattivi minn firxa wiesgħa ta' istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet attivi madwar l-Ewropa, li għandha l-għan li ttejjeb il-fluss tal-informazzjoni għaż-żgħażaġh fiż-żoni rurali.
- Il-[Librerija dwar il-bdiewa żgħażaġh](#) toffri informazzjoni speċifika dwar firxa ta' istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet, kif ukoll inizjattivi u proġetti li jipprovdu appoġġ lill-bdiewa żgħażaġh fl-Ewropa.
- Mill-2012, l-[Inizjattiva tematika dwar iż-Żgħażaġħ u l-Bdiewa Żgħażaġħ](#) tal-ENRD tikkunsidra kif jistgħu jittejjbu l-aħjar il-modi kif iż-żgħażaġh u l-bdiewa żgħażaġh rurali jistgħu jibbenefikaw mill-appoġġ tal-FAEŻR.

### 3.6. Forestrija

Il-foresti u artijiet imsagħra oħra jiksu aktar minn 40% tal-erja tas-superfiċje tal-UE. Huma jipprovdu l-għajxien għal miljuni ta' ħaddiema, imprendituri u sidien tal-foresti. In-nies li jieħdu ħsieb il-foresti flimkien mal-bdiewa huma l-ġesturi prinċipali tal-art tal-UE, u jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tkabbir ekonomiku, l-impjegi u l-prospertà speċjalment fiż-żoni rurali. Fl-aħħar nett, il-foresti jaqdu diversi għanijiet: ekonomiċi, ambjentali u soċjali; huma wkoll sors ta' enerġija rinnovabbli u jikkontribwixxu sabiex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima.

#### *L-Inizjattiva Tematika tal-NRNs dwar il-Forestrija*

F'Diċembru 2009 tnediet l-Inizjattiva Tematika tal-NRNs dwar il-Forestrija. L-għan kien li jiġi stabbilit ambjent ta' ħidma fost l-NRNs għall-promozzjoni tal-iskambju ta' esperjenza u prattika rilevanti sabiex tittejjeb l-implimentazzjoni tal-miżuri dwar il-forestrija taħt il-politika ta' żvilupp rurali tal-UE 2007-2013. Il-kamp ta' applikazzjoni u r-riżultati prinċipali mistennija tal-inizjattiva kienu maqgħula waqt l-ewwel laqgħa tal-grupp ta' ħidma fi Brussell (Diċembru 2009), fejn grupp inizjali ta' 5 NRNs stabbilixxa l-bażi għal aktar kooperazzjoni. L-interess fl-inizjattiva minn dak iż-żmien 'l hawn żdied sabiex jinkludi totali ta' 10 NRNs.

Bħala parti mill-ħidma analitika li qiegħda titwettagħ fi ħdan l-Inizjattiva, il-Punt ta' Kuntatt tal-ENRD appoġġa l-preparazzjoni ta' Dokument ta' Sfond [\[PDF !\[\]\(d3102649f02e825ddb76dc3de0190154\_img.jpg\)ENRD Connecting Rural Europe...](#)

laqgħa tal-NRNs (Edinburgh, Settembru 2010) [[PDF en](#)]. Skeda informattiva qasira dwar l-attivitajiet konġunti taħt l-inizjattiva dwar il-forestrija hija disponibbli biex titniżżel [[PDF en](#)].

#### *Suġġetti speċifiċi u attivitajiet konġunti*

Fokus wieħed huwa fuq l-iskambju ta' prattiċi li jirrigwardaw l-użu tal-bijomassa tal-foresti għall-ġenerazzjoni tal-enerġija (b'mod partikolari għat-tisħin) fuq livell lokali. L-attivitajiet taħt dan is-suġġett huma mmexxija mill-NRN Finlandiż u fil-25 sas-27 ta' Settembru 2011 sar seminar iddedikat f'Punkaharju (Il-Finlandja). Aktar informazzjoni tista' tinstab [hawnhekk](#).

Fokus ieħor kien fuq ir-rwol multifunzjonali tal-foresti, jiġifieri l-prodotti u s-servizzi pubbliċi pprovduti mill-foresti. Dan is-suġġett beda bi żjara ta' studju organizzata mill-NRN Spanjol f'Ottubru 2010. Punt fokali taż-żjara kien il-foresti tal-ballut *dehesa* fin-Nofsinhar ta' Spanja (Andalusija) fejn il-parteċipanti esploraw xi wħud mill-possibbiltajiet ta' diversifikazzjoni ekonomika offruti mill-foresti. Ir-riżultati taż-żjara ta' studju [[PDF en](#)] wasslu għal seminar internazzjonali dwar "L-Immaniġġar tal-Prodotti Pubbliċi Ambjentali" li kien organizzat mill-NRN ta' Walloon f'Namur, il-Belġju, fit-18 sad-19 ta' Novembru 2010. Aktar informazzjoni dwar is-seminars, l-attivitajiet konġunti u ż-żjarat ta' studju tista' tinstab [hawnhekk](#).

Dwar is-suġġett tal-appoġġ għall-ġestjoni privata tal-forestrija kien identifikat u kkunsidrat spettru wiesa' ta' attivitajiet possibbli (pereżempju ara l-proposta tal-NRN Taljan għal attività konġunta [[PDF en](#)] dwar it-titjib tad-disponibbiltà tad-dejta għas-settur tal-forestrija). Madankollu ma nbdiet l-ebda azzjoni konkreta matul il-perjodu tal-inizjattiva tematika.

Fil-okkażjoni tas-Sena internazzjonali tal-foresti tan-NU, l-NRN Taljan bl-appoġġ tal-ENRD, f'Ġunju 2011 ospita kungress internazzjonali dwar ir-rwol preżenti u ġejjieni tar-riżorsi tal-foresti fl-iżvilupp soċjo-ekonomiku taż-żoni rurali. Għal aktar informazzjoni dwar ir-riżultati tal-kungress mur fis-sit uffiċjali ta' [RomaForest2011](#) jew sib l-iskeda informattiva fil-qosor tal-avveniment [[PDF en](#)].

Sib aktar dwar il-Forestrija:

- Ikkonsulta r-Reviżjoni Rurali tal-UE dwar il-*Forestrija u l-iżvilupp rurali* (Novembru 2011) [[PDF en](#) [fr](#) [es](#) [de](#) [it](#) [pl](#)].
- Il-fuljett ta' proġetti tal-FAEŻR dwar il-*Forestrija* jippreżenta sett ta' artikli dwar kif il-FAEŻR jista' jintuża sabiex jiżviluppa b'mod sostenibbli l-varjetà wiesgħa ta' riżorsi msaġġra differenti tal-UE [[PDF en](#) [fr](#) [de](#) [it](#) [es](#) [pl](#)].
- Is-[sezzjoni 'Intraprenditorija Rurali'](#) tinkludi sezzjoni speċifika dwar il-Forestrija fejn tista' ssib informazzjoni rilevanti oħra dwar il-kuntest tal-politika, proġetti dwar il-forestrija u riżorsi utli oħra online.
- Fittex fid-[Database tal-proġetti tal-PŻR](#) għal proġetti relatati mas-settur tal-forestrija.

### 3.7. ICT

Fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, il-politika ta' żvilupp rurali tat attenzjoni speċjali lit-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT). Il-FAEŻR jappoġġa b'diversi modi l-iżvilupp ta' negozji tal-ICT, is-servizzi, it-titjib tal-ħiliet u l-broadband fiż-żoni rurali billi l-investimenti kemm fil-ħardwer kif ukoll fis-softwer huma eliġibbli fil-programmi kollha.

L-importanza tal-ICT għall-iżvilupp taż-żoni rurali fl-Ewropa kienet il-fokus tas-seminar tal-ENRD dwar "L-ICT u ż-żoni rurali: bini tas-soċjetà tal-għarfien fuq livell lokali" li sar fi Brussell fl-10 ta' Frar 2011. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok agħfas [hawnhekk](#).

Taħt din il-[link](#) tista' tniżżel fuljett tal-ENRD li jipprovdi diversi eżempji ta' proġetti relatati mat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT) appoġġati mill-FAEŻR.

Id-[Database tal-Proġetti tal-PŻR](#) tipprovdi eżempji ta' proġetti tal-ICT implimentati permezz tal-Programmi tal-Iżvilupp Rurali u ffinanzjati mill-FAEŻR. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok agħfas [hawnhekk](#).

L-ENRD ipprepara preżentazzjoni sabiex jispjega fil-qosor il-qafas kunċettwali u l-oqsma ta' intervent tal-politika ta' żvilupp rurali sabiex tappoġġa l-ICT fiż-żoni rurali. Tista' ssibha [hawnhekk](#) [[PDF](#) [en](#)].

L-iskeda informattiva "Ħarsa ġenerali tal-Kontroll tas-Saħħa tal-PAK u l-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku - Modifika tal-PŻR" tipprovdi ħarsa ġenerali tal-bidliet introdotti fil-Programmi tal-Iżvilupp Rurali wara l-Kontroll tas-Saħħa tal-PAK u l-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku u l-enfasi mogħtija fuq l-investimenti fl-infrastruttura tal-broadband. L-iskeda informattiva hija disponibbli [hawnhekk](#).

### 3.8. Rabtiet rurali-urbani

Il-Komunikazzjoni tal-2010 tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-futur tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) wara l-2013 (disponibbli biex titniżżel [hawnhekk](#)) tinnota li prijorità għall-PAK hija: "l-iżvilupp territorjali bbilanċjat taż-żoni rurali fl-UE kollha, billi tagħti s-setgħa lin-nies taż-żoni lokali sabiex iżidu l-kapaċità u jtejbu l-kundizzjonijiet lokali u r-rabtiet bejn iż-żoni rurali u dawk urbani." L-approċċi għall-iżvilupp lokali assoċjati mas-sejbien ta' tali żvilupp territorjali bilanċjat jistgħu jibbenefikaw mill-konsiderazzjoni ta' kwistjonijiet importanti bħal:

- Iż-żoni urbani huma swieq u ċentri ta' servizz importanti għan-negozji rurali.
- Il-pajsaġġ tal-Ewropa huwa popolari fost il-popolazzjonijiet urbani.
- Iż-żoni rurali madwar l-ibliet u l-irħula jistgħu jesperjenzaw pressjonijiet ambjentali mill-iżvilupp urban, ir-rikreazzjoni 'honey-pot' u l-ivvjaġġar.

L-approċċi integrati ta' politika fl-iskala reġjonali jistgħu joħolqu riżultati pożittivi mill-konsiderazzjoni u l-indirizzar tad-diversi dinamiċi tar-relazzjonijiet urbani-rurali. Ir-riżultati jistgħu jwasslu għal approċċi ta' żvilupp reġjonali sostenibbli li jieħdu kont xieraq u bilanċjat kemm taż-żoni rurali kif ukoll ta' dawk urbani. Aktar informazzjoni dwar ir-rabtiet urbani-rurali hija disponibbli [hawnhekk](#).

### 3.9. Aspetti Soċjali

#### *Biedja soċjali*

F'dawn l-aħħar snin il-Biedja Soċjali ġiet għall-attenzjoni ta' firxa dejjem akbar ta' partijiet interessati rurali u jistgħu jinstabu diversi eżempji ta' attivitajiet ta' biedja soċjali madwar l-Istati Membri tal-UE27. Dan l-interess huwa r-riżultat ta' fehim dejjem jiżdied tar-rwol potenzjali tal-agrikoltura u r-riżorsi rurali sabiex jittejjeb il-benesseri soċjali, fiżiku u mentali tan-nies. Fl-istess ħin, il-biedja soċjali tirrappreżenta wkoll opportunità ġdida għall-bdiewa biex iwasslu servizzi alternattivi sabiex iwessgħu u jiddiversifikaw il-firxa tal-attivitajiet u r-rwol multifunzjonali tagħhom fis-soċjetà. Din l-integrazzjoni

bejn l-attivitajiet agrikoli u soċjali tista' tipprovdi wkoll lill-bdiewa sorsi ġodda ta' dħul u ttejjeb id-dehra tal-agrikoltura fl-isfera pubblika.

L-Inizjattiva Tematika Konġunta tal-NRNs għall-Biedja Soċjali tnediet f'Diċembru 2009 bi tweġiba għal proposta min-Netwerk Rurali Taljan għal grupp ta' NRNs biex jaħdmu flimkien sabiex jidentifikaw u janalizzaw l-opportunitajiet u l-ostakoli ppreżentati mill-PŻR nazzjonali/reġjonali 2007-2013 għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' Biedja Soċjali/agrikoltura għal finijiet terapewtiċi fl-UE-27. L-għan speċifiku tal-Inizjattiva Tematika dwar il-Biedja Soċjali kien "...li tittejjeb l-implimentazzjoni tal-PŻR b'appoġġ għall-Biedja Soċjali u li jiġu pprovduti inputs għall-iżvilupp tal-perjodu ta' programmazzjoni ġejjieni fuq livell nazzjonali u Ewropew". Fl-Inizjattiva pparteċipaw total ta' seba' NRNs - jiġifieri l-Awstrija, il-Belġju-Flanders, il-Finlandja, l-Irlanda, l-Italja, l-Isvezja u r-Renju Unit - u bdew jiġbru informazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali tal-attivitajiet tal-Biedja Soċjali fil-pajjiżi tagħhom.

Ir-riżultati minn din l-ewwel kooperazzjoni kienu ppreżentati [PDF [en](#)] f'Marzu 2010 fit-8 laqgħa tal-NRNs f'Ruma (25-26 ta' Marzu 2010). L-NRNs li pparteċipaw qablu wkoll dwar programm ta' ħidma li jwassal għall-preparazzjoni ta' Dokument ta' Ħarsa Ġenerali (appoġġat b'sett ta' studji ta' każijiet rilevanti) sal-aħħar tal-2010. Ir-riżultati mid-Dokument ta' Ħarsa Ġenerali u l-Istudji tal-Każijiet ġew ippreżentati f'żewġ konferenzi importanti dwar il-Biedja Soċjali matul l-2010:

- Il-Ħames Konferenza COST Ewropea dwar "Agrikoltura għal Finijiet Terapewtiċi" li saret bejn l-24 u s-26 ta' Awwissu 2010 f'Witzenhausen, il-Ġermanja
- "[Rabta tal-Iżvilupp Rurali mal-Biedja Soċjali](#)" organizzata min-Netwerk Rurali Fjamming fit-30 ta' Settembru u l-1 ta' Ottubru 2010 f'Mechelen, il-Belġju.

Il-verżjoni finali tad-Dokument ta' Ħarsa Ġenerali jista' jitniżżel hawnhekk [PDF [en](#)] u total ta' 17-il studju ta' każijiet miġbura minn 6 Stati Membri minn hawnhekk [PDF [en](#)].

Barra minn hekk, il-[vidjo](#) li ġej juri xi eżempji speċifiċi ta' attivitajiet ta' biedja soċjali mir-Renju Unit.

Barra dan, fid-[Database tal-Proġetti tal-PŻR](#) inti tista' ssib aktar dwar proġetti madwar l-UE għal suġġetti relatati mal-biedja soċjali, bħall-persuni żvantaġġati, l-edukazzjoni, il-persuni anqas privileġġati, is-servizzi soċjali, l-esklużjoni soċjali u l-inklużjoni.

#### *L-inklużjoni soċjali u l-faqar fiż-żoni rurali*

Xi 14 % tal-popolazzjoni fiż-żoni predominantement rurali tal-UE ssofri minn rati ta' impjieg aktar baxxi minn nofs il-medja tal-UE, u hemm żoni fejn il-PDG għal kull ras huwa baxx. Bħala tali, il-politika tal-iżvilupp rurali tal-UE tipprovdi għodod essenzjali biex tgħin lill-Istati Membri jinkoraġġixxu l-impjegi rurali, jindirizzaw il-faqar fiż-żoni rurali u l-esklużjoni soċjali u jtejjbu l-kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali. Dawn l-għanijiet jirriflettu l-istrategġija tal-UE għat-tkabbir imsejja "[Ewropa 2020](#)".

L-Istrategġija UE-2020 tenfasizza l-importanza li jiġu appoġġati skemi li jgħinu sabiex jiġu eliminati l-ostakoli għas-suq tax-xogħol u l-inklużjoni soċjali, b'mod partikolari għall-gruppi l-aktar vulnerabbli tan-nisa, iż-żgħażaġh, il-ħaddiema anzjani, il-gruppi li ġejjin minn minoranzi etniċi u l-persuni b'diżabilità. Fost ħwejjeġ oħra dawn l-iskemi jinkludu appoġġ għall-edukazzjoni u l-opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja, it-trasport modern u l-infrastruttura tal-ICT, flimkien ma' aċċess aħjar għas-servizzi essenzjali. Il-Programmi tal-Iżvilupp Rurali għandhom rwol importanti fil-promozzjoni ta' soċjetà aktar inklużiva u biex jagħmlu ż-żoni rurali post aħjar fejn tgħix.



Għal aktar informazzjoni dwar l-iżvilupp rurali tal-UE, l-impjegji u l-inklużjoni soċjali, tista' tikkonsulta wkoll il-[Hargha 6 tar-Reviżjoni Rurali tal-UE](#) fis-sit elettroniku tal-ENRD.

### 3.10. Trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni

Ir-riċerka, it-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni huma fatturi ewlenin importanti li jwasslu għall-iżvilupp rurali u l-importanza tagħhom mistennija tikber billi huma fil-qalba tal-[Istrateġija Ewropa 2020](#) li għandha fil-mira tagħha t-*tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv*. L-inizjattiva Orizzont 2020 se tkun għodda ewlenija fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva emblematika tal-[Unjoni ta' Innovazzjoni](#).

Matul il-perjodu ta' programmazzjoni tal-2014 sal-2020, it-Trasferiment tal-Għarfien u l-Innovazzjoni se jsiru prijorità trażversali għall-politika tal-iżvilupp rurali. Strument tal-politika importanti biex tiġi appoġġata din il-prijorità huwa s-[Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-Produttività u s-Sostenibbiltà fil-Qasam Agrikolu](#) (SEI-AGRI). L-EIP-AGRI qiegħda taħdem biex tgħaqqad flimkien politiki eżistenti, tippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-imsieħba u tibni pontijiet bejn ir-riċerkaturi u n-negozji rurali.

Il-kontenut taħt din is-sezzjoni jappoġġa l-iżvilupp ta' rabtiet aktar attivi mal-membri tal-komunità tal-iżvilupp rurali li huma involuti jew interessati fir-riċerka u l-innovazzjoni – irrispettivament minn jekk ikunux innovaturi, riċerkaturi, finanzjaturi jew utenti finali tar-riċerka. Huwa jipprovdi informazzjoni li tvarja minn korpi tal-UE li jiffukaw fuq proġetti ta' riċerka u innovazzjoni għal studji rilevanti, publikazzjonijiet, eċċ.

#### *Organizzazzjonijiet*

[Firxa wiesgħa ta' istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet](#) huma involuti biex jappoġġaw innovazzjoni relatata mal-iżvilupp rurali fl-UE. Dan jinkludi korpi u servizzi rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll organizzazzjonijiet indipendenti mingħajr skop ta' qligħ u s-settur privat. Is-[sit elettroniku tal-ENRD](#) jipprovdi aktar informazzjoni dwar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' għażla minn dawn l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet.

#### *Agrikoltura*

[Hawnhekk](#) issib links għal istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet kif ukoll proġetti u inizjattivi relatati mat-temi tal-agrikoltura, il-kompetittività u l-ekonomija rurali aktar wiesgħa, il-ktajjen alimentari u l-ġestjoni tar-riskju. Hija tinkludi wkoll artikli, studji ta' riċerka, rapporti, eċċ. li jistgħu japprofondixxu l-għarfien u l-fehim tal-innovazzjoni. Tista' ssib informazzjoni kemm dwar [proġetti u inizjattivi](#), kif ukoll dwar [studji, artikli, u riċerka rilevanti](#).

#### *Ambjent*

[Hawnhekk](#) issib links għal istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet kif ukoll proġetti u inizjattivi li jirrigwardaw innovazzjoni rilevanti għall-ambjent u l-iżvilupp rurali, it-tibdil fil-klima, l-effiċjenza fir-riżorsi u l-ġestjoni tal-ekosistemi. Hija tipprovdi wkoll lill-partijiet interessati dokumenti rilevanti u informazzjoni aġġornata, inklużi studji ta' riċerka, rapporti u artikli akkademiċi riċenti. Tista' ssib informazzjoni kemm dwar [proġetti u inizjattivi](#), kif ukoll dwar [studji, artikli, u riċerka rilevanti](#).

#### *Innovazzjoni Soċjali*

[Hawnhekk](#) issib links għal firxa ta' proġetti, inizjattivi kif ukoll informazzjoni oħra rilevanti għall-innovazzjoni soċjali.

#### *Sorsi rilevanti oħra*

[Hawnhekk](#) issib links għal dokumenti bażiċi u informazzjoni ġenerali li mhijiex speċifika għal settur jew tema fil-qasam tat-Trasferiment tal-Għarfien u l-Innovazzjoni. Ir-riżorsi jinkludu [proġetti](#), [inizjattivi](#), [dokumenti ta' politika](#), [studji](#), [artikli](#), kif ukoll [materjal awdjoviżiv](#).

## 4. LEADER

LEADER ("*Liaison Entre Actions de Développement de l'Économie Rurale*", li tfisser 'Rabtiet bejn l-ekonomija lokali u l-azzjonijiet ta' żvilupp') huwa metodu ta' żvilupp lokali, li jippermetti lill-atturi lokali li jiżviluppaw żona billi jużaw il-potenzjal ta' żvilupp endoġenu tagħha. L-approċċ LEADER jiffirma wieħed mill-erba' assi tal-Politika ta' Żvilupp Rurali 2007–2013. F'din is-sezzjoni se ssib dak kollu li trid tkun taf dwar LEADER:

- [Sett ta' Għodod ta' LEADER](#)
- [Database tal-LAGs](#)
- [Analiżi ta' LEADER](#)
- [Librerija dwar LEADER](#)
- [Avenimenti ta' LEADER](#)
- [TNC](#)

### 4.1. Sett ta' Għodod ta' LEADER

Is-[Sett ta' Għodod ta' LEADER](#) huwa mmirat prinċipalment għall-prattikanti tal-iżvilupp lokali fuq livell lokali tal-UE. Huwa għandu l-għan li jispjega l-metodoloġija minn isfel għal fuq ta' LEADER permezz ta' mezzi konkreti u prattiċi b'kitbiet, illustrazzjonijiet, intervisti, preżentazzjonijiet u proġetti ta' każijiet dokumentati matul l-istorja ta' 20 sena tal-metodu. Is-Sett ta' Għodod jista' jservi bħala ktieb ta' gwida għal xi ħadd li għadu jibda u bħala materjal ta' referenza għal żviluppatur rurali aktar avvanzat. Tista' tesplora s-sezzjonijiet li ġejjin online:

- [L-approċċ ta' LEADER](#)
  - [X'inhu LEADER?](#)
  - [Għaliex LEADER huwa speċifiku?](#)
- [Titjib tal-implimentazzjoni ta' LEADER fil-livell ta' programm](#)
  - [Introduzzjoni](#)
  - [1. Ftuħ l-Għajnejn](#)
  - [2. Titjib tal-komunikazzjoni f'LEADER](#)
  - [3. Kif tuża Grupp ta' Koordinazzjoni](#)
  - [4. Żvilupp ta' soluzzjonijiet lokali](#)
  - [5. Tagħlim minn xulxin](#)
  - [6. LEADER Imġedded](#)
  - [7. Għodod u metodi innovattivi](#)
  - [8. Nitgħallmu mill-passat: Inħarsu 'l quddiem](#)
- [It-tfassil u l-implimentazzjoni tal-Istrateġiji](#)
  - [It-Tfassil tal-Istrateġiji](#)
  - [L-Implimentazzjoni tal-Istrateġiji](#)
- [Il-Grupp ta' Azzjoni Lokali \(LAG\)](#)
  - [Kif tiffirma Grupp ta' Azzjoni Lokali ?](#)
  - [X'inhuma r-rekwiżiti bażiċi għal LAG?](#)
  - [X'inhom l-istruttura tal-LAGs?](#)
  - [X'inhom d-dmirijiet tal-Bord u tal-Persunal?](#)

### 4.2. Database tal-LAGs

Il-Gruppi ta' Azzjoni Lokali (LAGs) huma l-bażi tal-implimentazzjoni tal-approċċ LEADER. Ir-responsabbiltajiet tagħhom jinkludu l-iżvilupp ta' strateġiji lokali, l-appoġġ għan-netwerking tal-partijiet interessati u l-valutazzjoni u l-approvazzjoni ta' proġetti LEADER individwali. Is-sit elettroniku tal-ENRD fih informazzjoni dettaljata dwar il-LAGs irreġistrati operattivi fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013:

- [Tabella tal-LAGs](#)
- [Mappa tal-LAGs \[PDF !\[\]\(4c660a3c4ce1da3313488b7854f55083\_img.jpg\)](#)]

#### 4.3. Analiżi ta' LEADER

F'Novembru 2009 tnedew tliet Gruppi Fokus (GF) dwar LEADER bil-għan li jeżaminaw l-implimentazzjoni ta' LEADER madwar l-UE; sabiex jidentifikaw eżempji ta' prattika tajba li jistgħu jiġu żviluppati f'rakkomandazzjonijiet; u sabiex itejbu l-implimentazzjoni ta' LEADER. Il-Gruppi rrapportaw lis-Sottokomitat dwar LEADER u daħħlu r-risultati tagħhom f'attivitajiet oħra tal-ENRD relatati mal-implimentazzjoni u t-titjib tal-politika ta' żvilupp rurali tal-UE. It-tliet GF kienu komposti minn rappreżentanti tan-Netwerks Rurali Nazzjonali, il-Gruppi ta' Azzjoni Lokali, l-Awtoritajiet Maniġerjali u NGOs, u ko-preseduti minn NRNs jew organizzazzjonijiet differenti. Grupp Fokus dwar Strateġiji Aħjar għall-Iżvilupp Rurali li tnedja f'Mejju 2011 analizza ż-żewġ aspetti prinċipali tal-istrateġiji għall-iżvilupp lokali - l-ippjanar u l-implimentazzjoni.













































Agħfas fuq il-grupp fokus rilevanti hawn isfel għal aktar informazzjoni dwar il-mandat, il-ħidma u l-progress tiegħu:

- [FG1 - Implimentazzjoni tal-approċċ minn isfel għal fuq ta' LEADER](#)
- [FG2 - Preservazzjoni tal-karattru innovattiv/sperimentali ta' LEADER](#)
- [FG3 - Implimentazzjoni tal-"miżura ta' kooperazzjoni" f'LEADER](#)
- [FG4 - Strateġiji għal Żvilupp Lokali Aħjar](#)

#### 4.4. Librerija dwar LEADER

LEADER għandu storja twila u evolva matul perjodu ta' 20 sena. LEADER kien introdott għall-ewwel darba bħala inizjattiva pilota fl-1991 u kiber biex sar approċċ metodoloġiku standard għall-iżvilupp rurali Ewropew fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Tista' ssib aktar informazzjoni dwar LEADER II, LEADER + u l-programm LEADER attwali fid-dokumenti ta' hawn isfel:

##### LEADER 2007-2013

- Gwida tad-DĠ AGRI indirizzata lill-Awtoritajiet Maniġerjali fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Assi LEADER tal-Programmi tal-Iżvilupp Rurali 2007-2013  
[PDF                       ]
- Skeda informattiva ta' gwida bażika "L-approċċ ta' LEADER"  
[PDF                       ]
- Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni ta' LEADER matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013

##### LEADER +

Informazzjoni u dokumentazzjoni dwar l-Inizjattiva komunitarja LEADER+ (2000-2006).

- [LEADER+](#)
- [Rapport ta' Evalwazzjoni dwar LEADER+](#)



- [Arkivji/Librerija dwar LEADER+](#)

#### LEADER II

Informazzjoni u dokumentazzjoni dwar l-Inizjattiva komunitarja LEADER II (1994-1999).

- [LEADER II](#)

#### 4.5. Avvenimenti ta' LEADER

##### Avvenimenti

Tista' ssib dwar l-avvenimenti mgħoddija ta' LEADER fil-[Kalendarju tal-avvenimenti tal-ENRD](#).

Tista' ssib informazzjoni dwar l-avvenimenti mgħoddija taħt dawn il-links:

- [Kooperazzjoni 2014-2020: Bini ta' Futur Rurali Aħjar - Konferenza dwar in-Netwerking għall-Iżvilupp Rurali](#)
- [Avveniment ta' LEADER 2013: Nibnu Pontijiet għall-Ġejjieni](#)
- [Avveniment ta' LEADER 2012: Strateġiji u Kooperazzjoni għall-Iżvilupp Lokali](#)
- [Avveniment ġdid tal-LAGs](#)
- Konferenza "LEADER wara l-2013" f'Koszecin, il-Polonja [[PDF](#) [en](#)]
- L-Ewwel Suq Ewropew ta' Prodotti Lokali [[PDF](#) [en](#)]
- [Fiera dwar il-Kooperazzjoni Rurali fl-UE 2010, Edinburgh, l-Iskozja, ir-Renju Unit](#)

##### Pubblikazzjonijiet dwar LEADER

- Pubblikazzjonijiet tal-ENRD
  - [Ħarġa 11 - LEADER u l-Kooperazzjoni \(April 2012\)](#) [[PDF](#) [en](#)]
  - Fuljett tal-FAEŻR dwar eżempji ta' rabtiet tal-proġetti ma' fondi oħra tal-UE: [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [de](#) [it](#) [es](#) [pl](#)]
  - Fuljett tal-FAEŻR dwar LEADER: [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [de](#) [it](#) [es](#) [pl](#) [ee](#)]
- Pubblikazzjonijiet oħra
  - Franza: Il-Kooperazzjoni Transnazzjonali – valur miżjud għat-territorji, Auvergne [[PDF](#) [fr](#)]
  - Ir-Renju Unit: Politika Komuni dwar l-Iżvilupp Rurali, Programm Rurali tal-Carnegie UK Trust [[PDF](#) [en](#)]
  - Ir-Renju Unit: Profili tal-Proġetti, LAG ta' Northumberland Uplands [[PDF](#) [en](#)]
  - Ir-Renju Unit: L-Iżvilupp Rurali u l-Approċċ LEADER fir-Renju Unit u l-Irlanda [[PDF](#) [en](#)]

##### Immaġni ta' LEADER

- Immaġni tal-ENRD
  - [Workshop ta' LEADER għal LAGs Ġodda](#)
  - [Konferenza "LEADER wara l-2013" f'Koszecin, il-Polonja](#)
- Immaġni oħra
  - [Franza: L-Ewwel "Suq Ewropew ta' Prodotti Lokali"](#)
  - [Il-Litwanja: Proġetti dwar il-wirt Kulturali u Kulinarju "Panemuniai blossom" Fiera Internazzjonali dwar il-LAGs 25-26 ta' Mejju 2012"](#)

##### Vidjos dwar LEADER

- Vidjos tal-ENRD
  - ["LEADER 'l quddiem" - l-approċċ ta' LEADER għall-iżvilupp rurali 2012](#)
  - [Vidjo dwar 7 Karatteristiċi ta' LEADER](#)
  - [Avveniment ta' LEADER 2012: Strateġiji u Kooperazzjoni għall-Iżvilupp Rurali](#)

- Vidjos oħra
  - [Il-Finlandja: Proġett LEADER: "Amaze Me LEADER avventura internazzjonali għaż-żgħażaġħ"](#)
  - [Il-Litwanja: Implimentazzjoni tal-Istrateġija fil-LAG ta' Kaisiadorys \(bil-Litwan\)](#)
  - [Ir-Renju Unit: proġetti minn "Food on film": \[Fishy Business\]\(#\) u \[Butterfingers\]\(#\)](#)
  - [Promozzjoni tal-Bejgħ Lokali tal-Prodott Frisk](#)
  - [Il-Portugall: proġett "Ir-Razzett ta' Odelouca" \(Quinta de Odelouca\)](#)
  - [Franza: Auvergne - Il-Kooperazzjoni Transnazzjonali – valur miżjud għat-territorji](#)
  - [Il-Pajjiżi l-Baxxi, Flevoland: dokumentarju dwar tliet proġetti LEADER](#)

#### 4.6. TNC

Il-kooperazzjoni transnazzjonali u interterritorjali saru dejjem aktar importanti għall-partijiet interessati rurali. Matul LEADER II (1994-1999) u LEADER+ (2000-2006) inġabret esperjenza sostanzjali biex turi li l-kooperazzjoni hija mekkaniżmu effettiv biex jgħin liż-żoni rurali jiżviluppaw flimkien soluzzjonijiet ġodda għal kwistjonijiet komuni. Il-kooperazzjoni transnazzjonali hija aktar minn sempliċement netwerking. Hija tinkoraġġixxi u tappoġġa Grupp ta' Azzjoni Lokali sabiex iwettaq azzjoni konġunta ma' grupp ieħor ta' LEADER, jew ma' grupp li jadotta approċċ simili, f'reġjun, Stat Membru, jew saħansitra pajjiż terz ieħor. L-għan ġenerali tat-TNC huwa li tgħin lill-atturi rurali jtejbu l-potenzjal taż-żoni rurali tagħhom.

##### Gwida dwar it-TNC

Il-[Gwida dwar il-Kooperazzjoni Transnazzjonali](#) ta' LEADER hija maħsuba sabiex tipprovdi kooperazzjoni effettiva mfassla skont il-ħtiġijiet tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. L-għanijiet tagħha huma li tikkjarifika x'inhi l-kooperazzjoni u x'benefiċċji tista' ggħib; u li tippreżenta gwida pass pass komprensiva dwar it-TNC:

- Il-[Ħarsa Ġenerali tat-TNC](#) tispjega l-kunċett ta' Kooperazzjoni Transnazzjonali (TNC) u turi l-bosta benefiċċji ta' TNC effettiva.
- Is-sezzjoni [Ippjanar tat-TNC](#) toffri gwida pass pass għall-aktar aspetti kumplessi tal-ippjanar tat-TNC.
- Taħt [Implimentazzjoni tat-TNC](#) issib ħarsa ġenerali ta' aspetti komuni tal-ġestjoni ta' proġetti ta' TNC fl-istadju tal-implimentazzjoni.
- Is-[Segwitu tat-TNC](#) tipprovdi gwida għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tat-TNC, kif ukoll parir dwar il-pubblicizzar tar-riżultati tal-proġetti.

##### Informazzjoni rilevanti oħra

- Il-Gwida Amministrattiva għandha l-għan li tipprovdi għajnuna lill-Istati Membri u lil-LAGs sabiex jimplimentaw il-miżura ta' kooperazzjoni taħt l-Assi LEADER tal-Programmi tal-Iżvilupp Rurali 2007-2013  
[PDF [bg](#) [cz](#) [de](#) [dk](#) [ee](#) [el](#) [en](#) [es](#) [fi](#) [fr](#) [hu](#) [it](#) [lt](#) [lv](#) [mt](#) [nl](#) [pl](#) [pt](#) [ro](#) [se](#) [si](#) [sk](#)].
- Tista' ssib proġetti ta' TNC fid-[Database ta' Proġetti tal-PŻR](#) tal-ENRD.
- Lista ta' proġetti ta' TNC nnotifikati lill-KE hija disponibbli sabiex titniżżel [PDF [en](#)].
- Tista' taċċessa informazzjoni dettaljata dwar ir-[regoli u l-proċeduri](#) tal-Istati Membri għat-TNC.

## 5. Networks u Networking

Bħala netwerk, l-ENRD ilaqqa' flimkien varjetà ta' atturi tal-iżvilupp rurali li huma marbutin flimkien mill-impenn komuni li jappoġġaw u jmexxu 'l quddiem l-iżvilupp rurali. Esplora din is-sezzjoni biex issir taf dwar in-Netwerks Rurali Nazzjonali, li jgħaqqdu flimkien l-amministrazzjonijiet nazzjonali u l-organizzazzjonijiet lokali; l-Organizzazzjonijiet Ewropej attivi fl-iżvilupp rurali; u kif l-ENRD qiegħed jgħin sabiex jitjieb il-mod li bih jaħdmu flimkien.

Agħfas fuq il-links ta' hawn isfel biex tfittex f'din is-sezzjoni:

- [Informazzjoni dwar l-NRNs](#)
- [Gruppi ta' NRNs](#)
- [Organizzazzjonijiet tal-UE](#)
- [FARNET](#)
- [Netwerk Ewropew ta' Evalwazzjoni](#)
- [Sett ta' għodod għall-awtovalutazzjoni tal-NRN](#)
- [Valur miżjud tan-netwerking](#)
- [Sett ta' Għodod tal-NRNs](#)

### 5.1. Informazzjoni dwar l-NRNs

L-NRNs ilaqgħu flimkien varjetà ta' partijiet interessati rurali sabiex jipromwovu l-komunikazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni f'livelli reġjonali, nazzjonali u Ewropej. In-Netwerks Rurali Nazzjonali (NRN) jipprovdu link importanti fuq livell ta' Stat Membru bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali u l-organizzazzjonijiet involuti fl-iżvilupp rurali (inklużi l-Gruppi ta' Azzjoni Lokali). L-istruttura u l-organizzazzjoni tagħhom tista' tvarja, għalkemm fil-każijiet kollha r-rwol prinċipali tagħhom huwa li jappoġġaw l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politika ta' żvilupp rurali. L-NRNs ilaqgħu flimkien varjetà ta' partijiet interessati rurali sabiex jipromwovu l-komunikazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fuq livell reġjonali, nazzjonali u Ewropew. Huma jorganizzaw ukoll avvenimenti, jipproduċu varjetà ta' għodod tal-komunikazzjoni u għandhom rwol importanti fil-qsim tal-prattika tajba.

Agħfas fuq kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi fuq din il-mappa tal-UE sabiex taċċessa informazzjoni online relatata man-Netwerks Rurali Nazzjonali ta' kull Stat Membru:

|                    |   |
|--------------------|---|
| L-Awstrija         | <a href="#">Netwerk Rurali Nazzjonali</a> |
| Il-Belġju          | <a href="#">Netwerk Rurali Nazzjonali</a> |
| Il-Bulgarija       | <a href="#">Netwerk Rurali Nazzjonali</a> |
| Il-Kroazja         | <a href="#">Netwerk Rurali Nazzjonali</a> |
| Ċipru              | <a href="#">Netwerk Rurali Nazzjonali</a> |
| Ir-Repubblika Ċeka | <a href="#">Netwerk Rurali Nazzjonali</a> |
| Id-Danimarka       | <a href="#">Netwerk Rurali Nazzjonali</a> |
| L-Estonja          | <a href="#">Netwerk Rurali Nazzjonali</a> |
| Il-Finlandja       | <a href="#">Netwerk Rurali Nazzjonali</a> |
| Franza             | <a href="#">Netwerk Rurali Nazzjonali</a> |
| Il-Ġermanja        | <a href="#">Netwerk Rurali Nazzjonali</a> |
| Il-Greċja          | <a href="#">Netwerk Rurali Nazzjonali</a> |
| L-Ungerija         | <a href="#">Netwerk Rurali Nazzjonali</a> |
| L-Irlanda          | <a href="#">Netwerk Rurali Nazzjonali</a> |

|   |  |
|---|--|
| L-Italja  | <a href="#"><u>Netwerk Rurali Nazzjonali</u></a> |
| Il-Latvja   | <a href="#"><u>Netwerk Rurali Nazzjonali</u></a> |
| Il-Litwanja   | <a href="#"><u>Netwerk Rurali Nazzjonali</u></a> |
| Il-Lussemburgu  | <a href="#"><u>Netwerk Rurali Nazzjonali</u></a> |
| Malta   | <a href="#"><u>Netwerk Rurali Nazzjonali</u></a> |
| Il-Pajjiżi I-Baxxi                                      | <a href="#"><u>Netwerk Rurali Nazzjonali</u></a> |
| Il-Polonja  | <a href="#"><u>Netwerk Rurali Nazzjonali</u></a> |
| Il-Portugall  | <a href="#"><u>Netwerk Rurali Nazzjonali</u></a> |
| Ir-Rumanija   | <a href="#"><u>Netwerk Rurali Nazzjonali</u></a> |
| Is-Slovakkja  | <a href="#"><u>Netwerk Rurali Nazzjonali</u></a> |
| Is-Slovenja   | <a href="#"><u>Netwerk Rurali Nazzjonali</u></a> |
| Spanja  | <a href="#"><u>Netwerk Rurali Nazzjonali</u></a> |
| L-Isvezja   | <a href="#"><u>Netwerk Rurali Nazzjonali</u></a> |
| Ir-Renju Unit   | <a href="#"><u>Netwerk Rurali Nazzjonali</u></a> |
| Martinique, il-Gwadelup,<br>il-Gujana, Réunion (Franza) | <a href="#"><u>Netwerk Rurali Nazzjonali</u></a> |
| Canarias (Spanja)                                       | <a href="#"><u>Netwerk Rurali Nazzjonali</u></a> |
| Acores, Madeira (Il-Portugall)                          | <a href="#"><u>Netwerk Rurali Nazzjonali</u></a> |

## 5.2. Raggruppamenti ta' NRNs

In-Networks Rurali Nazzjonali minn kull Stat Membru jipparteċipaw regolarment f'laqgħat u avvenimenti organizzati fuq livell Ewropew biex jaqsmu esperjenzi u informazzjoni. Barra minn hekk, qegħdin jiffurmaw ukoll raggruppamenti ġeografiċi u tematiċi sabiex jiżviluppaw attivitajiet, jippromwovu kooperazzjoni akbar u jippromwovu l-iskambju tekniku u d-djalogo bejn in-networks.

### *Inizjattivi Tematiċi tal-NRNs*

L-Inizjattivi Tematiċi tal-NRNs ilaqqgħu flimkien NRNs b'interess komuni f'oqsma speċifiċi tal-politika ta' żvilupp rurali u l-implimentazzjoni tal-programmi. L-għan prinċipali ta' dawn l-inizjattivi huwa li l-parteċipanti tan-networks jaqsmu bejniethom għarfien u esperjenzi rilevanti dwar l-implimentazzjoni tal-programmi. Hija mogħtija prijorità lil dawk is-suġġetti li għandhom dimensjoni Ewropea u li jistgħu jkunu ta' interess għal udjenza aktar wiesgħa ta' partijiet interessati fi ħdan l-ENRD. Rappreżentanti tal-NRNs u esperti mill-Istati Membri jiskambjaw informazzjoni u jiltaqgħu f'workshops sabiex jiżviluppaw pjanijiet ta' ħidma u attivitajiet komuni bl-appoġġ u l-gwida tal-Punt ta' Kuntatt tal-ENRD.

Aktar informazzjoni dwar Inizjattivi Tematiċi preċedenti jew attivi f'dan il-mument tista' tinstab taħt is-suġġetti tematiċi ta':

- [Gateway dwar iż-Żgħażaġħ u l-Bdiewa Żgħażaġħ](#)
- [Żvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità \(CLLD\)](#)
- [Il-Forestrija](#)
- [Il-Biedja Soċjali](#)
- [L-Ikel Lokali u l-Ktajjen Qosra tal-Provvista](#)
- [Il-Finanzjament Rurali](#)
- [Gateway dwar l-Intraprenditorija Rurali](#)



### *Raggruppamenti ta' 'Skambju tal-Għarfien' ġeografiċi*

Il-promozzjoni ta' Raggruppamenti ta' 'Skambju tal-Għarfien' makroreġjonali hija inizjattiva tal-ENRD li għandha l-għan li tibni fuq id-diversità osservata fin-Netwerks Rurali Nazzjonali rigward il-prijoritajiet u l-attivitajiet, il-kapaċitajiet tekniċi u amministrattivi, il-firxa ta' servizzi u l-livelli ta' interattività tagħhom. Il-makroreġjuni huma reġjuni ġeografiċi definiti b'mod ċar li jikkonsistu – b'mod sħiħ jew parzjali - minn żewġ Stati Membri jew aktar. L-għan ġenerali li jiġu inkoraġġiti raggruppamenti makroreġjonali ta' NRNs huwa sabiex:

- Jiġu faċilitati komunikazzjoni akbar u skambju tal-għarfien aktar attiv bejn in-netwerks;
- Jiġu żviluppati l-interessi makroreġjonali komuni tan-netwerks – inkluża rabta mal-politika makroreġjonali tal-UE u strateġiji oħra;
- Jiġu promossi aktar azzjonijiet konġunti tal-NRNs – u l-kooperazzjoni transnazzjonali bejn Gruppi ta' Azzjoni Lokali - f'livell makroreġjonali;
- Tiġi promossa kultura pożittiva ta' 'tagħlim wieħed mill-ieħor' bejn netwerks ġirien.

Il-kunċett ta' Raggruppamenti makroreġjonali ta' NRNs għall-'Skambju tal-Għarfien' kien introdott u diskuss matul it-13-il laqgħa tal-NRNs li saret fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-10 ta' Novembru 2011. Għal aktar informazzjoni aġġfas [hawnhekk](#). Hemm żewġ raggruppamenti ta' 'skambju tal-għarfien' bejn l-NRNs, ir-raggruppament Nordiku-Baltiku u r-raggruppament tal-Mediterran.

### *Raggruppament Nordiku-Baltiku*

Ir-raggruppament Nordiku-Baltiku huwa kompost minn NRNs mid-Danimarka, l-Isvezja, il-Finlandja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u l-Ġermanja. Huwa raggruppament attiv li jiltaqa' regolarment (darbtejn fis-sena), jippjana l-attivitajiet konġunti tiegħu u għandu rwol dejjem aktar attiv fir-rigward tal-komponenti tal-iżvilupp rurali tal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku (EUSBSR).

Għal aktar informazzjoni dwar ir-raggruppament Nordiku-Baltiku ta' NRNs aġġfas [hawnhekk](#).

Xi tagħlimiet ewlenin miksubin mir-raggruppament Nordiku-Baltiku huma:

- In-netwerks huma ferm aktar probabbli li jaħdmu b'mod effettiv u jikkooperaw flimkien - kif ukoll li jitgħallmu mill-esperjenzi ta' xulxin - meta jaqsmu storja komuni, identità komuni, kultura komuni, kwistjonijiet komuni, eċċ.
- Il-komunikazzjoni bejn in-netwerks titjeb b'mod sostanzjali b'laqgħat regolari (darbtejn fis-sena) iffukati fuq kwistjonijiet makroreġjonali speċifiċi, eż. l-ippjanar konġunt ta' avvenimenti reġjonali komuni. Il-laqgħat regolari huma ferm aktar faċli meta d-distanzi tal-ivvjaġġar ikunu iqsar;
- Huwa wkoll ferm aktar faċli li tinvolvi partijiet interessati oħra (eż. Awtoritajiet Maniġerjali, promoturi ta' proġetti, netwerks tas-sajd u FLAGS) fi djalogu siewi meta l-laqgħat ikunu relatati ma' aġenda makroreġjonali speċifika;
- L-importanza ta' "ħbiberija tajba" m'għandhiex tiġi sottovalutata. In-netwerks fit-3 Stati Baltiċi enfasizzaw b'mod partikolari l-importanza tal-fiduċja fl-esperjenza u l-opinjoni tal-ġirien tagħhom fl-Istati Membri l-qodma. Dan kien partikolarment importanti matul il-fażijiet bikrija tal-istabbiliment u l-iżvilupp tan-netwerks, iżda kien ukoll mistenni li jissokta hekk kif in-netwerks jevolvu u jimmaturaw;
- Il-kooperazzjoni reġjonali tista' tippromwovi, tinkuba, tiżviluppa u tinforza viżjonijiet komuni li jaqsmu l-fruntieri nazzjonali u organizzattivi.

### *Raggruppament tal-Mediterran*

Ir-raggruppament tal-Mediterran huwa kompost min-Netwerks Rurali Nazzjonali tal-Italja, il-Greċja, Franza, Spanja, il-Portugall, Ċipru u Malta. Dawn l-Istati Membri organizzaw [l-ewwel laqgħa](#) f'Salonka fl-1 ta' Frar 2012 biex jaqsmu esperjenzi dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri 123, 132 u 133 tal-Assi 1 tal-PŻR u biex jiddibattu dwar l-esperjenzi nazzjonali u l-programmazzjoni futura tal-UE.

It-[tieni laqgħa](#) saret fis-17 ta' Ottubru 2012 f'Nikosija. Parti importanti mil-laqgħa kienet iddedikata wkoll għall-qsim tal-għarfien u l-esperjenzi dwar il-ktajjen qosra tal-provvista.

### **5.3. Organizzazzjonijiet tal-UE**

L-ENRD fittex li jinvolvi ruħu b'mod attiv u jestendi l-aċċess għal netwerks rilevanti kollha kemm jista' jkun possibbli, b'enfasi partikolari fuq l-istabbiliment ta' rabtiet proattivi li jippermettu skambju ta' informazzjoni dwar l-attivitajiet u l-outputs bejn l-ENRD u netwerks rilevanti oħra dwar kwistjonijiet rilevanti għall-effikaċja u l-iżvilupp effiċjenti tal-politika ta' żvilupp rurali tal-UE.

#### *Grupp Konsultattiv tad-DĠ AGRI dwar l-Iżvilupp Rurali*

Id-DĠ AGRI stabbilixxa Grupp Konsultattiv dwar l-Iżvilupp Rurali sabiex ilaqqa' flimkien rappreżentanti tad-diversi organizzazzjonijiet stabbiliti fuq livell tal-UE li għandhom interessi soċjali, ekonomiċi u/jew ambjentali fl-iżvilupp rurali fi ħdan l-UE. Dan il-Grupp Konsultattiv jippermetti lill-Kummissjoni Ewropea li ssir taf bil-firxa ta' opinjonijiet li organizzazzjonijiet differenti jkollhom dwar l-iżvilupp rurali. Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta lill-grupp dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-politika ta' żvilupp rurali. Il-president tal-Grupp Konsultattiv jista' jipproponi wkoll oqsma għall-konsultazzjoni dwar suġġetti li jaqgħu taħt il-kompetenza tiegħu.

Il-Kummissjoni mhijiex marbuta mill-opinjonijiet tal-Grupp, iżda teħodhom b'mod serju ħafna u tinforma lill-membri tal-Grupp dwar l-azzjoni tagħha bi tweġiba għalihom. Il-Grupp Konsultattiv jista' wkoll, bi ftehim mal-Kummissjoni, jistabbilixxi gruppi ta' ħidma sabiex jiffaċilita l-ħidma tiegħu. L-interessi prinċipali rappreżentati fi ħdan il-Grupp Konsultattiv jinkludu:

- Il-Bdiewa, il-Kooperattivi u Organizzazzjonijiet Agrikoli oħra
- In-Negożjanti
- L-Industrija
- Il-Ħaddiema
- Il-Konsumaturi
- L-Ambjentalisti
- Organizzazzjonijiet ta' Partijiet Interessati Rurali oħra

Informazzjoni dettaljata dwar l-organizzazzjonijiet parteċipanti hija disponibbli [online](#).

#### *Membri ta' Organizzazzjonijiet Ewropej fil-Kumitat ta' Koordinazzjoni tal-ENRD*

Dawn l-organizzazzjonijiet mill-UE ġew magħżula minn fost il-membri tal-Grupp Konsultattiv tad-DĠ AGRI dwar l-Iżvilupp Rurali sabiex jipparteċipaw fil-Kumitat ta' Koordinazzjoni tal-ENRD:

- [L-Assemblea tar-Reġjuni Ewropej \(AER\)](#)
- [Birdlife Ewropa](#)
- [Il-Kunsill tal-Muniċipalitajiet u r-Reġjuni Ewropej \(CCRE/CEMR\)](#)
- [Il-Konfederazzjoni tas-Sidien tal-Foresti Ewropej \(CEFP\)](#)

- [Il-Kunsill Ewropew tal-Bdiewa Żgħażaġħ \(CEJA\)](#)
- [Il-Kumitat tal-Organizzazzjonijiet Agrikoli Professionali \(COPA\) u l-Kumitat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Agrikola fl-Unjoni Ewropea \(COGECA\) – ħafna drabi ssir referenza għalihom b'mod konġunt bħala COPA-COGECA](#)
- [Il-Federazzjoni Ewropea tat-Trejdjunjins tal-Ikel, l-Agrikoltura u t-Turiżmu \(EFFAT\)](#)
- [L-Assoċjazzjoni LEADER Ewropea għall-Iżvilupp Rurali \(ELARD\)](#)
- [L-Organizzazzjoni Ewropea tas-Sidien tal-Art \(ELO\)](#)
- [L-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Iżvilupp tat-Territorji Muntanjużi \(EUROMONTANA\)](#)
- [In-Netwerk PREPARE](#)
- [L-Assoċjazzjoni Ewropea dwar ir-Ruralità-Ambjent-Żvilupp \(RED\)](#)

#### 5.4. FARNET

L-Assi ta' Prijorità 4 tal-Fond Ewropew għas-Sajd (FES) jipprovdi appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd. B'mod partikolari, huwa jappoġġa miżuri għall-promozzjoni tad-diversifikazzjoni ekonomika (turiżmu, ikel, enerġija rinnovabbli, eċċ.) u t-titjib fil-kwalità tal-ħajja fiż-żoni affettwati minn tnaqqis fl-attivitajiet tas-sajd. Innovazzjoni importanti fl-implimentazzjoni tal-Assi 4 tal-FES hija l-enfasi fuq approċċ tat-tip ta' LEADER li jinkoraġġixxi fokus fuq oqsma speċifiċi u jfittex li jimmobilizza atturi lokali mis-setturi kollha (pubbliċi, privati u s-soċjetà ċivili) biex jaħdmu flimkien bħala "Gruppi ta' Azzjoni Lokali dwar is-Sajd" (FLAGs) sabiex ifasslu u jimplimentaw strateġiji integrati għall-iżvilupp lokali.

Wieħed u għoxrin Stat Membru qegħdin jimplimentaw l-Assi ta' prijorità 4 tal-PES u huwa mistenni li se jinħolqu mill-anqas 250 FLAG madwar l-UE. Dawn il-gruppi kienu inkoraġġiti jitgħallmu mingħand xulxin permezz ta' kooperazzjoni interreġjonali u transnazzjonali. L-investiment pubbliku totali (FES + kontribuzzjonijiet pubbliċi oħra) taħt l-Assi 4 għall-perjodu 2007-2013 kien ta' €826.6 miljun. L-Unità ta' Appoġġ għal FARNET kienet stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea sabiex tassisti fl-implimentazzjoni ta' miżuri tal-UE għall-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd, b'enfasi partikolari fuq l-Assi 4 tal-FES. L-Unità ta' Appoġġ serviet bħala pjattaforma għan-netwerking bejn iż-żoni tas-sajd u tappoġġa u tiggwida l-FLAGs fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet lokali għall-isfidi li qegħdin jiffaċċjaw iż-żoni tas-sajd Ewropej.

Agħfas [hawn](#) għal aktar informazzjoni dwar il-ħidma tan-Netwerk Ewropew dwar iż-Żoni tas-Sajd (FARNET).

#### 5.5. [Netwerk Ewropew ta' Evalwazzjoni](#)

In-Netwerk Ewropew ta' Evalwazzjoni għall-Iżvilupp Rurali jopera taħt ir-responsabbiltà tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikola u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni Ewropea. Huwa għandu l-għan li jżid is-siwi tal-evalwazzjoni bħala għodda għat-titjib tal-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki ta' żvilupp rurali billi jgħin sabiex jiġu stabbiliti prattika tajba u bini tal-kapaċità fl-evalwazzjoni tal-programmi ta' żvilupp rurali sal-2013.

In-Netwerk huwa miftuħ għal kull min għandu x'jaqsam mal-evalwazzjoni tal-programmi u l-miżuri tal-iżvilupp rurali fl-UE. Dan jinkludi l-evalwaturi tal-iżvilupp rurali, il-ġesturi tal-programmi, dawk li jfasslu l-politika, l-akkademiċi u r-riċerkaturi, u esperti oħra. Tista' tniżżel il-fuljett ta' preżentazzjoni f'format PDF [[PDF](#) [en](#) [fr](#) [de](#) ].

### 5.6. Sett ta' għodod għall-awtovalutazzjoni tal-NRNs

Din ir-riżorsa tippermetti lill-utenti li jimmonitorjaw il-progress u jivvalutaw il-prestazzjoni tal-attivitajiet ta' netwering ġeneralment imwettqa mill-NRNs billi jużaw firxa ta' approċċi, tekniki u "għodod" prattiċi differenti.

L-awtovalutazzjoni mhijiex obligu. Hija attività volontarja għall-ġesturi ta' netwerks u membri ta' netwerks li jridu jifhemu jekk in-netwerk tagħhom hux qiegħed jaħdem b'mod sħiħ u effettiv lejn l-għanijiet tiegħu. Il-fokus prinċipali tal-awtovalutazzjoni tal-NRNs huwa l-kejl u l-valutazzjoni tal-outputs u r-riżultati tan-netwering. Bħala tali hija differenti mill-evalwazzjoni li, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005, trid titwettaq minn evalwaturi indipendenti sabiex jiġi pprovdut ġudizzju dwar l-effikaċja tal-interventi skont ir-riżultati u l-impatt tagħhom u l-ħtiġijiet li jkollhom l-għan li jissodisfaw. L-evalwazzjoni teżamina: il-grad ta' użu tar-riżorsi; l-effikaċja u l-effiċjenza tal-programmazzjoni, l-impatt soċjoekonomiku u ambjentali, kif ukoll il-kontribut sabiex jintlaħqu l-prijoritajiet tal-Komunità.

Is-Sett ta' Għodod dwar l-Awtovalutazzjoni jinkludu ħames sezzjonijiet differenti:

- [Noti dwar l-awtovalutazzjoni tal-NRNs](#): Deskrizzjoni fil-qosor tal-istruttura, il-kontenut u l-għan tas-sett ta' għodod dwar il-valutazzjoni tal-NRNs.
- [Profili tal-awtovalutazzjonijiet tal-NRNs](#): Eżempji tal-approċċ li NRNs magħżula ħadu għall-awtovalutazzjoni (b'dokumenti prinċipali ta' sostenn).
- [Għodod prattiċi għall-awtovalutazzjoni tal-NRNs](#): Eżempji prattiċi u pariri dwar l-għodod eżistenti u potenzjali għall-awtovalutazzjoni tal-NRNs.
- [Ħarsa lil hinn mill-awtovalutazzjoni tal-NRNs](#): Ispirazzjoni potenzjali għal approċċi aktar avanzati għall-valutazzjoni tal-attivitajiet tal-NRNs.
- Programm ta' taħriġ għall-NSUs: Programm ta' taħriġ imniedi sabiex jibda proċess ta' skambju u tagħlim bejn il-pari.

### 5.7. Il-valur miżjud tan-netwering

Il-valur tan-netwering għall-politika tal-iżvilupp rurali huwa rrikonoxxut b'mod estensiv u hemm dejjem iktar opinjonijiet informati li jaqblu dwar l-effikaċja tan-netwerks rurali biex jinvolvu l-partijiet interessati u biex jipromwovu l-implimentazzjoni tal-Programmi tal-Iżvilupp Rurali (PŻR).

#### *Azzjonijiet konġunti tal-NRNs*

In-Netwerks Rurali Nazzjonali (NRNs) ġabru flimkien ir-riżorsi tagħhom sabiex jiżviluppaw din ir-riżorsa bbażata fuq l-internet li turi l-istat attwali tal-għarfien dwar il-valur miżjud tan-netwering fil-politika tal-iżvilupp rurali. Il-metodoloġija komuni proposta mill-ENRD tiffoka fuq: a) statistika komuni dwar in-netwerks; u b) stejjer ta' suċċess tan-netwerks. L-għan ta' dan l-approċċ huwa li tingħata ħarsa lejn x'qegħdin jagħmlu l-NRNs u lejn dak li l-manijers tal-Unitajiet ta' Appoġġ għan-Netwerks jifhemu bis-suċċess relattiv ta' dawn l-attivitajiet. Barra minn hekk, is-[sett ta' għodod dwar l-awtovalutazzjoni tal-NRNs](#) jippermetti lill-NRNs li jippreżentaw u jiskambjaw informazzjoni dwar il-firxa ta' approċċi, tekniki u għodod prattiċi differenti li jużaw sabiex jimmonitorjaw il-progress u jivvalutaw il-prestazzjoni tal-attivitajiet ta' netwering.

#### *L-inizjattiva tal-istatistika komuni dwar in-netwerks*

L-inizjattiva tal-istatistika komuni dwar in-netwerks tnediet sabiex tipprovi informazzjoni dwar l-outputs żviluppanti u l-indikaturi kwantitattivi tal-outputs użati mill-NRNs. F'April tal-2012 wasal l-ewwel sett ta' dejta mill-NRNs parteċipanti. Dan iffoka fuq erbgħa mis-sitt elementi prinċipali tan-



netwerking: l-involvement effettiv tal-partijiet interessati permezz tal-komunikazzjonijiet tan-netwerks, l-iskambju tal-esperjenzi u l-għarfien rilevanti, il-bini tal-kapaċità u t-taħriġ, u l-appoġġ għall-kooperazzjoni u l-azzjonijiet konġunti. Dawn ir-riżultati kwantitattivi jenfasizzaw il-livell għoli ta' involvement tal-partijiet interessati u ta' żvilupp miksub mill-NRNs.

Aktar informazzjoni disponibbli li tista' titniżżel:

- Rapport ta' Sinteżi tal-Istatistika Komuni dwar in-Netwerks (tal-2013) [[PDF](#) [en](#) ]
- Sommarju tar-Riżultati dwar l-Istatistika Komuni (tal-2012) [[PDF](#) [en](#) ]
- Ħarsa ġenerali tal-eżerċizzju dwar l-istatistika komuni [[PDF](#) [en](#) ]

#### *Rapport dwar l-immappjar tal-NRNs*

Dawn id-dokumenti jirrappurtaw dwar l-eżerċizzju ta' mmappjar tal-NRNs, li permezz tiegħu nġabret informazzjoni dwar il-pajjiż minn kull Stat Membru tal-UE. Ir-rapporti jesploraw it-tipi differenti ta' strutturi tal-NRNs u jfittxu li jidentifikaw raggruppamenti ta' netwerks fuq il-bażi tal-attivitajiet tagħhom jew il-metodoloġiji u l-għodod li jużaw.

Aktar informazzjoni disponibbli sabiex titniżżel:

- Sejbiet tal-eżerċizzju ta' mmappjar tal-NRNs 2013: Rapport ta' sinteżi finali [[PDF](#) [en](#) ]
- Sejbiet tal-eżerċizzju ta' mmappjar tal-NRNs 2011: Rapport ta' sinteżi finali [[PDF](#) [en](#) ]

#### *Dokument ta' ħidma dwar il-programmi tal-NRNs*

L-għan tad-dokument ta' ħidma żviluppat min-[Network Ewropew ta' Evalwazzjoni \(EEN\)](#) huwa li jappoġġa l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-evalwazzjoni, li jesplora l-isfidi fl-evalwazzjoni tan-netwerks u li jissottolinja l-approċċi użati. Huwa bbażat fuq l-esperjenza ta' erba' NRNs. Agħfas hawnhekk biex tniżżlu [[PDF](#) [en](#)].

#### *Reviżjoni tal-letteratura*

Din ir-reviżjoni tipprovdi sinopsi dwar il-'valur miżjud' tan-netwerking kif identifikat mil-letteratura akkademika. Hija tesplora suġġetti bħal kif in-netwerks u n-netwerking iżidu l-valur, l-ostakoli għall-iżvilupp u l-fehim ta' dan il-valur miżjud u kif il-benefiċċji tan-netwerking jistgħu jitkejlu b'mod aktar effettiv. Agħfas hawn biex tniżżel ir-reviżjoni tal-letteratura [[PDF](#) [en](#)].







#### *Il-valur miżjud tan-netwerking – Esperjenzi min-netwerks*

Sabiex jipprovdu informazzjoni aktar dettaljata dwar il-valur miżjud tan-netwerking, l-NRNs ipprovdu bosta eżempji tal-ħidma li jwettqu. Dawn kienu pprovdu fil-forma ta' 'Stejjer tal-Valur Miżjud tan-Netwerking' li hija taħlita ta' eżempji ta' prattika tajba, stejjer ta' suċċess, esperjenza rilevanti u studji ta' każijiet. Dawn l-istejjer ġew ikklassifikati skont it-tip u skont l-elementi prinċipali ta' netwerking li wasslu:

- [Involvement effettiv tal-partijiet interessati](#)
- [Żvilupp ta' fehim komuni tal-politiki](#)
- [Faċilitar tal-iskambju ta' prattiki u esperjenza](#)
- [Skambju ta' esperjenza u għarfien](#)
- [Bini tal-kapaċità u taħriġ](#)
- [Appoġġ għall-kooperazzjoni u l-azzjonijiet konġunti](#)

#### *Studji ta' każijiet*

- In-netwerks rurali fir-Renju Unit [[PDF](#) [en](#) ]
- Il-kooperazzjoni bilaterali bejn l-Ungerija u l-Polonja [[PDF](#) [en](#) ]

- In-netwerking minn isfel għal fuq madwar il-Baħar Baltiku [PDF  ]
- Il-proċess ta' awtovalutazzjoni fil-Belġju-Walloon [PDF  ]
- Kamp dwar l-Innovazzjoni Rurali fil-Finlandja [PDF  ]
- Ir-Road Show dwar iż-Żgħażaġħ madwar id-Danimarka [PDF  ]
- Workshops tematiċi fl-Iskozja [PDF  ]
- Ippremjar tas-suċċess ta' proġetti fl-Estonja [PDF  ]

### 5.8. Sett ta' għodod dwar l-NRNs

Din ir-riżorsa online għandha l-għan li tindirizza l-ħtiġijiet ta' informazzjoni / gwida tal-unitajiet ta' appoġġ għan-netwerks (NSUs), l-Awtoritajiet Maniġerjali (MAs) u partijiet interessati rilevanti oħra tal-NRNs sabiex isaħħu u jtejbu n-netwerks rurali ffinanzjati mill-FAEŻR.

#### Prinċipji u Prattika tan-Netwerking

Din is-sezzjoni tas-'Sett ta' għodod dwar l-NRNs' hija kollha dwar il-prinċipji u l-prattika tan-netwerking. Fiha għandek issib kitba ta' spjegazzjoni, kaxxi ta' informazzjoni u links għal riżorsi u aktar qari dwar l-isfond għal, u kwistjonijiet ewlenin għall-istabbiliment u t-tmexxija tan-netwerks rurali ffinanzjati mill-FAEŻR meħtieġa kemm fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 kif ukoll f'dak li jmiss 2014-2020. Agħfas fuq kwalunkwe waħda mil-links biex tikseb aktar informazzjoni online.

- [Definizzjonijiet u d-Diversità tan-Netwerks](#)

Jingħad ħafna dwar in-netwerks u n-netwerking fil-ħajjiet professjonali u privati tagħna. Iżda xi jfissru eżattament in-netwerks u n-netwerking għall-iżvilupp rurali u l-politika ta' żvilupp rurali? Is-sottosezzjonijiet li ġejjin jagħtu ħarsa ġenerali ta' introduzzjoni u għandhom l-għan li jiċċaraw xi kunċetti prinċipali importanti dwar l-użu tan-netwerks bħala għodda tal-politika ta' żvilupp rurali.

- [In-netwerks u n-netwerking rurali](#)
- [In-netwerks bħala għodda tal-politika ta' żvilupp rurali](#)
- [Turija tal-valur miżjud tan-netwerks rurali](#)
- [In-Netwerks Rurali Nazzjonali – id-diversità tal-approċċi](#)

- [Stabbiliment tan-Netwerk](#)

L-istabbiliment ta' Network Rurali Nazzjonali jeħtieġ ippjanar bir-reqqa u l-aħjar li jsir huwa pass pass. Is-sottosezzjonijiet li ġejjin jagħtu ħarsa ġenerali ta' introduzzjoni dwar il-kunċetti prinċipali, id-deċiżjonijiet strateġiċi ewlenin u kwistjonijiet relatati mal-ġestjoni kontinwa:

- [Kjarifika ta' xi kunċetti: L-NSUs, l-NRNs u n-Netwerking](#)
- [L-istruttura u l-arranġament operattiv](#)
- [Żvilupp tal-qafas strateġiku u l-loġika tal-interventi](#)
- [Il-baġits u l-finanzjament](#)
- [Il-ġestjoni tan-netwerk u l-mandat operattiv](#)
- [Il-parteciċipazzjoni u r-rappreżentanza tal-partijiet interessati](#)

#### Nibnu fuq it-tagħlimiet miksuba

Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 kienet żviluppata diversità u profondità ta' esperjenza konsiderevoli fin-Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (ENRD) u n-Netwerks Rurali Nazzjonali (NRNs) u hemm bosta tagħlimiet importanti u siewja x'jinkisbu u li wieħed jista' jibni

fuqhom għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss 2014-2020. Hemm ukoll tagħlimiet rilevanti x'jittieħdu minn networks oħra – kemm iffinanzjati mill-UE kif ukoll mhux iffinanzjati mill-UE.

Is-sottosezzjonijiet li ġejjin jipprovdu informazzjoni dwar dawn it-tagħlimiet miksuba:

- [Tagħlimiet mill-ENRD](#)
- [Tagħlimiet mill-NRNs](#)
- [Tagħlimiet minn networks oħra](#)

Tista' ssibha utli wkoll li tirreferi għall-esperjenzi u t-tagħlimiet preċedenti miksuba min-netwerking fil-programm LEADER+ [[PDF eni](#)].

#### *Preparazzjoni għall-futur*

L-esperjenza tan-netwerking rurali kienet pożittiva. Hija offriet sors utli ta' informazzjoni, ideat u kuntatti. Hija appoġġat diversi skambji, kooperazzjoni, u żvilupp tal-għarfien fuq livell kemm nazzjonali kif ukoll tal-UE. Hija ffaċilitat djalogu ġdid għal implimentazzjoni aħjar tal-politika - u inkoraġġiet governanza aktar parteċipattiva tal-politika. U dan kollu b'kost relattivament baxx.

Madankollu, matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 intwera wkoll li l-bini ta' rabtiet durabbli bejn l-amministrazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet u atturi individwali jieħu ż-żmien. L-involvement tal-atturi f'forum ġodda ta' djalogu jeħtieġ riżorsi umani ddedikati, għodod ta' komunikazzjoni adattati sewwa, u strutturi organizzattivi effiċjenti. Għalhekk, il-progress magħmul mill-ħolqien tan-Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (ENRD), in-Netwerk Ewropew ta' Evalwazzjoni għall-Iżvilupp Rurali u n-Netwerks Rurali Nazzjonali (NRNs) fl-2008 irid jissokta u jiġi konsolidat sabiex jinkiseb il-massimu min-netwerking bħala għodda tal-politika ta' żvilupp rurali.

Barra minn hekk, il-politika ta' żvilupp rurali qiegħda tevolvi lejn politika saħansitra aktar orjentata lejn ir-riżultati, b'aktar fokus fuq l-għanijiet komuni tal-UE u miri kondiviżi. Il-programmi tal-iżvilupp rurali tal-ġejjieni jridu joperaw f'oqsma speċifiċi ħafna, bħall-kompetittività tat-tipi kollha ta' agrikoltura, il-vijabilità tal-irziezet, il-promozzjoni tal-organizzazzjoni tal-katina alimentari u l-ġestjoni tar-riskju fl-agrikoltura, l-istabbiliment mill-ġdid, il-preservazzjoni u t-titjib tal-ekosistemi, l-użu effiċjenti tal-ilma u l-enerġija, il-bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u reżistenti għall-klima, il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp rurali fiż-żoni rurali. Huma jridu jipromwovu wkoll l-innovazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien f'dawn l-oqsma. Xi wħud minn dawn l-oqsma se jkunu kompletament ġodda għall-ENRD u l-NRNs.

Aktar minn qatt qabel, dawn l-aspettattivi ambizzjużi se jkunu jeħtieġu komunikazzjoni u koordinazzjoni tajba bejn l-atturi tal-politika fil-livelli kollha, kif ukoll il-kapaċità li jintwerew ir-riżultati miksuba. In-netwerking għalhekk se jibqa' funzjoni importanti ħafna kemm sabiex jiġi estiż kif ukoll sabiex jissaħħaħ ir-rwol tiegħu bħala għodda tal-politika ta' żvilupp rurali.

Sib aktar dwar il-[perspettiva għan-netwerking fl-2014-2020](#).

#### *Programm ta' Taħriġ għall-NSUs*

Kien iġġenerat ammont kbir ta' għarfien u esperjenza Prattika minn mindu saru operattivi l-ewwel Networks Rurali Nazzjonali (NRNs) iffinanzjati mill-FAEŻR fil-bidu tal-2007. Kien hemm bosta stejjer ta' suċċess ta' networks - u f'it fallimenti wkoll. Inkisbu tagħlimiet importanti dwar l-użu tan-netwerking bħala għodda tal-politika ta' żvilupp rurali u wieħed għandu jikkapitalizza fuqhom sabiex jittjiebu l-ġestjoni u l-operat tan-networks fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

Għalhekk għe organizzat Programm ta' Taħriġ Pilota għall-NSUs mill-Punt ta' Kuntatt tal-ENRD matul Jannar – Ġunju 2013 biex jibda proċess ta' taħlim u skambju bejn il-pari biex jgħin sabiex tinbena l-kapaċità tal-Unitajiet ta' Appoġġ għan-Nerwerks (NSUs) sabiex iwettqu b'mod effettiv il-kompiti u l-attivitajiet tagħhom. It-taħlim u l-iskambju bejn il-pari jinvolvi l-ksib ta' għarfien, ħiliet u esperjenza permezz tal-għajjnuna u l-appoġġ attiv fi ħdan grupp ta' persuni ugwali minn kuntest soċjali / professjonali simili. Il-proċess u l-attivitajiet ta' taħriġ huma appoġġati minn faċilitatur li l-funzjoni tiegħu hija li jgħin lill-parteciċipanti jgħaddu minn varjetà ta' attivitajiet u esperjenzi ta' taħlim.

Kienu organizzati tliet Moduli tat-Taħriġ Pilola għall-NRNs sabiex jiġu ttestjati l-approċċi u l-ħtiġijiet tal-NRNs sabiex jipparteciċipaw f'aktar attivitajiet ta' bini tal-kapaċità. Għad-dettalji ta' kull modulu agħfas fuq il-links ta' hawn taħt:

- [Modulu 1 tat-Taħriġ Pilola għall-NSUs](#)  
Tema: *Kwistjonijiet tal-Ippjanar Strateġiku għall-NRNs*  
19-20 ta' Frar 2013, Budapest, l-Ungerija
- [Modulu 2 tat-Taħriġ Pilola għall-NSUs](#)  
Tema: *Prattikar tal-Metodu RICA / Żieda tal-Involviment tal-Partijiet Interessati*  
14 ta' Marzu 2013, Åre, l-Isvezja
- [Modulu 3 tat-Taħriġ Pilola għall-NSUs](#)  
Tema: *Il-Komunikazzjoni fin-Netwerking*  
7 ta' Ġunju 2013, Tomar, il-Portugall

F'Lulju 2013 saret evalwazzjoni tal-Programm ta' Taħriġ Pilota għall-NSUs [Hyperlink: [http://enrd.ec.europa.eu/app\\_templates/enrd\\_assets/pdf/nrn-toolkit/Pilot\\_NSU\\_Training\\_Programme\\_-\\_FINAL\\_Evaluation\\_Report.pdf](http://enrd.ec.europa.eu/app_templates/enrd_assets/pdf/nrn-toolkit/Pilot_NSU_Training_Programme_-_FINAL_Evaluation_Report.pdf)]. Skont l-evalwazzjoni tal-Programm ta' Taħriġ Pilota għall-NSUs, il-moduli dwar it-taħriġ bejn il-pari rnexxew ħafna, u kien hemm appoġġ kbir mill-NSUs sabiex attivitajiet simili jkomplu. Fuq il-bażi ta' dawn il-kummenti, il-moduli ta' taħriġ issoktaw minn Settembru 2013. Aktar dettalji dwar il-moduli ta' taħriġ varati ġodda jista' jinstab billi tagħfas fuq il-links ta' hawn taħt:

- [Modulu 4 tat-Taħriġ għall-NSUs](#)  
Tema: *Ippjanar tar-Riżorsi għall-NRNs*  
13 ta' Settembru 2013, Gdansk, il-Polonja



## 6. Pubblikazzjonijiet u l-Midja

L-ENRD joffri firxa ta' pubblikazzjonijiet u midja oħra, li juru l-politika ta' żvilupp rurali fl-azzjoni. Is-sensjela ta' pubblikazzjonijiet tagħna, li hija mfasla sabiex tinforma firxa ta' udjenzi dwar dak li qiegħed jiġri fl-Ewropa rurali u l-ħidma tal-ENRD, tissintetizza s-sejbiet tar-riċerka, tanalizza l-iżviluppi tal-politika, tipprovdi gwida u rakkomandazzjonijiet, u tgħid lin-nies komuni stejjer mill-Ewropa rurali. Il-pubblikazzjonijiet tal-ENRD huma ġeneralment disponibbli f'sitt lingwi (DE, EN, ES, FR, IT, PL). Huma jistgħu jitniżżlu f'format PDF mis-[sit elettroniku tal-ENRD](#) jew jiġu ordnati f'forma stampata.

### **6.1. Reviżjoni Rurali tal-UE**

Ir-[Reviżjoni Rurali tal-UE](#) hija rivista tematika, b'suġġetti u intuwi rilevanti għall-partijiet interessati kollha tal-ENRD. Hija tindirizza l-aktar suġġetti aġġornati fl-iżvilupp rurali tal-UE u tipprovdi ħafna eżempji dwar kif qed jiġi implimentat fl-Ewropa sħiħa. Fis-[sit elettroniku tal-ENRD](#) tista' ssib informazzjoni dettaljata għal kull ħarġa u tniżżilhom f'format PDF. Ir-*Reviżjoni Rurali* hija disponibbli bl-Ingliż, Franċiż, Ġermaniż, Taljan, Spanjol u Pollakk.

Ħarġiet disponibbli:

- Ħarġa 17 - Il-Biedja Familjari - Novembru 2013
- Ħarġa 16 - It-Trasferiment tal-Għarfien u l-Innovazzjoni fil-Politika ta' Żvilupp Rurali - Mejju 2013
- Ħarġa 15 - Il-Kunsenja ta' Servizzi Ambjentali permezz tal-Politika ta' Żvilupp Rurali - April 2013
- Ħarġa 14 - In-Netwerks u n-Netwerking fil-Politika ta' Żvilupp Rurali - Diċembru 2012
- Ħarġa 13 - Strumenti Finanzjarji għall-Iżvilupp Rurali: Opportunitajiet ġodda sabiex tiġi indirizzata l-kriżi ekonomika - Ottubru 2012
- Ħarġa 12 - L-Ikel Lokali u l-Ktajjen Qosra tal-Provvista - Lulju 2012
- Ħarġa 11 - LEADER u l-Kooperazzjoni - April 2012
- Ħarġa 10 - L-Intraprenditorija Rurali - Jannar 2012
- Ħarġa 9 - Il-forestrija u l-iżvilupp rurali - Novembru 2011
- Ħarġa 8 - Il-kwalità tal-prodotti agrikoli: fattur ta' suċċess għaż-żoni rurali tal-UE - Lulju 2011
- Ħarġa 7 - Il-Prodotti Pubbliċi u l-Iżvilupp Rurali - Marzu 2011
- Ħarġa 6 - L-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali - Diċembru 2010
- Ħarġa 5 - Kultivazzjoni tal-kompetittività tas-setturi tal-irziezet, agro-alimentari u tal-forestrija tal-UE - Ottubru 2010
- Ħarġa 4 - L-Iżvilupp Rurali u t-Tibdil fil-Klima - Mejju 2010
- Ħarġa 3 - Id-Diversità Rurali - Jannar 2010
- Ħarġa 2 - Il-Kreattività u l-Innovazzjoni fl-Iżvilupp Rurali tal-UE - Diċembru 2009
- Ħarġa 1 - Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali - Ottubru 2009

### **6.2. Rivista tal-ENRD**

Ir-[Rivista tal-ENRD](#) hija pubblikazzjoni mimlija kuluri għall-partijiet interessati kollha tal-ENRD u għal kull min huwa interessat fl-iżvilupp rurali fl-Unjoni Ewropea. Hija fiha l-aħħar aħbarijiet kollha dwar l-ENRD, sommarju ta' stejjer min-Netwerks Rurali Nazzjonali u l-Gruppi ta' Azzjoni Lokali, artikli topiċi speċjali, kopertura estensiva tal-avvenimenti u illustrazzjonijiet eċċitanti tal-iżvilupp rurali fl-azzjoni. Ir-Rivista tal-ENRD hija disponibbli bl-Ingliż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, it-Taljan, l-Ispanjol u l-Pollakk.

Ħarġiet disponibbli:

- Rivista tal-ENRD - Sajf 2013 Storja prinċipali: Avveniment LEADER 2013

- Rivista tal-ENRD - Rebbiegħa 2013 Storja prinċipali: Il-midja soċjali u l-iżvilupp rurali
- Rivista tal-ENRD - Xitwa 2012/2013 Storja prinċipali: Il-valur miżjud tan-netwerking
- Rivista tal-ENRD - Ħarifa 2012 Storja prinċipali: Immaġni tal-Ewropa Rurali - il-kompetizzjoni tar-ritratti tal-ENRD
- Rivista tal-ENRD - Rebbiegħa Sajf 2012 Storja prinċipali: Avveniment LEADER 2012 L-Istrateġiji għall-Iżvilupp Rurali u l-Kooperazzjoni
- Rivista tal-ENRD - Ħarġa Pilota Storja prinċipali: Il-Komunikazzjoni tal-iżvilupp rurali liċ-ċittadini

### 6.3. Fuljetti ta' Proġetti tal-FAEŻR

L-iskambju ta' informazzjoni dwar l-operazzjonijiet tal-FAEŻR huwa aspett importanti tal-mandat tal-NRNs u tal-ENRD. Il-[Fuljett ta' proġetti tal-FAEŻR](#) jinkoraġġixxi l-iskambju ta' informazzjoni billi jippreżenta eżempji ta' tipi differenti ta' attività għall-iżvilupp rurali li rċeviet kofinanzjament tal-UE mill-FAEŻR. Il-fuljetti huma disponibbli bl-Ingliż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, it-Taljan, l-Ispanjol u l-Pollakk.

Ħarġiet disponibbli:

- L-Inklużjoni soċjali
- Is-Servizzi Ambjentali
- Il-bdiewa żgħażaġħ u ż-żgħażaġħ fl-Ewropa rurali
- Fondi oħra tal-UE
- Il-Forestrija
- L-Ikel
- It-Tkabbir Ekoloġiku
- LEADER
- It-Teknoloġija tal-Infurmazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT)
- Il-FAEŻR

### 6.4. Pubblikazzjonijiet tematiċi

L-ENRD jippubblika b'mod regolari [pubblikazzjonijiet tematiċi](#) u ad hoc li jindirizzaw suġġetti rilevanti u l-aħħar inizjattivi fil-qasam tal-politika ta' żvilupp rurali. Pereżempju, il-fuljett "Il-Politika ta' Żvilupp Rurali f'Ċifri" jipprovdi informazzjoni dwar l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-PŻR. Pubblikazzjonijiet oħra jinkludu "Fatturi ta' suċċess għall-Programmi ta' Żvilupp Rurali l-ġodda", skeda informattiva dwar il-Kontroll tas-Saħħa tal-PAK u l-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku, kif ukoll fuljett li jikkomunika l-politika ta' żvilupp rurali tal-UE.

### 6.5. Gallerija tal-Midja

Il-[gallerija tal-midja awdjoviżiva](#) tinkludi [albums tar-ritratti](#) u [vidjos](#) minn madwar l-Ewropa rurali. Dan jinkludi ritratti mil-laqgħat tal-NRNs, impressjonijiet viżwali mill-kompetizzjoni tar-ritratti "Immaġni tal-Ewropa Rurali", vidjos ta' proġetti tal-FAEŻR u midja sottomessa mill-partijiet interessati tal-ENRD.

### 7. Avvenimenti u Lagħat

L-ENRD organizza u pparteċipa regolarment f'[avvenimenti u lagħat](#) dwar firxa wiesgħa ta' suġġetti relatati mal-iżvilupp rurali, ħa sehem f'[fier](#) u laqa' [viżitaturi](#) fil-Punt ta' Kuntatt tiegħu fi Brussell. Dan jinkludi l-avveniment annwali ta' LEADER u [lagħat speċifiċi](#) organizzati għan-Netwerks Rurali Nazzjonali, il-Gruppi ta' Ħidma Tematiċi, il-Kumitat ta' Koordinazzjoni tal-ENRD, u s-Sottokumitat ta' LEADER.

Tista' ssib informazzjoni aktar dettaljata dwar l-avvenimenti u l-lagħat organizzati minn jew mal-ENRD fis-[sit elettroniku](#).

### 8. Kuntatti

Ġie stabbilit Punt ta' Kuntatt sabiex jipprovdi lill-Kummissjoni Ewropea (Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali) bl-iżvilupp ta' servizzi għan-Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

Fis-sitt sena ta' operazzjoni (Lulju 2013-Lulju 2014), is-segretarjat tal-Punt ta' Kuntatt kien immexxi mill-kap tat-tim Michael Gregory, appoġġat minn Ilias Papageorgiou, Fiorella Giorgiani u Oana Guth.

It-tim għall-iżvilupp tal-għarfien/analiżi tal-politika pprovda appoġġ għal-laqqhat tal-[Gruppi ta' Ħidma Tematiċi](#) u tal-esperti, iwettaq analiżi u sommarju tal-programmi. It-tim ipproduċa wkoll l-[Indikaturi għall-Monitoraġġ](#). Il-grupp, immexxi minn Fabio Cossu, kien magħmul minn Mara Lai, Preslav Petkov, u Alexandros Papakonstantinou.

It-tim għall-kondiviżjoni tal-għarfien/komunikazzjoni ħadem fuq is-sit elettroniku tal-ENRD u l-għodod dinamiċi tiegħu, il-linja tal-informazzjoni, [seminars u konferenzi](#), [pubblikazzjonijiet](#) u l-aħbarijiet dwar l-ENRD. Il-grupp, immexxi minn Peter Toth, kien iffurmat minn Pascale van Doren, Kasia Panfil, Tim Hudson, Eva Soriano, Ryoko Abe, Virginie Sarah Viaene, Ana Nechita u Derek MGlynn.

It-tim għall-iskambju tal-għarfien/netwerking u kooperazzjoni appoġġa l-kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati, il-[kooperazzjoni transnazzjonali](#), u l-[kollegament bejn in-Netwerks Rurali Nazzjonali](#). It-tim, immexxi minn Edina Ocsko, kien jikkonsisti minn Ines Jordana, Elena Maccioni, u Marina Brakalova.

It-tim għas-sit elettroniku kien immexxi minn Kostas Zapis, bil-membri tat-tim Sandrine Duquenoy, Stephen Parengkuan, Yves Delangre u Magali Stas.